


# BULLETTIN
*ta'*
# L-ARĊIDJOĊESI
*u*
# LITURĠIJA
*tal-*
# KELMA

**Nru. 87**
**Avvent 1995**

# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI U LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 87** **Avvent 1995**

## WERREJ

Ittra tal-Papa lin-nisa ... 1
Messaġġ tal-Papa għal Jum l-Emigranti 1995-1996 ... 11
Ittra pastorali għal Santa Marija ... 15
Stqarrija dwar l-inseminazzjoni artifiċjali ... 19
Tariffi tat-Tribunal Ekkleżjastiku ... 20
Messaġġ lill-Pulizija ... 21
Messaġġ dwar il-Forum ta' l-għaqdiet ... 24
Anniversarju ta' l-Aġenzija "Sedqa" ... 26
Assemblea Mondjali tal-Familji ... 28
Riservi dwar "Malta in the Making" ... 34
Stqarrija dwar ġbir ta' flus ... 35
Ċirkolarijiet tal-Kurja ... 37
Ittra lill-mara mill-Forum ta' l-għaqdiet ... 40
Nomini tal-Kurja ... 41
Rapport tal-Kummissjoni Kateketika 1994 ... 42
Programm ta' korsijiet għall-Ministeru tal-Kelma 1995-96 ... 53
Rapport tal-Caritas Malta 1994 ... 56
Eżempju ta' Omeliji ... 64
Intenzjonijiet ta' appostolat tat-Talb 1996 ... 97

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 87 Avvent 1995

# ITTRA TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II LIN-NISA

**Inselmilkom b'qalbi kollha intom in-nisa fid-dinja kollha.**

1. Qed nikteb din l-ittra lil kull waħda minnkom b'sinjal ta' solidarjetà u ta' radd il-ħajr lejlet ir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa li se ssir f'Beijing f'Settembru li ġej.

Qabel xejn irrid nuri l-**apprezzament kbir** tiegħi lill-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda għal din il-ġrajja ta' tifsir hekk kbir. Il-Knisja min-naħa tagħha tixtieq tgħin biex ikunu mħarsa d-dinjità, il-ħidma u d-drittijiet tan-nisa, mhux biss bil-ħidma speċifika tad-Delegazzjoni uffiċjali tas-Santa Sede għall-Konferenza ta' Beijing, imma wkoll billi tkellem direttament lill-qalb u lill-fehma ta' kull mara. Dan l-aħħar, meta s-sinjura **Gertrude Mongella**, Segretarja Ġenerali tal-Konferenza, ġiet iżżurni minħabba l-laqgħa ta' Beijing, tajtha Messaġġ miktub fejn semmejt il-punti fundamentali tat-tagħlim tal-Knisja dwar il-problemi tal-mara. Il-messaġġ, minbarra ċ-ċirkostanza speċifika li wasslet għalih, kien dwar dehra aktar wiesgħa tal-qagħda u tal-problemi tan-**nisa b'mod ġenerali**, bil-ħsieb biex tiġi 'l quddiem **il-kawża** tan-nisa fil-Knisja u fid-dinja ta' llum. Għalhekk ħsibt li dan il-Messaġġ nibagħtu lill-Konferenzi Episkopali kollha, biex jinxtered kullimkien kemm jista' jkun.

Jiena u ntenni l-punti li semmejt f'dak id-dokument, irrid issa **nkellem direttament kull mara** biex magħha naħseb fuq il-problemi u l-prospetti ta' dak li jfisser tkun mara fiż-żmien ta' llum. B'mod partikulari rrid inqis il-problema essenzjali tad-**dinjità** u tad-**drittijiet** tan-nisa fid-dawl tal-kelma ta' Alla.

Dan id-"djalogu" verament jeħtieġlu jibda b'kelma ta' radd il-ħajr. Kif kont ktibt fl-Ittra Appostolika tiegħi **Mulieris dignitatem**, il-Knisja "tixtieq trodd ħajr lit-Trinità Qaddisa għall-misteru tal-mara", għal kull mara – għal dak kollu li jagħtiha għal dejjem id-dinjità tagħha ta' mara, għall-"għemejjel kbar ta' Alla" li fil-ġrajja kollha tal-bniedem "seħħu fiha u permezz tagħha" (n.31).

2. Dan ir-radd ta' ħajr lill-Mulej għall-pjan misterjuż tiegħu dwar il-vokazzjoni u l-missjoni tan-nisa fid-dinja hu fl-istess waqt radd ta' ħajr dirett bil-fatti lin-nisa kollha, lil kull mara, għal dak kollu li jfissru fil-ħajja ta' l-umanità.

Grazzi lilkom, **nisa li intom ommijiet!** Tajtu kenn lill-bnedmin fikom stess f'esperjenza m'hemmx oħra bħalha ta' hena u ta' tiġrib. Din l-esperjenza tagħmilkom it-tbissima ta' Alla nnifsu għat-tarbija għadha titwieled, dak li jmexxi l-ewwel passi tat-tarbija tagħkom, li jgħinha tikber, u li hu l-ankra waqt li t-tarbija tibda l-mixi tagħha fit-triq tal-ħajja. Grazzi lilkom, **nisa ta' l-irġiel tagħkom fiż-żwieġ!** Intom irbattu b'mod li ma jista' qatt jinħall il-ġejjieni tagħkom ma' dak ta' l-irġiel tagħkom, f'relazzjoni ta' għoti lil xulxin, għall-qadi ta' l-imħabba u l-ħajja.

Grazzi lilkom, **nisa li intom ulied** u lilkom **nisa li intom aħwa!** Fil-qalba tal-familja u mbagħad f'dik ukoll tas-soċjetà, iġġibu l-għana tas-sensibbiltà tagħkom, tal-ġenerożità tagħkom, tal-fedeltà tagħkom.

Grazzi lilkom, **nisa li taħdmu!** Intom tinsabu f'kull qasam tal-ħajja – soċjali, ekonomiku, kulturali, artistiku u politiku. B'dan il-mod tagħtu kontribut li ma nistgħux ngħaddu mingħajru għall-kobor ta' kultura li tgħaqqad ir-raġuni mas-sentimenti, għal sura ta' ħajja dejjem miftuħa għas-sena tal-"misteru", ħa jitwaqfu strutturi ekonomiċi u politiċi dejjem aktar jixirqu l-ġens kollu tal-bnedmin.

Grazzi lilkom, **intom in-nisa konsagrati!** Intom u mexjin fuq l-eżempju ta' l-akbar fost in-nisa, Omm Ġesù Kristu, il-Verb magħmul bniedem, tinfetħu għall-ubbidjenza u għall-fedeltà lejn id-don ta' l-imħabba ta' Alla. Tgħinu l-Knisja u l-ġens kollu tal-bnedmin biex iħossu relazzjoni ta' "għerusija" ma' Alla, relazzjoni li tfisser b'mod tassew ta' l-għaġeb ir-rabta li Alla jrid ikollu mal-ħlejjaq tiegħu.

Grazzi lilkom, intom **in-nisa kollha**, għall-fatt biss li intom **nisa!** Bil-mod kif intom taraw il-ħajja madwarkom intom twasslu biex jistagħnu l-fehmiet tad-dinja u tgħinu biex ir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin ikunu aktar onesti u veri.

3. Naf li mhux biżżejjed tgħid grazzi. Diżgrazzjatament aħna werrieta ta' ġrajja li **kkundizzjonatna** b'mod tassew ta' l-għaġeb. F'kull żmien u f'kullimkien, dan il-kundizzjonament fixkel il-progress tal-mara. Id-dinjità tal-mara spiss ma ġietx magħrufa, u l-prerogattivi tagħhom ġew imfissrin ħażin; ġew imwarrbin fit-truf tas-soċjetà u saħansitra ġew imjassra. Dan wassal biex in-nisa ma jkunux tassew dak li huma, u dan ġab il-faqar spiritwali ta' l-umanità. Veru li m'hijiex ħaġa ħafifa tgħid dan ta' min hu t-tort, meta naraw tant kundizzjonament kulturali tul iż-żminijiet li fasslu l-ħsieb u l-għemil tagħna. U jekk fil-fatt xi ħtija, speċjalment f'ċirkostanzi storiċi partikulari, hi mhux ta' xi ftit membri biss tal-Knisja, jien tassew

jisgħobbini ta' dan. J'alla din is-sogħba tiegħi tinbidel, min-naħa tal-Knisja kollha, f'impenn imġedded ta' fedeltà lejn id-dehra ta' l-Evanġelju. Meta niġu biex neħilsu l-mara minn kull sura ta' sfruttament u ta' ħakma, l-Evanġelju fih messaġġ li jeħodna **għall-imġiba ta' Kristu nnifsu.** Ġesù mar 'l hemm mir-regoli stabbiliti tal-kultura tiegħu, u ttratta lin-nisa b'mod miftuħ, b'rispett, aċċettazzjoni u ħlewwa. B'dan il-mod ta ġieħ lid-dinjità li n-nisa dejjem kellhom fil-pjan ta' Alla u f'imħabbtu. Meta nħarsu lejn Kristu f'għeluq it-tieni elf sena, ħaġa naturali nistaqsu lilna nfusna kemm instema' l-messaġġ tiegħu u kemm ġie mwieġeb.

Iva, issa huwa l-waqt li **nezaminaw l-imgħoddi b'kuraġġ** biex naraw ta' min hi r-responsabbiltà, aħna u nqisu l-ġrajja twila ta' l-umanità kollha. Il-kontribut tan-nisa f'din il-ġrajja hu daqs dak ta' l-irġiel, u dan, aktar spiss milli le, għamluh f'kundizzjonijiet aktar ebsin. B'mod partikulari ħsiebi hu f'dawk in-nisa li kienu jħobbu l-kultura u l-arti, u ddedikaw ħajjithom għalihom, minkejja li kienu fi żvantaġġ sa mill-bidu, għax ma kellhomx l-istess opportunitajiet edukattivi, ma kenux stmati biżżejjed, kienu injurati u lanqas mogħtijin ġieħ għall-kontributi intellettwali tagħhom. Diżgrazzjatament, ftit rebħiet miksuba min-nisa fl-istorja huma msemmijin mix-xjenza ta' l-istorja. Iżda wkoll jekk iż-żmien qered xhieda dokumentata ta' dak li kisbu n-nisa, l-influwenza benefika tagħhom tinħass bħala qawwa li sawwret il-ħajja ta' tant ġenerazzjonijiet, waħda wara l-oħra, sa żmienna. L-umanità għandha dejn li qatt ma hu se jitħallas ma' din it-"tradizzjoni" kbira, immensa tan-nisa. U b'dan kollu, kemm nisa kienu u għadhom jitqiesu li huma ta' siwi aktar għad-dehra fiżika tagħhom milli għall-ħila, għall-professjonaliżmu, għall-kwalitajiet intellettwali u għas-sensittività kbira tagħhom, f'kelma waħda, għad-dinjità tagħhom bħala esseri umani.

4. U x'ngħidu għat-tfixkil li f'ħafna postijiet tad-dinja ma jħallix in-nisa jkollhom post sħiħ fil-ħajja soċjali, politika u ekonomika? Biżżejjed naħsbu kif id-don tal-maternità hu spiss ikkastigat aktar milli mogħti ġieħ, minkejja li l-umanità tista' tibqa' teżisti biss permezz ta' dan id-don tal-maternità. Żgur għad hemm ħafna xi jsir biex ma jkunx hemm aktar diskriminazzjoni kontra dawk li għażlu jkunu nisa miżżewġa u ommijiet. Jekk niġu għad-drittijiet personali, hemm ħtieġa li minnufih isseħħ **ugwaljanza vera** fl-oqsma kollha: l-istess paga għall-istess xogħol, ħarsien għall-ommijiet li jaħdmu, ġustizzja fejn jidħlu avanzamenti fil-karriera, ugwaljanza tal-miżżewġin dwar id-drittijiet tal-familja u għarfien f'dak kollu li hu parti mid-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini fi stat demokratiku.

Din hi kwistjoni ta' ġustizzja imma wkoll kwistjoni ta' ħtieġa. In-nisa se jkollhom parti dejjem aqwa fis-soluzzjoni tal-problemi kbar tal-ġejjieni: il-ħin tal-mistrieħ, is-sura tal-ħajja, l-emigrazzjoni, is-servizzi soċjali, l-

ewtanasja, id-drogi, is-saħħa, l-ekoloġija u l-bqija. F'dawn l-oqsma kollha numru akbar ta' nisa preżenti fis-soċjetà jkun ta' siwi kbir, għax jgħinu biex joħorġu fil-beraħ il-kontradizzjonijiet li hemm f'soċjetà organizzata biss fuq kriterji ta' effiċjenza u produttività, u twassal biex is-sistemi jiġu mfassla mill-ġdid b'mod li jgħin il-proċessi ta' umanizzazzjoni li juru "ċiviltà ta' mħabba".

5. Imbagħad, jekk inħarsu lejn l-aspetti l-aktar sensittivi tal-qagħda tan-nisa fid-dinja, kif ma nsemmux il-ġrajja twila u degradanti, spiss moħbija, tal-vjolenza kontra n-nisa fil-qasam tas-sesswalità? Fuq l-għatba tat-tielet elf sena ma nistgħux nibqgħu indifferenti u naċċettaw dan il-fenomenu. Wasal iż-żmien li nikkundannaw bil-qawwa kollha dawk is-suriet ta' **vjolenza sesswali** li spiss jolqtu n-nisa u li jkun hemm liġijiet li effettivament jiddefenduhom minn vjolenza bħal din. U lanqas għandna nonqsu, f'ġieħ ir-rispett li jistħoqq lill-persuna umana, li nikkundannaw il-kultura edonistika u kummerċjali tant imxerrda li tħajjar għall-isfruttament sistematiku tas-sesswalità u tħajjar saħansitra tfajliet żgħar biex joffru ġisimhom għall-qligħ.

Kontra dawn is-suriet kollha ta' perversjoni, kemm għandna napprezzaw dawk in-nisa li b'imħabba kuraġġuża għat-tarbija li tnisslet fihom wara li ġew vjolentati, iħallu t-tqala tkompli. Ħsiebi hawn hu mhux biss f'atroċitajiet li jsiru fi żmien ta' gwerra li għadha hekk komuni fid-dinja, imma wkoll f'soċjetajiet imberkin bi prosperità u paċi, iżda spiss imħassrin minn kultura ta' permissività edonistika li tkabbar it-tendenza għall-imġiba aggressiva ta' l-irġiel. F'każi bħal dawn l-għażla ta' l-abort tibqa' dejjem dnub gravi. Iżda qabel ngħabbu l-mara bil-ħtija ta' dan id-delitt, irridu ngħidu li tiegħu hu ħati r-raġel u l-kompliċità ta' l-ambjent soċjali ġenerali.

6. Il-kelma tiegħi ta' grazzi lin-nisa għalhekk issir **appell ħerqan** lil kulħadd, u b'mod speċjali, lill-Istati u lill-istituzzjonijiet internazzjonali biex isir kull sforz ħalli n-nisa jiksbu r-rispett sħiħ għad-dinjità u l-ħidma tagħhom. Hawn ma nistax ma nurix l-ammirazzjoni tiegħi għal dawn in-nisa ta' rieda tajba li ddedikaw ħajjithom ħa jħarsu d-dinjità tal-mara billi ġġieldu għad-drittijiet soċjali, ekonomiċi u politiċi fundamentali tan-nisa u wrew inizjattiva kuraġġuża fi żminijiet meta dan kien meqjus bħala xi ħaġa li ma kienet xejn f'postha, bħala sinjal ta' nuqqas ta' femminilità, bħala wirja u esibizzjoniżmu, saħansitra bħala dnub!

Fil-**Messaġġ Dinji għall-Jum il-Paċi** ta' din is-sena, għidt li meta wieħed iħares lejn il-progress kbir li sar għall-ħelsien tal-mara għandu jara li "t-triq kienet iebsa u komplikata ħafna u, xi drabi, mhux nieqsa minn żbalji, iżda sostanzjalment kienet mixja pożittiva wkoll jekk għad ma waslitx għat-tmiem tagħha minħabba 'l ħafna tfixkil li, f'ħafna partijiet

tad-dinja, ma jħallux lin-nisa tiġihom magħrufa d-dinjità speċjali tagħhom u jkunu rispettati u apprezzati" (n.4).

Il-mixja trid tkompli sejra! U jiena konvint li s-sigriet biex ikun hemm progress kemm jista' jkun malajr ħalli n-nisa jiksbu r-rispett li jistħoqqilhom fihom infushom u għad-dinjità tagħhom, m'huwiex biss il-kundanna ta' kull diskriminazzjoni u inġustizzja, għalkemm din hi meħtieġa. Dan ir-rispett irid l-ewwel u qabel xejn jinkiseb permezz ta' **kampanja** effettiva u intelliġenti għall-**promozzjoni tan-nisa,** kampanja li tikkonċentra fuq l-oqsma kollha tal-ħajja tal-mara u tibda **b'għarfien universali tad-dinjità tal-mara.** Il-ħila li nagħrfu din id-dinjità, minkejja li nkunu kundizzjonati storikament, tiġina mill-istess raġuni tagħna, għax biha kapaċi nifhmu l-liġi ta' Alla miktuba fil-qalb ta' kull bniedem. Wisq aktar minn kull ħaġa oħra, il-kelma ta' Alla tgħinna nifhmu sewwa l-**pedament antropoloġiku** aħħari tad-dinjità tal-mara, għax turihulna bħala parti mill-pjan ta' Alla għall-umanità.

7. Għeżież ħuti nisa, ejjew naħsbu flimkien mill-ġdid fuq dik is-silta mill-Iskrittura li tkellimna fuq il-ħolqien tar-razza umana u li tgħidilna ħafna dwar id-dinjità u l-missjoni tagħkom fid-dinja.

Il-Ktieb tal-Ġenesi jitkellem fil-qasir ħafna fuq il-ħolqien, bi kliem li hu poetiku u simboliku, iżda veru ħafna. "Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihietu, fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom" (Ġen 1, 27). L-għemil tal-ħolqien sar skond pjan preċiż. L-ewwelnett smajna li l-bniedem inħalaq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla (ara Ġen 1, 26). Dawn il-kelmiet mill-ewwel juru b'mod ċar **x'inhu dak li jagħżel il-bniedem mill-bqija tal-ħlejjaq.** Imbagħad nisimgħu li sa mill-bidu Alla "raġel u mara ħalaqhom" (Ġen 1, 27). L-istess Skrittura tagħtina t-tifsir ta' dan ukoll: Il-bniedem hu mdawwar minn għadd kbir ta' ħlejjaq iżda jħoss ruħu **waħdu** (ara Ġen 2, 20). Alla jindaħal biex jeħilsu minn din il-qagħda ta' waħdu: **"Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih"** (Ġen 2, 18). Il-ħolqien tal-mara b'hekk jidher sa mill-bidu bħala **prinċipju ta' għajnuna:** għajnuna mhux għal naħa waħda, imma għajnuna **għal xuxlin.** Il-mara hi komplementari għar-raġel, kif ir-raġel hu komplementari għall-mara: l-irġiel u n-nisa huma **komplementari għal xulxin.** Il-mara turi l-umanità tagħha kif ir-raġel juri l-umanità tiegħu, iżda mhux bl-istess mod, imma b'mod komplimentarju għal xulxin.

Meta l-Ktieb tal-Ġenesi jitkellem dwar għajnuna, mhux qed jitkellem dwar **għemil** biss imma wkoll dwar **ħajja.** Ir-raġel u l-mara komplementari għal xulxin **mhux biss fiżikament u psikoloġikament,** imma wkoll **ontoloġikament.** Hu biss permezz tal-"maskulinità" u l-"femminilità" li l-"umanità" tilħaq il-milja kollha tagħha.

8. Wara li ħalaqhom raġel u mara, qalilhom: **"Imlew l-art u**

**aħkmuha"** (Ġen 1, 28). Mhux biss tahom is-setgħa li jnisslu biex jitkattar il-ġens tal-bnedmin tul iż-żminijiet, **imma tahom ukoll l-art u ordnalhom jużaw ir-riżorsi tagħha b'mod responsabbli.** Bħala esseri raġjonevoli u ħieles, il-bniedem hu mṣejjaħ biex ibiddel il-wiċċ ta' l-art. F'din il-ħidma, li essenzjalment hi ħidma kulturali, ir-raġel u l-mara għandhom responsabbiltà ndaqs sa mill-bidu. Fir-relazzjoni tagħhom bħala raġel u mara, relazzjoni li tagħti l-frott, il-ħidma komuni tagħhom hi dik li jaħkmu fuq l-art, iżda dan la permezz ta' ugwaljanza statika u kollha kemm hi l-istess f'kollox, u lanqas permezz ta' differenzi li bl-ebda mod ma jaqblu ma' xulxin u huma dejjem f'konflitt bejniethom. Ir-relazzjoni l-aktar naturali tagħhom, li twieġeb għall-pjan ta' Alla, hi "l-għaqda tat-tnejn", relazzjoni "waħda ta' tnejn", relazzjoni li għalhekk tagħti lit-tnejn l-esperjenza li jaraw ir-relazzjoni bejniethom u għal xulxin bħala persuni, bħala don li bih jistagħnu u li tgħabbihom b'responsabbiltà.

Lil din "l-għaqda ta' tnejn" Alla ried jafda mhux biss il-prokreazzjoni u l-ħajja tal-familja, imma wkoll il-ħolqien ta' **l-istorja nnifisha. Waqt li l-Jum Internazzjonali tal-Familja fl-1994** xeħet l-attenzjoni tiegħu fuq in-nisa bħala ommijiet. Il-Konferenza ta' Beijing, li bħala suġġett għandha "Ħidma għall-Ugwaljanza, l-Iżvilupp u l-Paċi" hi okkażjoni mill-aħjar biex nintebħu dejjem aktar **bil-ħafna kontributi li n-nisa jagħtu lill-ħajja ta' ħafna soċjetajiet u nazzjonijiet.** Dawn il-kontributi huma l-aktar ta' natura spiritwali u kulturali, imma wkoll ta' natura soċjo-politika u ekonomika.

Il-ħafna oqsma tas-soċjetà, tan-nazzjonijiet u ta' l-Istati u l-progress ta' l-umanità kollha kemm hi, żgur għandhom dejn tassew kbir man-nisa għall-kontribut tagħhom!

9. Ġeneralment il-progress jitqies skond il-kriterji tax-xjenza u tat-teknoloġija. U f'dan il-qasam ukoll il-kontribut tan-nisa ma kienx ta' min iwarrbu. U madankollu, dan mhux l-uniku qjies tal-progress, lanqas l-aqwa wieħed. Wisq aktar importanti hi **d-dimensjoni soċjali u etika,** li hi dwar ir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom u dwar valuri spiritwali. F'dan il-qasam, li spiss jiġi 'l quddiem b'mod li ħadd ma jintebaħ bih, u jibda mir-relazzjonijiet ta' kuljum li jkollhom in-nisa bejniethom, speċjalment fi ħdan il-familja, is-soċjetà għandha dejn kbir mal-**"ġenju tan-nisa".**

Hawn irrid nuri l-apprezzament partikulari tiegħi għal dawk in-nisa impenjati fil-ħafna **oqsma ta' l-edukazzjoni** li huma barra mill-familja: il-*kindergartens,* l-iskejjel, l-universitajiet, is-servizzi soċjali, il-parroċċi, l-assoċjazzjonijiet, il-movimenti. Meta hi meħtieġa ħidma edukattiva, żgur naraw in-nisa dejjem lesti joffru lilhom infushom lill-oħrajn bil-qalb kollha, speċjalment biex jgħinu lil dawk li huma l-aktar dgħajfa u neqsin minn

kull ħarsien. F'din il-ħidma huma juru sura ta' **maternità affettiva, kulturali u spiritwali** li hi ta' siwi bla qies għall-iżvilupp ta' l-individwi u għall-ġejjieni tas-soċjetà. Kif ma nistax ma nsemmix hawn ix-xhieda ta' tant nisa kattoliċi u ta' tant Kongregazzjonijiet Reliġjużi tan-nisa f'kull kontinent, li għażlu bħala appostolat ewlieni tagħhom l-edukazzjoni, partikolarment l-edukazzjoni tat-tfal bniet u subien? Kif ma nistax ma niftakarx b'ħajr fin-nisa kollha li ħadmu u qed jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, mhux biss f'istituti organizzati mill-aħjar imma wkoll f'ċirkostanzi fejn xejn ma hu żgur, fl-ifqar pajjiżi tad-dinja, u hekk urew spirtu ta' qadi li ħafna drabi hu qrib il-martirju?

10. Hi għalhekk tama tiegħi, għeżież ħuti nisa, li intom taħsbu tassew x'jiġifieri l-"**ġenju tan-nisa,**" mhux biss biex taraw f'dawn it-tliet kelmiet parti speċifika tal-pjan ta' Alla li jrid jiġi aċċettat u apprezzat, imma wkoll biex dan il-ġenju jidher dejjem aktar aħjar fil-ħajja tas-soċjetà kollha kemm hi, u fil-ħajja tal-Knisja wkoll. Dan issemma ta' spiss tul is-**Sena Marjana** u jiena stess tkellimt fuqu fit-tul fl-Ittra Appostolika tiegħi **Mulieris dignitatem** (1988). Barra dan, din is-sena fl-Ittra li soltu nibgħat lis-saċerdoti għal Ħamis ix-Xirka, stedinthom jerġgħu jaqraw il-**Mulieris dignitatem** u jaħsbu fuq il-ħidmiet importanti li għandhom in-nisa fil-ħajja bħala ommijiet, aħwa u ħaddiema ma' l-irġiel fl-appostolat. Dan hu aspett ieħor – li m'huwiex l-istess ħaġa bħall-aspett konjugali, imma wkoll importanti ħafna – ta' dik l-"għajnuna" li skond il-Ktieb tal-Ġenesi, in-nisa huma msejħin biex jagħtu lill-irġiel.

**Il-Knisja f'Marija tara l-ogħla espressjoni ta' dan "il-ġenju tal-mara"** u fiha tara għajn ta' ispirazzjoni li ma tieqaf qatt. Marija sejħet lilha nfisha "il-qaddejja tal-Mulej" (Lq1, 38). Bl-ubbidjenza tagħha għall-Kelma ta' Alla aċċettat il-vokazzjoni għolja imma iebsa tagħha bħala mara u omm fi ħdan il-familja ta' Nazaret. Imħejjija biex taqdi lil Alla, kienet lesta biex taqdi wkoll lill-oħrajn: **qadi ta' mħabba.** Proprju permezz ta' dan il-qadi Marija kellha f'ħajjitha l-esperjenza ta' "saltna" vera u misterjuża. Mhux b'kumbinazzjoni tissejjaħ "Sultana tas-sema u ta' l-art". Il-ġemgħa kollha ta' dawk li jemmnu, hekk issejħilha; ħafna nazzjonijiet u popli jsejħulha is-"Sultana" tagħhom. **Għaliha, issaltan ifisser taqdi! Il-qadi tagħha hu li ssaltan.**

Hu b'dan il-mod li rridu nifhmu l-awtorità, kemm fil-familja u kemm fis-soċjetà u fil-Knisja. Il-vokazzjoni fundamentali ta' kull persuna turi ruħha f'din is-"saltna", għax kull persuna ġiet maħluqa skond ix-"xbieha" ta' Dak li hu waħdu s-Sid tas-sema u l-art u hi msejjħa biex tkun iben adottiv jew bint adottiva tiegħu fi Kristu. Il-bniedem hu l-kreatura waħdanija li "Alla riedha għaliha nfisha", kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II; li jżid jgħid ukoll b'mod li jfisser ħafna li l-bniedem "ma jasalx biex

jagħraf lilu nnifsu kollu kemm hu jekk ma joffrix lilu nnifsu bħala don ħiereġ mill-qalb" (**Gaudium et spes**, 24).

Is-saltna "materna" ta' Marija hi din: Hi li tul l-eżistenza kollha tagħha kienet don għal Binha, **saret ukoll don għall-ulied kollha tal-ġens kollu tal-bnedmin,** hija u tqanqal fiduċja kbira f'dawk kollha li jfittxuha biex tmexxihom fit-triqat imwiegħra tal-ħajja, fil-mixi tagħhom lejn id-destin definittiv u traxxendenti tagħhom. Kull wieħed jilħaq **dan l-għan aħħari tiegħu** jekk iħares b'fedeltà l-vokazzjoni tiegħu: dan il-għan jagħti tifsir u direzzjoni l-istess lill-ħidmiet ta' l-irġiel u n-nisa fuq l-art.

11. Fid-dawl ta' dan il-qadi" – li jekk magħmul b'mod ħieles, b'imħabba u reċiproċità juri tassew in-natura "regali" tal-bniedem – wieħed jista' wkoll japprezza li hemm **ċerta diversità fid-dmirijiet** mingħajr ma dan ikun ta' preġudizzju għan-nisa, sakemm din id-diversità ma tkunx ġejja minn xi impożizzjoni arbitrarja, imma tkun aktarx espressjoni ta' dak li hu speċifiku għar-raġel u għall-mara. Din il-ħaġa għandha wkoll applikazzjoni partikulari fi ħdan il-Knisja. Jekk Kristu – b'għażla ħielsa u sovrana li tagħha jagħtuna xhieda ċara kemm l-Evanġelju u kemm it-Tradizzjoni kostanti tal-Knisja – ried jagħti lill-irġiel biss il-ħidma li jkunu **"ikona" ta' wiċċu bħala "ragħaj" u "għarus" tal-Knisja permezz tal-qadi tas-saċerdozju ministerjali,** dan bl-ebda mod ma naqqas xejn mid-drittijiet tan-nisa jew ukoll mid-drittijiet tal-membri l-oħra tal-Knisja, li ma ġewx ordnati għall-ministeru mqaddes, la darba **lkoll** għandhom sehem indaqs mid-dinjità proprja tas-**saċerdozju komuni** li għandu s-sisien tiegħu fil-Magħmudija. Din l-għażla fid-drittijiet m'għandniex inħarsu lejha skond il-kriterju tal-funzjonalità li hu tipiku tas-soċjetajiet tal-bnedmin. Iżda rridu nifhmuh skond il-kriterji partikulari ta' l-**ekonomija sagramentali,** jiġifieri skond l-ekonomija tas-"sinjali" li Alla minn rajh jagħżel biex ikun preżenti f'nofs il-bnedmin.

Barra dan, proprju skond din l-ekonomija tas-sinjali, 'l hemm ukoll mill-qasam sagramentali, hemm tifsir tassew għoli għal dak li hi l-mara, kif għexitu b'mod l-aktar sublimi Marija. Infatti fil-mara li temmen, u b'mod speċjali fil-mara li hi konsagrata, hemm sura ta' "profezija" (ara **Mulieris dignitatem**, 29), simboliżmu ta' qawwa liema bħalha, "karattru ta' ikona" li jfisser ħafna, li jsib il-milja sħiħa tiegħu f'Marija, u jfisser ukoll sewwa l-essenza tal-Knisja bħala Komunità konsagrata b'qalb **verġinali** sħiħa biex tkun **"l-għarusa"** ta' Kristu u omm dawk kollha li jemmnu. Meta nqisu sewwa l-"ikona" tal-ħidma tar-raġel u l-"ikona" tal-ħidma tal-mara li huma komplementari għal xulxin, jidhru aħjar tnejn mid-dimensjonijiet essenzjali tal-Knisja: id-dimensjoni "Marjana" u d-dimensjoni appostolika ta' San Pietru (ara **ibid**, 27).

Min-naħa l-oħra – kif ktibt lis-saċerdoti fl-ittra ta' Ħamis ix-Xirka ta' din

is-sena – is-saċerdozju ministerjali, skond il-pjan ta' Alla "m'huwiex xi espressjoni ta' ħakma, imma ta' servizz" (n. 7). Il-Knisja teħtieġ minnufih, fit-tiġdid tagħha ta' kuljum fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, li turi dejjem aktar l-importanza ta' din il-ħaġa, kemm billi ġġib 'il quddiem spirtu ta' xirka u kemm billi tieħu hsieb dawk il-mezzi kollha ta' tisħib li huma proprju tagħha, u kemm billi tirrispetta u ġġib 'il quddiem 'il ħafna kariżmi personali u komunitarji li l-Ispirtu ta' Alla jqassam għall-bini tal-komunità nisranija u għall-qadi tal-ġens kollu tal-bnedmin.

F'dan il-qasam ta' servizz, il-Knisja tul l-elfejn sena ta' l-istorja tagħha, minkejja l-kundizzjonamenti kollha ta' l-istorja, rat tassew bl-esperjenza tagħha x'inhu l-"ġenju tal-mara"; minn qalb il-Knisja ħarġu nisa ta' qawwa kbira li ħallew impressjoni kbira u kienu ta' benefiċċju liema bħalu fl-istorja tad-dinja. Ħsiebi jmur fil-kotra l-kbira tan-nisa martri, qaddisin, u mistiċi magħrufa. B'mod partikulari ħsiebi jmur f'Santa Katerina ta' Siena u f'Santa Tereża ta' Avila: lilhom il-Papa Pawlu VI żejjinhom bit-titlu ta' Dutturi tal-Knisja. U kif nistgħu ninsew 'il ħafna nisa, ispirati mill-fidi tagħhom, li kienu responsabbli ta' inizjattivi ta' importanza soċjali straordinarja, l-aktar biex jaqdu l-ifqar fost il-foqra? Il-ħajja tal-Knisja fit-tielet elf sena żgur mhux se tkun nieqsa minn wirjiet ġodda u ta' l-għaġeb tal-"ġenju tal-mara."

12. Qed taraw mela, ħuti nisa, x'raġuni għandha l-Knisja li tittama ħafna li l-Konferenza tal-Ġnus Magħquda f'Beijing **turi l-verità sħiħa dwar il-mara.** Trid tingħata importanza speċjali lill-"ġenju tal-mara", mhux biss billi jiġu mfakkra n-nisa kbar u magħrufin ta' l-imgħoddi u ta' llum, imma wkoll dawk in-nisa **ordinarji** li juru x'inhu d-don tan-natura tagħhom ta' nisa billi jaqdu lill-oħrajn fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Meta l-mara kull jum tagħti lilha nfisha lill-oħrajn, hi tkun tgħix l-ogħla vokazzjoni tagħha. Aktar mill-irġiel, in-nisa **jaċċettaw il-persuna,** għax huma persuni fil-fond ta' qalbhom. Jaraw 'l hemm minn kull sistema ideoloġika jew politika. Jaraw lill-oħrajn fil-kobor kollu tagħhom u fil-limitazzjonijiet kollha tagħhom, u jersqu lejhom biex **jgħinuhom.** B'dan il-mod il-pjan fundamentali tal-Ħallieq iseħħ fl-istorja ta' l-umanità u fiha kontinwament, fil-varjetà tal-vokazzjonijiet tal-mara, jidher dak il-**ġmiel** – mhux biss fiżiku, iżda fuq kollox spiritwali – li Alla sa mill-bidu ta lil kulħadd, u b'mod partikulari lill-mara. Waqt li fit-talb tiegħi nafda lil Alla s-suċċess tal-laqgħa importanti ta' Beijing, jien nistieden il-**komunitajiet ekkleżjali** kollha biex din is-sena jagħmluha sena ta' radd il-ħajr mill-qalb lill-Ħallieq u l-Feddej tad-dinja għad-don ta' **dan it-teżor** kbir li hi l-mara. Fl-aspetti kollha tagħha, il-mara hi parti essenzjali mill-wirt ta' l-umanità u ta' l-istess Knisja.

Jalla Marija, is-Sultana ta' l-imħabba, tħares in-nisa kollha u l-missjoni

tagħhom għall-qadi tal-ġens kollu tal-bnedmin, għall-paċi, għax-xandir tas-Saltna ta' Alla! Bil-barka tiegħi.

Mill-Vatikan, 29 ta' Ġunju 1995, fis-solennità ta' San Pietru u San Pawl.

IOANNES PAULUS PPII

# Messaġġ tal-Papa għal Jum l-Emigrant 1996

Għeżież ħuti,

1. Il-fenomenu ta' l-emigrazzjoni, bil-problemi kollha tiegħu, jimpenja, illum aktar milli fl-imgħoddi, kemm il-komunità internazzjonali u kemm kull wieħed mill-Istati tad-dinja. Dawn aktarx jindaħlu fil-problemi billi jħarxu s-sistemi ta' kontroll li għandhom fuq il-fruntieri tagħhom u hekk l-imigrazzjoni titlef dik id-dimensjoni ta' żvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali li jmissu jkollha skond l-istorja, tant li dejjem inqas qed nitkellmu dwar il-qagħda ta' "emigranti" mill-pajjiżi minn fejn ikunu ġejjin, u dejjem aktar qed nitkellmu fuq "imigrati" b'riferenza għall-problemi li joħolqu fil-pajjiżi fejn imorru jgħixu.

L-imigrazzjoni qed tieħu sura ta' emerġenza soċjali, l-aktar għax qed jikber l-għadd ta' "imigranti irregolari", imigrazzjoni li dejjem aktar qed tiżdied minkejja l-ħafna restrizzjonijiet li qed ikun hemm. L-imigrazzjoni irregolari dejjem kienet teżisti, u spiss kienet tollerata għaliex tgħin biex dejjem ikun hemm riserva ta' nies li tista' tħaddem meta l-imigranti regolari jogħlew fil-qagħda soċjali tagħhom u jibdew jagħmlu parti b'mod stabbli mid-dinja tax-xogħol.

2. Illum il-fenomenu ta' l-imigranti rregolari kiber sewwa, kemm għaliex it-talba għall-ħaddiema barranin dejjem aktar qed tikber minħabba l-esiġenzi ta' l-ekonomija, esiġenzi li għalihom mhux biżżejjed il-ħaddiema tal-pajjiż, u kemm minħabba li dejjem aktar qed jikber l-għadd ta' nies li qed jiġu mġegħlin jemigraw bilfors. L-għaqal li hu meħtieġ biex jinsab tarf għal din il-problema hekk delikata jitlob li din il-problema ma titwarrabx fil-ġenb jew ma noqogħdux insemmuha, ukoll għaliex din il-problema qed toħloq tbatijiet kbar għal eluf ta' nies, tbatijiet li dejjem aktar qed jiżdiedu minflok ma jitnaqqsu. Il-fatt li wieħed ikun imigrant irregolari skond il-liġi m'għandux ifisser it-tnaqqis tad-drittijiet tiegħu bħala bniedem, drittijiet li ma jistgħu qatt jiġu lilu mċaħħdin jew li jitwarrbu fil-ġenb.

Irid jittieħed ħsieb ta' l-imigrazzjoni irregolari, iżda jeħtieġ ukoll li bil-qawwa kollha jinġiebu fix-xejn l-inizjattivi kriminali li qed jipprofittaw mill-imigrazzjoni klandestina. L-aħjar għażla, li għandha tagħti frott tajjeb li jibqa', hi dik tal-koperazzjoni internazzjonali, li bħala għan trid iġġib 'il quddiem stabiltà politika u twarrab in-nuqqas ta' żvilupp. Id-differenzi kbar ekonomiċi u soċjali bejn il-pajjiżi li qed jgħinu l-moviment migratorju, m'għandux jitqies bħala xi diżgrazzja, imma bħala sfida għas-sens ta' responsabbiltà tal-ġens kollu tal-bnedmin.

3. Il-Knisja tqies il-problema ta' l-imigranti irregolari fid-dawl ta' Kristu li miet biex jiġbor flimkien l-ulied Alla li kienu xterdu (ara Ġw 11, 52) biex jiġbor lura dawk li ġew imwarrbin, u jressaq lejh dawk li tbegħdu minnu, biex jiġbor ilkoll f'xirka waħda mibnija mhux skond ir-razza, il-kultura u s-soċjetà ta' dak li jkun, imma skond ir-rieda ta' kulħadd li jilqa' l-kelma ta' Alla u jfittex il-ġustizzja teigħu. "Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd, imma jilqa' 'l kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, ikun min liema poplu jkun" (Atti 10, 34-35).

Dak li tagħmel il-Knisja hu skond il-missjoni ta' Kristu. B'mod partikulari tistaqsi lilha nfisha kif, waqt li tħares il-liġi, tersaq lejn persuna li ma ngħatalhiex il-permess li tgħix fil-pajjiż fejn marret. Il-Knisja tistaqsi wkoll x'siwi għandu d-dritt għall-emigrazzjoni meta m'hemmx iwieġeb għalih id-dritt ta' l-imigrazzjoni. Il-Knisja għandha wkoll quddiemha l-problema ta' kif timpenja f'din il-ħidma ta' solidarjetà l-komunitajiet insara, spiss influwenzati minn opinjoni pubblika xi kultant kontra l-imigranti.

L-ewwel mezz kif tgħin dawn in-nies hu li tismagħhom biex tagħraf il-qagħda tagħhom u tiżguralhom l-għajnuna meħtieġa, tkun xi tkun il-qagħda ġuridika tagħhom quddiem l-Istat.

Għalhekk hi importanti ħafna l-għajnuna lill-imigrant irregolari biex jagħmel kull ma hu meħtieġ ħa jikseb il-permess biex jibqa' fil-pajjiż. L-istituzzjonijiet soċjali u karitattivi jistgħu javviċinaw l-awtoritajiet ċivili biex ifittxu skond il-liġi, is-soluzzjoni l-aktar adatta għal kull kas.

Sforz ta' din is-sura jrid isir l-iktar favur dawk li jkunu ilhom żmien twil jgħixu fil-pajjiż, u għamlu għeruq fis-soċjetà tal-post, tant li jekk jerġgħu lura lejn il-pajjiż minn fejn kienu ġew dan ikun għalihom qisu emigrazzjoni bil-maqlub b'ħsara kbira l-aktar għal uliedhom.

4. Meta jidher li mhux se jkun hemm ebda soluzzjoni għall-problema, dawk l-istituzzjonijiet iridu jgħinu lil dawn in-nies ukoll, jekk ikun meħtieġ, b'għajnuna materjali jew biex jiġu milqugħin f'pajjiżi oħra jew biex jerġgħu lura lejn pajjiżhom.

L-emigrazzjoni in ġenerali u dik ta' l-imigranti irregolari hi problema li biex ikollha soluzzjoni tajba titlob impenn kbir mis-soċjetà li fi ħdanha l-imigranti kienu marru. Fid-dawl ta' dan hu importanti ħafna li l-opinjoni pubblika tkun informata dwar il-qagħda vera tal-pajjiżi minn fejn ġew l-imigranti, mill-qagħda traġika li fiha sabu ruħhom u mir-riskju li jidħlu għalih jekk jerġgħu lura f'pajjiżhom. Il-miżerja u l-iżvintura tagħhom huma raġuni oħra biex bil-qalb kollha wieħed jersaq lejn l-imigranti.

Jeħtieġ ngħassu kontra kull sura ta' neorazziżmu jew ta' mġieba xenofoba li jwasslu biex dawn ħutna jkollhom ipattu huma għal xi diffikultajiet tal-qagħda tal-post.

Minħabba l-kobor li kiseb il-fenomenu ta' l-imigranti irregolari jeħtieġ li l-liġijiet tal-pajjiżi interessati f'dan il-fenomenu, sa fejn jista' jkun, jiġu adattati wkoll biex ikun hemm tqassim aħjar tal-ħidma għal soluzzjoni xierqa. Jeħtieġ jiġu evitati regolamenti amministrattivi li jolqtu l-familji b'mod li jiġu mwarrba inġustament persuni li ebda liġi ma tista' ċċaħħadhom mid-dritt li jgħixu fil-familja tagħhom.

Għandu jingħata ħarsien adatt lil dawk li ħarbu minn pajjiżhom minħabba raġunijiet li mhux imsemmijin f'konvenzjonijiet internazzjonali u jekk jerġgħu lura lejn pajjiżhom isibu ruħhom f'periklu kbir għal ħajjithom.

5. Inħeġġeġ il-Knejjes partikolari biex iħajru għar-riflessjoni, jagħtu d-diriettivi u tagħrif biex jgħinu lil dawk li jagħmlu ħidma pastorali u soċjali, biex jimxu bil-għaqal f'ħaġa hekk delikata u komplikata.

Meta l-għarfien tal-problema hu influwenzat minn preġudizzji u qagħdiet xenofobi, il-Knisja m'għandiex tonqos issemma' l-leħen tagħha ta' fraternità flimkien ma' għemil li jagħti xhieda tal-primat ta' l-imħabba.

F'qagħda mwiergħa bħal din l-importanza kbira ta' l-għajnuna li tingħata m'għandhiex tnessina li fost dawn l-imigrati rregolari hemm ħafna nsara kattoliċi li spiss għall-ġieħ tal-fidi tagħhom qed ifittxu rgħajja u postijiet fejn jistgħu jitolbu, jisimgħu l-kelma ta' Alla, jiċċelebraw il-misteri tal-Mulej. Hu dmir kull djoċesi tilqa' dawn it-tamiet.

Fil-Knisja ħadd m'hu barrani u l-Knisja mhux barranija għall-ebda bniedem u f'ebda post. Bħala sagrament ta' l-għaqda, u għalhekk bħala sinjal ta' qawwa li tiġbor flimkien il-bnedmin kollha, il-Knisja hija l-post li fiha l-imigranti llegali wkoll huma magħrufin u milqugħin bħala aħwa. Hu dmir kull djoċesi tuża l-forzi kollha tagħha biex dawn in-nies li qed jgħixu qagħda nieqsa mill-ħarsien tas-soċjetà ċivili, isibu sens ta' fraternità fil-komunità nisranija.

Is-solidarjetà tfisser tidħol għar-responsabbiltà favur dawk li jinsabu f'xi diffikultà. Għan-nisrani l-emigrant mhux sempliċi bniedem li għandek tirrispetta skond in-normi tal-liġi, imma hu persuna li bil-preżenza u bil-htiġijiet tiegħu jimpenja n-nisrani fir-responsabbiltajiet tiegħu. "X'għamiltlu lil ħuk?" (Cfr Ġen 4,9). It-tweġiba ma tingħatax skond dak li tgħid il-liġi imma skond l-ispirtu ta' solidarjetà.

6. Il-bniedem l-iktar meta hu dgħajjef, bl-ebda ħarsien, imwarrab mis-soċjetà, hu sagrament tal-preżenza ta' Kristu (Cfr Mt 25. 40.45). "Imma x'qabda nies misħuta li l-liġi ma jafuhiex?" (Ġw 17, 49), qalu l-fariżej għal dawk li Ġesù kien jgħin aktar milli kienu jippermettu l-liġijiet tagħhom. Ġesù ġie jfittex u jsalva lil min kien mitluf (Cfr Lq 19, 10), jiġbor l-imwarrab, l-abbandunat u r-rifjutat mis-soċjetà.

"Kont barrani u lqajtuni" (Mt 25, 35). Hu dmir il-Knisja mhux biss li ma tieqaf qatt ixxandar dan it-tagħlim tal-fidi tal-Mulej, imma wkoll tgħid liema hu l-aħjar mod biex tħarsu skond il-qagħdiet li jinħolqu biż-żminijiet. Illum l-imigrant irregolari jiġi għandna bħala "il-barrani" li fih Ġesù jridna ngħarfuh. Meta nilqgħuh u nuruh solidarjetà naqdu dmir ta' ospitalità u ta' fedeltà għall-identità tagħna bħala nsara.

B'dawn ix-xewqat nagħti lil kull min hu impenjat fil-qasam ta' l-emigrazzjoni l-barka Appostolika b'rahan ta' kotra ta' barkiet mis-sema.

Mill-Vatikan, 25 ta' Lulju, 1995, fis-sbatax-il sena tal-Pontifikat.

JOANNES PAULUS pp II

ITTRA PASTORALI MILL-.E.T. MONS. ĠUŻEPPI MERCIECA
ARĊISQOF TA' MALTA
U MILL-E.T. MONS. NIKOL CAUCHI
ISQOF TA' GĦAWDEX

SANTA MARIJA 1995

# IL-MISSJONI TAL-MARA

## Maħbubin uliedna,

Dan l-aħħar, il-Qdusija Tiegħu l-Papa xandar Ittra lin-Nisa – lil kull mara. Il-Papa Ġwanni Pawlu II kiteb din l-Ittra storika lejlet ir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa, li se ssir fil-bidu ta' Settembru li ġej, fiċ-Ċina.

Fl-Ittra, il-Papa juri s-solidarjetà u r-radd il-ħajr tiegħu għal kull mara. Juri wkoll l-apprezzament tiegħu għall-"ġenju tal-mara".

Nistgħu ngħidu li, permezz ta' din l-Ittra, il-Papa jrid jgħinna nifhmu dejjem aħjar l-importanza tal-preżenza u tal-kontribut tal-mara fil-Knisja u fid-dinja ta' llum. Ġwanni Pawlu II jagħmel dan billi, quddiemnett, ifakkarna fil-bżonn li jinġiebu dejjem iżjed 'il quddiem id-dinjità u d-drittijiet tal-mara fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, jiġifieri fid-dawl tal-Pjan tal-Mulej dwar is-sejħa tal-mara fil-Knisja u fid-dinja.

## Ħajr tal-Knisja Lokali

Aħna l-Isqfijiet, irridu nieħdu l-okkażjoni tal-Festa għażiża ta' Marija Mtellgħa s-Sema biex flimkien mal-Papa ngħidu grazzi lin-nisa kollha, lil kull mara Maltija u Għawdxija.

Il-grazzi tagħna għal kull mara, f'isem il-Knisja f'dawn il-gżejjer, huwa għall-fatt innifsu li huma nisa.

Quddiem għajnejna għandna lill-ommijiet kollha – dawk li llum huma nanniet u dawk li għadhom qed irabbu lil uliedhom; lin-nisa miżżewġa u lir-romol; lit-tfajliet; lix-xebbiet li jibqgħu fid-dar tal-familja li fiha jitwieldu; lin-nisa li qed jagħtu l-kontribut tagħhom fil-qasam tax-xogħol; lin-nisa konsagrati li jiddedikaw ħajjithom għat-talb u għall-qadi lill-proxxmu f'pajjiżna stess u f'tant pajjiżi oħrajn.

Lin-nisa Maltin u Għawdxin irridu ngħidulhom grazzi wkoll għall-fatt li matul iż-żminijiet għarfu dejjem il-missjoni tagħhom li jkunu pont bejn il-familja, is-soċjetà u l-Knisja. Ngħidu grazzi lil dawk kollha li din il-

missjoni qdewha u għadhom jaqduha b'mod li jistħoqqilhom l-apprezzament ta' kulħadd.

Il-frott ta' dan is-servizz mimli mħabba tal-mara Maltija u Għawdxija hu kotran. Jekk f'pajjiżna għandna tant ċittadini serji u onesti li jħabirku wkoll biex jgħixu l-valuri nsara, għal dan ċertament għandna għax ngħidu grazzi l-ewwelnett lil ommijietna.

Hemm ukoll il-frott l-ieħor tal-ħafna vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi li, matul iż-żmien, ħarġu minn ħdan il-poplu tagħna u li x-xiehda tagħhom hija mifruxa ma' kullimkien fis-servizz imprezzabbli li tant aħwa Maltin u Għawdxin qed jagħtu lil aħwa fil-bżonn f'pajjiżna u madwar id-dinja kollha.

Nistgħu ngħidu li l-għeruq tal-qalb ġeneruża u tajba tal-poplu tagħna jinsabu fl-għana ta' sensittività, tjubija, nobbiltà u fedeltà ta' l-omm Maltija.

Is-soċjetà Maltija u l-Knisja f'pajjiżna għandhom dejn kbir mal-mara.

## Sogħba għal kull nuqqas

Waqt li nuru dan ir-rikonoxximent tagħna, bħall-Papa u mal-Papa rridu wkoll nuru s-sogħba tagħna għal kull nuqqas, dwar l-għarfien tad-dinjità u d-drittijiet tal-mara, li hu ġej minn xi membri tal-Knisja, kienu x'kienu ż-żminijiet.

Nistiednu lil kulħadd biex ilkoll flimkien inħabirku għal impenn ġdid favur id-dinjità u d-drittijiet tal-mara, fid-dawl tal-Vanġelu.

Huwa Alla nnifsu li jagħti lill-mara, għal dejjem, id-dinjità tagħha ta' mara. Dan narawh fl-għemejjel kbar li Alla għamel fil-ġrajja kollha tal-bniedem, li seħħu fil-mara u permezz tagħha.

Biex id-dinjità u d-drittijiet tal-mara nagħtuhom tassew l-importanza vera li ħaqqhom, irridu nżommu quddiem għajnejna l-bżonn li neħilsu lill-mara minn kull sura ta' sfruttament u dominazzjoni. Il-mudell ta' l-imġiba tagħna man-nisa għandu jkun Kristu nnifsu. Kristu tratta man-nisa b'mod miftuħ, b'rispett, b'aċċettazzjoni u bi ħlewwa.

## Is-sehem tal-mara fil-familja

Inħeġġu lil kull min għandu rieda tajba biex l-għożża tagħna għad-dinjità tal-mara nuruha billi nqisu l-oqsma kollha tal-ħajja tan-nisa.

In-nisa għandhom kull dritt jieħdu sehem attiv fil-ħajja pubblika. Dan id-dritt, li jgħodd għal kull qasam tal-ħajja pubblika, għandu jiġi magħruf u garantit. Hemm ħafna x'jinkiseb u x'jintrebaħ mis-sehem sħiħ tan-nisa,

bid-doni tagħhom, fid-diversi oqsma tal-ħajja. Il-preżenza dejjem akbar tan-nisa fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika fil-livelli lokali u nazzjonali, mingħajr dubju hija żvilupp tajjeb u ta' ġid.

Fl-istess ħin, inħossu li għandna nfakkru li kull tweġiba għad-drittijiet tan-nisa trid tagħraf b'mod sħiħ is-sehem tal-mara fil-familja. Huwa fatt li, normalment, is-saħħa tal-karattru taċ-ċittadin tiddependi ħafna mit-trobbija, it-tħejjija għall-ħajja u l-esperjenza personali li huwa jkun kiseb fi ħdan il-familja. Għaldaqstant, ir-rwol tal-mara fil-familja, partikolarment ta' dawk in-nisa li jagħtu kura u formazzjoni sħiħa lil uliedhom, għandu jiġi rikonoxxut u apprezzat tassew.

Din il-verità trid tiġi emfasizzata id f'id mar-realtà l-oħra li l-kontribut naturali ta' l-omm bl-ebda mod ma jaqta' barra lill-missier. L-irġiel miżżewġin u missirijiet għandhom id-doveri tagħhom ukoll. Flimkien ma' l-omm huma jridu jiżguraw li l-ulied jiksbu dak kollu li jkollhom bżonn mhux biss f'sens ta' ħtiġiet materjali imma wkoll, anzi aktar u aktar, f'dik li hija trobbija tajba ħalli l-ulied jiksbu formazzjoni bħala bnedmin sħaħ.

Ir-raġel u l-mara għandhom l-istess dinjità. Huma għandu jkollhom opportunitajiet indaqs f'kull qasam tal-ħajja. Iżda dan ma jfissirx li r-raġel u l-mara huma l-istess. Ir-raġel u l-mara huma differenti. Jekk wieħed jiċħad din id-differenza jkun qed ifaqqar lill-mara u lis-soċjetà għax ikun qed jgħawweġ u jtellef l-għana uniku u l-valur tal-mara fih innifsu.

Alla ħalaq lill-bniedem raġel u mara biex jgħixu f'għaqda bejniethom. Ir-raġel u l-mara huma komplimentari għal xulxin. Il-mara tikkomplimenta lir-raġel bħalma r-raġel jikkomplimenta lill-mara.

## Il-verità sħiħa dwar il-mara

Id-dinjità tal-mara, fid-dawl tal-Vanġelu, mhix ħaġ'oħra ħlief il-verità sħiħa dwar il-mara. Kif juri l-Papa fl-Ittra tiegħu lin-nisa, il-"ġenju tal-mara" m'għandniex narawh biss fin-nisa kbar u magħrufa ta' l-imgħoddi u tal-lum, iżda wkoll fin-nisa kollha li juru d-don tagħhom bħala nisa billi fil-ħajja ta' kuljum iqiegħdu lilhom infushom għas-servizz ta' l-oħrajn.

Huma u jagħtu lilhom infushom lil ħaddieħor kull ġurnata, bil-qalb u minn rajhom, in-nisa jwettqu s-sejħa l-iżjed profonda tagħhom. Forsi aktar mill-irġiel, in-nisa jaċċettaw il-persuna għaliex lill-persuna jarawha b'qalbhom.

Lill-oħrajn il-mara tarahom bla ma tkun imfixkla mid-diversi ideoloġiji u sistemi politiċi. Lill-oħrajn il-mara tarahom fil-kobor tagħhom u fil-limitazzjonijiet tagħhom. Hija tipprova tersaq lejn l-oħrajn u tgħinhom. Fejn hemm il-mard u t-tbatija, il-mara hija l-anġlu tal-faraġ li jġib is-serħan.

Marija hija u tibqa' l-akbar eżempju ta' kemm il-mara hija dejjem pronta biex tgħin. Biżżejjed insemmu l-interċessjoni tagħha fit-tieġ ta' Kana biex Binha jagħti l-għajnuna tiegħu lill-bniedem f'diffikultà.

Marija, matul iż-żminijiet, kienet ukoll il-faraġ ta' miljuni fuq miljuni ta' bnedmin. L-istess poplu tagħna, kif turi l-istorja, ma heda qatt ifittex il-wens ta' l-imħabba u l-kenn tagħha, speċjalment fi żminijiet iktar diffiċli.

Nistiednu lil kull membru tal-Knisja f'dawn il-gżejjer biex jingħaqad magħna l-Isqfijiet f'radd il-ħajr 'l Alla għat-teżor kbir u mprezzabbli li huma n-nisa.

Nitolbu wkoll lill-Mulej biex, bl-interċessjoni ta' Marija, ma jehda qatt ibierek u jgħin lil kull mara fil-qadi tal-missjoni tagħha fi ħdan il-familja, fis-soċjetà u fil-Knisja.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

Illum, 10 ta' Awissu 1995, Festa ta' San Lawrenz Martri.

† ĠUŻEPPI MERCIECA
*Arċisqof ta' Malta*

† NIKOL CAUCHI
*Isqof ta' Għawdex*

Carmelo Muscat,
*Segretarju*

# Stqarrija ta' l-Isqfijiet Maltin Dwar l-Inseminazzjoni Artifiċjali

F'taqsimiet tal-*Mass Media* lokali qed tissemma l-possibiltà li koppji miżżewġin li huma sterili u li jixtiequ, imma ma jistgħux, ikollhom ulied minn xulxin b'mod naturali, għandhom imnejn ikunu jistgħu jibdew jissodisfaw din ix-xewqa tagħhom b'għajnuna medika, permezz tal-metodu magħruf bħala "inseminazzjoni artifiċjali bl-isperma jew żerriegħa ta' raġel barrani" (*Donor Insemination* ).

Bħala Mexxejja Spiritwali u Reliġjużi tal-Knisja Kattolika fil-Gżejjer Maltin, aħna l-Isqfijiet inħossuh dmir tagħna li ntennu t-tagħlim uffiċjali tal-Knisja Kattolika fuq din il-ħaġa, biex ngħinu kemm lill-koppji u kemm lit-tobba Nsara Kattoliċi li jixtiequ u jridu jifurmaw il-kuxjenza tagħhom fuq it-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

Skond it-tagħlim Kattoliku, l-inseminazzjoni artifiċjali fiż-żwieġ bl-isperma ta' raġel barrani (donatur) hija mmorali u ma għandha qatt tkun aċċettata. Ir-raġuni għal dan hija li l-jedd tal-koppja miżżewġa fuq il-persuna ta' xulxin għat-tnissil ta' ħajjiet ġodda huwa jedd esklussiv u inaljenabbli li ma jista' qatt ikun trasferit lil ħaddieħor.

Il-Knisja tifhem ħafna x-xewqa tal-koppji li huma sterili u li jixtiequ li jkollhom ulied, li jsibu xi forma ta' soluzzjoni għall-problema tagħhom. Il-Knisja taqsam ma' dawn il-koppji l-uġigħ tagħhom u tħeġġeġ lil kulħadd biex jitlob lil Alla jagħtihom l-għajnuna kollha tiegħu. Fl-istess ħin, madankollu, il-Knisja ma tistax tapprova soluzzjonijiet li ma jkunux skond il-Liġi ta' Alla.

| | |
|---|---|
| + ĠUŻEPPI MERCIECA | + NIKOL CAUCHI |
| *Arċisqof ta' Malta* | *Isqof ta' Għawdex* |

# Tariffi dwar ħlas għal servizz ta' avukati Quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku

L-Isqfijiet Maltin approvaw reviżjoni tat-tariffi għall-ħlasijiet dovuti lill-avukati li huma awtorizzati biex jagħtu servizz lil persuni li jressqu talbiet quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku tal-Knisja, fil-gżejjer Maltin. Ir-reviżjoni saret wara konsultazzjoni ma' numru ta' avukati li huma nklużi fil-lista ta' avukati li ġew aċċettati biex jidhru f'kawżi quddiem it-Tribunal.

Skond l-iskeda l-ġdida, il-ħlasijiet li jintalbu mill-avukati m'għandhomx ikunu aktar minn Lm30 f'każ ta' preżentazzjoni tad-domanda, Lm10 għall-preżenza ta' l-avukat f'kull seduta, Lm5 għall-preżentazzjoni ta' nota, Lm100 dwar l-ewwel difiża, Lm50 dwar it-tieni difiża, u Lm50 dwar nota ta' appell.

Digriet ta' l-Isqfijiet Maltin dwar it-tariffi l-ġodda jfakkar li min ma jkunx jiflaħ iħallas jista' jitlob li s-servizz ta' l-avukat jingħatalu bla ħlas. F'każi bħal dawn, jekk jinstabu li huma ġusti, it-Tribunal Ekkleżjastiku jinnomina avukat biex jidher għall-persuna konċernata, u l-ħlas dovut isir mit-Tribunal stess.

Il-kontribuzzjoni mitluba mill-patrijiet li jressqu talba quddiem it-Tribunal hija biss ħaġa ċkejkna mill-ispejjeż kollha reali li jintefqu matul il-kawża. Barra minn hekk, ikunu diversi dawk il-persuni li s-servizz jingħatalhom b'xejn mill-bidu sa l-aħħar, għaliex ma jkunux jistgħu jħallsu. Fl-1994, mill-35 każ li ngħatat sentenza dwarhom, tmienja ħallsu l-kont kollu, 18 ħallsu biss parti mill-kont u disgħa ma ħallsu xejn.

L-ispiża tal-Knisja biex tmexxi t-Tribunal Ekkleżjastiku fl-1994 kienet madwar Lm68,000. Fl-istess sena, it-Tribunal daħħal biss Lm7,034. L-iżbilanċ ta' 'l fuq minn Lm60,000 għamlet tajjeb għalih il-Knisja.

† ĠUŻEPPI MERCIECA
*Arċisqof ta' Malta*

† NIKOL CAUCHI
*Isqof ta' Għawdex*

**Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca**

# Il-181 Anniversarju tal-Korp tal-Pulizija

L-istedina li l-Kummissarju tal-Pulizija qed jagħmilli kull sena biex niġi nqaddes fl-okkażjoni ta' l-anniversarju tal-Korp tal-Pulizija, jiena napprezzaha ħafna. Hija stedina biex aħna lkoll inroddu ħajr lil Alla u nitolbuh l-għajnuna tagħna.

Il-preżenza tagħkom għaċ-ċelebrazzjoni ta' din il-Quddiesa turi li intom tħossu li f'xogħol bħal tagħkom hemm dejjem il-bżonn ta' l-għajnuna ta' Alla biex wieħed ma jkunx qed jaħdem fil-vojt.

Fil-ħidma tagħkom, intom timpenjaw irwieħkom u tagħmlu ħafna sagrifiċċji, iżda xorta waħda tħossu li dan waħdu mhux biżżejjed. Intom tħossu li fuq kollox hija meħtieġa l-għajnuna ta' Alla.

## Xogħol indispensabbli

Ix-xogħol tal-Pulizija hu xogħol iebes u mhux dejjem jagħtikom is-sodisfazzjon li wieħed ikun jistenna u jixtieq. Madankollu, ix-xogħol tagħkom huwa dejjem indispensabbli. Is-soċjetà għandha bżonnkom. Ma tistax tgħaddi mingħajr il-ħidma u l-kenn tagħkom.

Is-servizz mistenni minnkom bħala Korp tal-Pulizija, m'hemm ħadd li jista' jagħmlu minflokkom. Ix-xogħol tagħkom irid isir bilfors biex is-soċjetà tkun imħarsa mill-periklu tad-diżordni u t-tħarbit li jirriżulta jekk ma jkunx hemm min jieħu ħsieb li tinżamm l-ordni.

Is-soċjetà tistenna li bħala forza ta' l-ordni, intom tgħożżu, tħarsu u tiddefendu dejjem u kullimkien il-libertà ta' kulħadd kontra l-prepotenti.

Is-soċjetà tistenna wkoll li bħala forza ta' l-ordni intom tħaddmu bl-aħjar mod possibbli l-mandat tagħkom li tassiguraw id-drittijiet ta' kulħadd kontra l-arroganza ta' min ma jkun irid jaf bl-ebda dritt ieħor ħlief tiegħu.

Dan hu l-qofol ta' dak li s-soċjetà tistenna, bi dritt, mill-Korp tal-Pulizija.

## Onestà, integrità, ġenerożità

Biex il-Korp tal-Pulizija jkun jista' jaqdi sew dawn ir-responsabbiltajiet tiegħu, kull membru tal-Korp irid iħares lejn id-doveri tiegħu bħala vokazzjoni.

Din il-vokazzjoni titlob li kull membru tal-Korp tal-Pulizija jaqdi dmiru b'mod li jkun xhud ħaj ta' l-onestà, l-integrità u l-ġenerożità.

Kull membru tal-Korp tal-Pulizija li fil-qadi ta' dmirijietu jfittex li akkost ta' sagrifiċċji u sogri personali, jistinka biex ikun difensur onest, integru u ġeneruż tal-libertà u d-drittijiet taċ-ċittadini, għandu l-appoġġ u l-inkuraġġiment ta' kull bniedem ta' rieda tajba u li jħobb tassew il-ġid komuni.

Din il-kwalità ta' pulizija s-soċjetà għandha bżonnhom ħafna. Dan il-bżonn illum huwa iżjed mill-bieraħ, għax il-problemi li qed iħabbat wiċċu magħhom pajjiżna huma diversi u xi wħud minnhom huma kbar u serji. Fost dawn insibu l-pjaga tad-droga u l-marda tas-serq – b'mod partikolari s-serq imsieħeb mill-vjolenza fuq il-persuni, speċjalment nies anzjani.

## Is-sisien meħtieġa

Is-sisien ta' l-għassa u l-ilqugħ li neħtieġu kontra l-problemi jridu jkunu mweżnin, fost ħwejjeġ oħra, minn liġijiet u miżuri adattati u b'saħħithom biżżejjed, korpi tas-sigurtà effikaċi u effiċjenti, u l-koperazzjoni taċ-ċittadini kollha.

Dwar ċerti problemi, bħalma hija dik tad-droga, diġà għandna liġijiet u miżuri li huma apprezzati ħafna – għalkemm jibqa' dejjem il-bżonn li nsaħħuhom speċjalment quddiem il-fatt li donnu li għadna ma nistgħux naslu biex naraw jinqabdu wkoll l-irjus il-kbar, u mhux biss l-aġenti tagħhom jew min juża d-droga.

L-istess għandu jkollna l-liġijiet u l-miżuri meħtieġa dwar riskji oħrajn li forsi jidhru inqas fil-għajn imma li xorta waħda, darba jnisslu l-għeruq, ikunu perikolużi u jibdew inawru fis-sinsla tas-soċjetà.

Dawn il-mezzi u l-miżuri legali għandhom importanza kbira. Huma l-għodda prinċipali li biha jridu jaħdmu dawk li fuq spallejhom ikollhom ir-responsabbiltà li jħarsu u jiddefendu liċ-ċittadin onest. Iżda l-mezzi u l-miżuri legali, biex ikunu jistgħu jagħtu tassew il-kontribut tagħhom, iridu jkunu espressjoni konkreta tal-volontà, ir-rieda ġenwina, ta' kulmin għandu xi responsabbiltà – ikun liema jkun dan il-livell ta' din ir-responsabbiltà – li jagħmel it-tajjeb u jwarrab il-ħażin.

Meta nħarsu lejn il-Korp tal-Pulizija, huwa magħruf minn kulħadd li biex ikun jista' jlaħħaq mar-responsabbiltajiet tiegħu, il-Korp irid ikollu wkoll in-nies imħarrġa u l-faċilitajiet li jkunu jitolbu ż-żmien u ċ-ċirkostanzi biex ikunu jistgħu jinkisbu r-riżultati mixtieqa u meħtieġa.

Mill-banda l-oħra, il-forzi tas-sigurtà jeħtieġu wkoll l-għajnuna kontinwa u sħiħa tal-poplu, f'kull sens. Din l-enfasi qed issir dejjem iżjed f'waqtha,

għax il-pulizija għandu bżonn l-appoġġ taċ-ċittadin daqskemm iċ-ċittadin għandu bżonn il-ħarsien tal-pulizija.

Kultant, meta nitkellmu fuq il-koperazzjoni tal-pubbliku mal-pulizija, ikun hemm min jieħu l-iżball li jaħseb li din tfisser biss li jekk jara xi ħaġa ħażina, jinforma dwarha lill-pulizija.

Naturalment, dan hu essenzjali ħafna u għandu jkun inkuraġġut. F'dan il-kuntest wieħed irid jinnota wkoll l-iżvilupp pożittiv tan-*Neighbourhood Watch*. Iżda l-għajnuna taċ-ċittadin favur iż-żamma ta' l-ordni u t-trażżin tal-ħidma llegali, trid tkun ferm iżjed fonda u wiesgħa minn hekk. Il-qofol ta' l-għajnuna taċ-ċittadin irid ikun fil-fatt li ċ-ċittadin joqgħod 'il bogħod minn dak kollu li b'xi mod, dirett jew indirett, iwasslu biex hu stess jinqabad f'xi nassa tal-korruzzjoni jew ta' l-illegalità organizzata.

## L-għajn tal-valuri

Dan jitlob miċ-ċittadini tħaddin u għajxien ta' valuri morali li jagħtuhom il-kuraġġ u l-qawwa li quddiem it-tentazzjoni tal-flus faċli jew gwadanji personali kbar ma jitilfux rashom. Kif turi l-esperjenza ta' popli oħra, wieħed mill-iktar mezzi b'saħħithom biex poplu jirreżisti l-korruzzjoni u l-illegalità organizzata, hu billi ċ-ċittadin jibqa' sod fil-le tiegħu quddiem offerti ta' favuri mmorali, qligħ diżonest u akkwisti ġejjin minn ħidma lleċita.

Iċ-ċittadini m'għandhom qatt iħallu lilhom infushom jinġarru mill-kurrent. M'għandhom qatt iċedu u jirrassenjaw irwieħhom quddiem id-diffikultajiet. Iċ-ċittadini għandhom iqajmu u jħeġġu fihom il-moralità, iċ-ċertezza tad-dritt, u l-istabbilità tar-regoli, biex b'hekk jagħtu sehemhom għall-ordni u l-paċi.

Dan hu dover taċ-ċittadini kollha. Iżda hu l-iżjed u b'mod speċjali dover ta' dawk kollha li jridu jaraw li fil-pajjiż iseħħu l-ordni u s-sewwa. Ir-responsabbiltà li għandhom il-pulizija, f'dan il-kontest, hija responsabbiltà primarja.

Aktar ma jkollna pulizija li jkunu mudell ta' korrettezza, dixxiplina, serjetà, responsabbiltà u karattru sod, iktar ikollna Korp tal-Pulizija li jnissel fiduċja. Pulizija bħal dawn ikunu wkoll ta' ispirazzjoni għall-bqija taċ-ċittadini. B'hekk, inkunu f'qagħda ferm aħjar li nirreżistu kif imiss il-problemi li għandna u oħrajn li jistgħu jippruvaw jerfgħu rashom fostna.

Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana — 12 ta' Lulju 1995

# L-Arċisqof iħares lejn il-forum ta' l-Għaqdiet u Movimenti Reliġjużi bħala mument storiku

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca ddeskriva t-twaqqif tal-FORUM ta' l-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi tal-Lajċi bħala mument storiku fil-ħajja tal-Knisja f'Malta. Mons. Mercieca fisser din il-fehma tiegħu f'laqgħa li kellu mal-Kumitat Eżekuttiv il-ġdid tal-FORUM, li jħaddan 23 għaqda u moviment b'xejra ta' servizz fuq livell djoċesan u li huma approvati u rikonoxxuti mill-Awtorità Ekkleżjastika f'Malta.

Mons. Arċisqof qal li hija ħaġa mixtieqa u sabiħa li l-FORUM fih diversi għaqdiet u movimenti. Min-naħa tiegħu, huwa minn dejjem xtaq jara l-għaqdiet u l-movimenti miġburin u magħqudin flimkien. Ir-raġuni għal dan hija għax filwaqt li kull għaqda u moviment għandhom l-identità tagħhom u hu xieraq li jżommuha, kull għaqda u moviment għandhom ukoll jikkontribwixxu ma' l-oħrajn, "għaliex aħna lkoll qaddejja ta' Wieħed – Ġesù Kristu."

Fost il-membri ta' l-għaqdiet u l-movimenti, qal Mons. Mercieca, hemm ħafna doni. Madankollu l-ispirtu huwa wieħed. Huwa proprju għalhekk li l-FORUM iħares lejh bħala mument storiku fil-ħajja tal-Knisja Maltija. Il-FORUM qed jgħin għal iżjed ħidma flimkien bejn l-għaqdiet u l-movimenti bħala aħwa. B'hekk qed jaħdem għal iktar xiehda tal-preżenza ta' Kristu fid-dinja.

Mons. Arċisqof qal li l-għaqda bejn l-għaqdiet u l-movimenti m'għandhiex tkun biss għaqda fl-organizzazzjoni ta' ċelebrazzjonijiet partikolari, għalkemm ċertament dan għandu t-tajjeb tiegħu. Din l-għaqda għandha tfisser ukoll tħabrik għal analiżi tas-sitwazzjoni f'Malta, biex kulħadd jirsisti u jgħin għall-ħidma flimkien ħali tissaħħaħ il-ħajja nisranija.

Il-FORUM ilu jopera fil-forma preżenti tiegħu minn Frar 1988. Filwaqt li jirrispetta u jħares l-awtonomija xierqa, il-kariżma u l-istatuti partikolari ta' kull għaqda u moviment partikolari, il-FORUM jgħinhom jikkoordinaw il-ħidma tagħhom, biex jinserixxu ruħhom fl-appostolat u jwettqu ħidma ta' siwi fi ħdan il-Knisja u fid-dinja.

Fil-laqgħa ma' Mons. Mercieca, li kien akkompanjat mill-Kan. Dun Victor Cilia, Konsulent Ekkleżjastiku tal-FORUM u Delegat għas-Segretarjat għal-Lajċi, il-Kumitat Eżekuttiv tal-FORUM tkellem ma' l-Arċisqof dwar il-ħidma li qed issir u dik li qed tiġi pjanata għall-ġejjieni biex l-għaqdiet

u l-movimenti jifhmu aktar lil xulxin u jaħdmu iżjed flimkien f'rispett xieraq lejn l-awtonomija ġusta tagħhom u skond l-għanijiet tal-FORUM.

Is-Sur Nikol Bladacchino (Tiġdid Kariżmatiku), President tal-FORUM, spjega lil Mons. Arċisqof l-impenn tal-FORUM f'dawn l-oqsma, kif ukoll dak li qed isir għall-formazzjoni spiritwali u soċjali dejjem akbar tal-membri ta' l-għaqdiet u l-movimenti.

Mons. Arċisqof wera l-apprezzament u l-inkuraġġiment tiegħu għax-xogħol li qed isir mill-FORUM biex jintlaħqu dejjem aħjar l-għanijiet tiegħu.

Għal-laqgħa attendew ukoll is-Sur Edward Camilleri (Leġjun ta' Marija), Viċi Presdient; is-Sinjura Vivienne Attard (Moviment tal-Fokolari), Segretarja; is-Sur Peter Cassar Parnis (Azzjoni Kattolika), Kaxxier; u s-Sinjuri Giorgina Farrugia (Azzjoni Kattolika), Lino Sultana (Mixja Neokatikumenali) u Joseph Azzopardi (MUSEUM), ilkoll membri. Preżenti kien ukoll is-Sur George Schirò (Tiġdid Kariżmatiku) Segretarju Amministrattiv.

# L-ewwel anniversarju ta' l-Aġenzija Sedqa

## Messaġġ ta' Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca f'Quddiesa

Illum iltqajna biex inroddu ħajr 'l Alla għall-għajnuna li tana matul l-ewwel sena ta' ħidma mill-Aġenzija SEDQA, fit-tħabrik tagħha għall-ħarsien mill-abbuż tad-droga u l-alkoħol.

Il-bnedmin li jsibu rwieħhom fi problemi bħalma hi dik tad-drogi, jeħtieġu mħabba, solidarjetà u għajnuna minn lkoll. Aħna lkoll ulied ta' Missier wieħed u, flimkien ma' Kristu, aħwa bejnietna. Alla stess uriena li l-bniedem batut hu l-għożża tiegħu. Il-Mulej jagħmel minn kollox biex fejn hemm l-għejja jagħti saħħa u ħajja ġdida.

Din l-esperjenza qed ngħixuha kull wieħed u waħda minna meta nħarsu lejn dak li aħna u għandna, jiġifieri nies ġodda b'ħajja ġdida, għaliex mogħnijin mis-salvazzjoni li Alla kisbilna permezz ta' Ibnu Ġesù.

### L-impenn tal-Knisja

Għall-grazzja ta' Alla, il-Knisja f'Malta, jiġifieri l-poplu Malti u Għawdxi, dejjem żammet, b'għożża u kif irid Alla, l-imħabba li għandna nuru lil xulxin, speċjalment mal-bniedem imweġġa'. Il-Knisja mpenjat ukoll ruħha li din l-għożża twettaqha b'ħafna suriet, skond il-bżonnijiet taż-żminijiet u ċ-ċirkustanzi.

Fil-qalb ta' Alla u tal-Knisja, il-bniedem batut għandu l-ewwel post. Għalhekk, iċ-ċirkustanza ta' llum tqanqalna nroddu ħajr 'l Alla wkoll għall-fatt li quddiem il-pjaga tad-droga, il-Knisja f'Malta għarfet tagħmel dejjem – kif għandha tagħmel – l-almu kollu tagħha biex tgħin lill-vittmi.

Ix-xogħol tal-Knisja, permezz tal-Caritas, f'dan il-qasam huwa xiehda sabiħa tal-ħeġġa, interess u mpenn tagħna lkoll quddiem it-tbatija. Dan huwa xogħol imprezzabbli; anzi huwa providenzjali.

Kif nafu, il-Caritas ilha snin twal taħdem fil-qasam tal-prevenżjoni u r-rijabilitazzjoni. Kif inhu dmirha, il-Caritas ħabirket biex dawn is-servizzi tagħha tagħtihom b'imħabba nisranija, ġenerożità u kompetenza.

Il-ħidma tal-Knisja, permezz tal-Caritas, hija mifruxa ħafna – waslet ukoll fil-parroċċi, fl-iskejjel u fl-industriji.

Ninnotaw b'sodisfazzjon li fl-impenn tagħhom biex jissaħħu dejjem iżjed fil-ħidma kontra l-pjaga tad-droga, anki l-pulizija ibbenefikaw mis-servizzi u l-esperjenza tal-Caritas.

Il-ħidma tal-Caritas, li tinvolvi ħafna spejjeż, għandha l-appoġġ ukoll ta' l-Istat, permezz ta' kontributi finanzjarji lit-tliet ċentri ta' rijabilitazzjoni mmexxijin minnha.

## Ħidma fl-kollaborazzjoni

Il-miġja ta' l-Aġenzija SEDQA hija forma oħra ta' kollaborazzjoni f'pajjiżna fil-ħidma kontra l-ħsara qalila tad-droga.

L-Aġenzija SEDQA, bħal kull organizzazzjoni, għandha l-identità u l-awtonomija tagħha, li għandhom jiġu rispettati minn kulħadd. Fl-istess ħin, però, l-identità u l-awtonomija ma jfissrux iżolament u li kulħadd jaħdem għal rasu. Il-kollaborazzjoni, speċjalment fil-qasam soċjali, tibqa' indispensabbli. Biex naħdmu tassew u b'mod sħiħ għall-ġid tal-bniedem, hemm bżonn li naħdmu f'kollaborazzjoni vera u sħiħa.

L-esperjenza tal-ħajja u l-għaqal jitolbu li filwaqt li kulħadd iżomm l-identità u l-awtonomija tiegħu, irridu nibnu flimkien fuq it-tajjeb li jeżisti diġà. Ikun żball jekk dak li għandna diġà nagħtuh il-ġenb biex nibdew kollox mill-ġdid.

Għandi fiduċja li bħala poplu għaqli li japprezza ħafna l-esperjenza u l-koordinament tar-riżorsi, dan aħna nifhmuh tassew kif ukoll li nagħmlu minn kollox biex inwettquh fi spirtu nisrani.

L-ispirtu nisrani jħeġġiġna u jimbuttana għall-imħabba u għall-għaqda f'kull ma nagħmlu.

F'din l-okkażjoni hu xieraq li mar-radd il-ħajr tagħna 'l Alla, inżidu wkoll ir-ringrazzjament tagħna lil dawk kollha li qed jagħtu servizz lid-drogati, spiss b'ħafna sagrifiċċji personali. Grazzi lill-istaff ta' l-Aġenzija SEDQA u lil dawk kollha li jaħdmu id f'id magħhom – speċjalment il-familjari tad-drogati – biex il-frott tax-xogħol li jagħmlu jkun kotran.

Nitolbu lill-Mulej biex ikompli jieqaf magħna lkoll, ħalli id f'id nagħrfu naħdmu dejjem iżjed għall-aħjar ġid komuni.

# Ftuħ uffiċjali ta' l-Assemblea Mondjali tal-Familji (ICCFM)

## Messaġġ ta' Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca

Huwa tassew ta' pjaċir għalija li nilqagħkom, f'isem il-Knisja f'Malta, għal din l-Assemblea Mondjali tal-Familji li ssir kull tliet snin mill-Konfederazzjoni Internazzjonali tal-Movimenti Familji Nsara (ICCFM).

Ir-rabta tal-familji tagħna ma' l-ICCFM, permezz tal-ħabrieki u providenzjali Moviment ta' Kana u l-Gruppi Familji Nsara li hemm fi ħdanu, ilha teżisti. Għaldaqstant, il-merħba li aħna xtaqna nirriservaw għalikom ilkoll għandha magħha l-għożża tal-ħbiberija.

It-tema li intom għażiltu għal din l-Assemblea, "Lejn Familja Globali: Viżjoni għall-Mixja", hija importanti ħafna. Fuq l-għatba tat-tielet millenju, is-soċjetà u l-Knisja jridu jfittxu t-tweġibiet adatti meħtieġa għall-isfidi ta' llum u tal-ġejjieni, permezz tal-familja. Għaldaqstant, huwa sinjifikanti ħafna u sabiħ tara miġburin flimkien rappreżentanti tal-familji Nsara minn madwar id-dinja kollha, magħqudin biex jaqsmu bejniethom l-esperjenzi tagħhom u biex jirriflettu fuq il-familja bħala bażi ħajja, dinamika u li tħares 'il quddiem, li fuqha jinbena l-futur tas-soċjetà kollha kemm hi.

Il-familja hija l-ewwel u l-iktar komunità fundamentali li minnha tagħmel parti kull persuna. Hija tinsab fil-qalba tas-soċjetajiet kollha. Il-Papa, fl-Ittra tiegħu lill-Familji, jgħid li mill-familja jgħaddi l-kurrent primarju taċ-ċiviltà ta' mħabba, li fiha ssib "is-sisien soċjali" tagħha.

Madwar il-familja ta' llum seħħet taqliba soċjali. Xi wħud mit-tibdiliet kellhom effett pożittiv għall-mixja 'l quddiem tal-familja u ta' l-umanità. Madankollu, bħal fiż-żminijiet kollha, rajna jseħħu wkoll daqqiet serji fuq valuri umani bażiċi, li ħafna minnhom kienu ta' żvantaġġ għall-familja.

Ċertu tibdil soċjali, fosthom l-urbanizzazzjoni, il-konsumeriżmu, il-materjaliżmu, is-sekulariżmu u l-edoniżmu, kollha kemm huma qanqlu l-problemi.

Il-bżonn tal-konċentrazzjoni fuq dawn il-problemi u fuq l-identifikazzjoni tat-tweġiba meħtieġa għalihom, sar urġenti. Għaldaqstant,

hija ħaġa ta' inkuraġġiment tara lill-ICCFM tħabrek biex tagħti l-kontribut tagħha.

Ħaġa oħra li wkoll hija sinjifikanti huwa l-fatt li din l-Assemblea qed isseħħ lejlet ir-Raba' Konferenza Mondjali dwar in-Nisa, li se tiltaqa' F'Beijing fi ftit jiem oħra. Tabilħaqq, l-ebda tweġiba għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-mara ma jistgħu jqiegħdu fil-ġenb ir-rwol tal-mara fil-familja.

Barra minn hekk, fid-dinja ta' llum, meta tant tfal qed iħabbtu wiċċhom ma' kriżijiet li jheddu mhux biss l-iżvilupp tagħhom fuq żmien twil imma wkoll l-istess ħajjithom, huwa essenzjali li s-sigurtà mogħtija minn ġenituri responsabbli – omm u missier – fil-kwadru tal-familja, tiġi stabbilita u affermata mill-ġdid. Il-familja, il-missier u l-omm imorru kollha flimkien.

L-għarfien tal-Movimenti tal-Familji Nsara dwar dan il-punt ta' tluq huwa ta' importanza massima. F'dan is-sens, l-impenn ta' dawn il-movimenti li jiżviluppaw familja u kuxjenza soċjali mibnijin fuq prinċipji u eżempji nsara, ma nistgħux ma jkunux apprezzati u nkuraġġuti. Il-preżenza u l-eżempju tajjeb ta' familji bħal dawn, anki fl-għażiża gżira tagħna ta' San Pawl, huma sinjal ta' tama. Din hija preżenza li trawwem familji kuntenti u b'saħħithom.

Il-familji huma teżori fil-komunitajiet tagħna. Huma s-sisien tal-ħajja soċjali, kulturali u ekonomika.

Fl-Iskrittura, Ġesù jxebbah lir-Renju ta' Alla ma' l-istorja tal-merkant li jsib teżor moħbi f'għalqa. Malli jsib it-teżor, il-merkant ibigħ kull ma jkollu biex ikun jista' jixtri l-għalqa (Mt 13: 44). Din l-istorja turi x'ikunu lesti jagħmlu l-bnedmin meta jsibu xi ħaġa ta' valur kbir.

Il-familji huma bħal teżori moħbijin, għax ħafna drabi l-kontribut li huma jagħtu għall-ġid tas-soċjetajiet ma jkunx magħruf u valutat kif imiss. Il-gvernijiet, l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet kollha għandhom ikun nkuraġġuti biex jagħrfu r-rwol li l-familji qed jaqdu fis-soċjetajiet tagħna. B'hekk, huma jkunu jistgħu jwieġbu għall-ħtiġiet tal-familji b'mod effettiv.

Jalla l-Mulej jixħet fuqkom ilkoll delegati u parteċipanti f'din l-assemblea, ġejjin minn tant pajjiżi u kulturi differenti, id-dawl u l-għajnuna mqaddsa tiegħu sabiex l-isforzi magħqudin tagħkom favur il-ħajja tal-familja jkollhom frott tajjeb abbundanti, għall-ġid ta' kulħadd.

Il-Qawra, 30 ta' Awissu 1995

# Quddiesa fil-Konkattidral ta' San Ġwann

## Indirizz ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

F'isem il-Knisja f'Malta nagħtikom, għal darb'oħra, il-merħba nisranija u mill-qalb tagħna.

Hu ta' ferħ kbir għalija, f'dan l-ewwel jum, ta' l-Assemblea Modnjali tal-Familji, li għandi din l-opportunità li naqsam magħkom, delegati tal-Konfernza Internazzjonali tal-Movimenti tal-Familji Nsara u familji Maltin membri ta' dan il-Moviment, ftit riflessjonijiet fuq ir-rwol tal-familja Nisranija.

### Il-"knisja domestika"

Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu wegħdna li jkun preżenti kull fejn ikun hemm tnejn jew tlieta miġburin f'ismu (Mt 18: 20). Min-naħa tagħna, aħna nagħtu l-isem ta' "knisja" lil dawk il-persuni li l-Mulej jiġbor flimkien, li jistinkaw biex isegwu t-triq ta' mħabbtu, u li b'ħajjithom juru l-preżenza fejjieda tiegħu.

Il-familja hija l-ewwel komunità tagħna u l-iktar mod bażiku li bih Alla jiġborna flimkien, jifformana u jaġixxi fid-dinja. Il-Knisja tagħraf din il-verità billi tqis u tiddeskrivi l-familja nisranija bħala "knisja domestika" jew "knisja tad-dar".

Dan juri li l-familji nsara mhux biss jifformaw il-Knisja, imma l-ħajja tagħhom ta' kuljum hija espressjoni vera u kontinwa tal-Knisja.

Dan it-tagħlim tal-Knisja, li tant jagħmel sens u li tant hu sabiħ, imur lura għall-ewwel żminijiet tagħha. Huwa jirrifletti l-imħabba u l-ħsieb tal-Knisja għall-familja. Għal ħafna żmien, dan it-tagħlim ma kienx qed jingħata l-emfasi li jixraqlu. Madankollu, il-Konċilju Vatikan II skopra u ntroduċa mill-ġdid is-sbuħija tiegħu. Huwa importanti li s-sens ta' "knisja dometika" jibqa' ħaj f'moħħ il-bnedmin.

Huwa Alla nnifsu li jsejjaħ lir-raġel u lill-mara u jgħaqqadhom flimkien. Kristu għolla din l-għaqda għad-dinjità ta' Sagrament. Għaldaqstant, il-familji nsara għandhom sehem fl-istess missjoni li Kristu jagħti lill-Knisja kollha tiegħu.

Il-familji Nsara jaqdu din il-missjoni ta' knisja domestika fil-ħajja tagħhom ta' kuljum l-ewwelnett billi jemmnu f'Alla u wkoll billi jistqarru li Alla jieħu ħsiebhom. Huwa lejn Alla li huma jduru fi żmien ta'

nkwiet, u huwa lil Alla li huma jroddu ħajr meta kollox imur tajjeb.

## It-triq ta' l-imħabba

Il-familja hija komunità intima ta' mħabba u ħajja. Hija l-imħabba li twassal lill-bnedmin għall-ħajja bħala familja. Hija l-imħabba li ssostni l-koppji fidili lejn xulxin fi żminijiet sbieħ u żminijiet koroh. Hija l-imħabba li tgħin lill-koppji miżżewġin jifhmu li l-għeruq tal-familja huma fi sħubija ta' mpenn, permamenti u fidila, bejn ir-raġel u martu. Hija l-imħabba li tgħin lill-familja tnissel u tkabbar fil-membri kollha tagħha twemmin qawwi fil-valur ta' persuni l-oħrajn u d-dinjità tal-persuna umana.

Bħalma jgħid il-Papa, il-familja hija ċ-ċentru u l-qalba taċ–ċiviltà ta' l-imħabba. Madankollu, m'hemmx vera mħabba mingħajr l-għarfien li Alla hu "Mħabba". Il-familja hija ċ-"ċellula" fundamentali tas-soċjetà. Imma hemm ħtieġa ta' Kristu – id-"dielja" li minnha l-friegħi jitmantnu – biex din iċ-ċellula ma tkunx mhedda minn sura ta' xi tqaċċit kulturali mill-għeruq li jista' jiġi kemm minn ġewwa u kemm minn barra (Ittra lill-Familji, 13).

L-għarfien li Alla "huwa Mħabba" jgħin lill-familja nisranija tifhem aħjar il-missjoni tagħha li tevanġelizza billi tistqarr il-fidi f'Alla. Sostnunta bl-imħabba tal-Mulej, il-familja xxandar u tiċċelebra l-ħajja bħala don prezzju u hekk issir is-santwarju tal-ħajja u l-protettur ewlieni tad-drittijiet tat-tfal.

Bħala l-ewwel għalliema ta' wliedhom, bl-imħabba ta' Alla l-ġenituri nsara jagħrfu jgħaddu lit-tfal tagħhom l-għarfien tal-fidi u jgħinuhom jiksbu l-valuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jgħixu ta' nsara. Huma jirnexxielhom ukoll inisslu fihom infushom u f'uliedhom il-ħerqa li jaqdu lil xulxin, ukoll jekk dan ikun ifisser il-bżonn li wieħed jissagrifika lilu nnifsu għall-ġid ta' l-oħrajn.

Il-ġenituri nsara jitolbu flimkien ma' wliedhom, jirringrazzjaw 'l Alla għall-barkiet tiegħu, ifittxu li jitqawwew fil-Mulej u jitolbuh jiggwidahom fi żmien ta' kriżi u dubju.

Il-ġenituri nsara huma wkoll mera dejjem tleqq ta' maħfra u rikonċiljazzjoni.

## Il-grazzja ta' Alla

Huwa tajjeb li l-familji jiġu megħjunin jagħrfu li huma knisja domestika. Jista' jkun hemm familji li ma jirnexxilhomx jifhmu u jemmnu li huma knisja domestika. Jista 'jkun li dawn il-familji jħossu din is-sejħa bħala kbira wisq għalihom jew li huma mhumiex kapaċi jaqdu r-responsabbiltajiet

tagħha. Forsi huma jqisu l-familja tagħhom "dgħajfa" wisq biex il-Mulej jużaha għall-iskopijiet tiegħu. Madankollu, wieħed irid jiftakar li l-familja hija qaddisa mhux għaliex hija perfetta, imma għaliex fiha hemm taħdem il-grazzja ta' Alla, li tgħinnha biex kull ġurnata terġa' tibda mill-ġdid fit-triq ta' l-imħabba.

Bħall-Knisja kollha, kull familja nisranija tistrieħ fuq il-pedament sod tal-wegħda ta' Kristu li jkun fidil lejn dawk magħżulin minnu. Meta raġel u mara jwegħdu lilhom infushom lil xulxin fis-Sagrament taż-żwieġ, huma jissieħbu fil-wegħda ta' Kristu u jsiru sinjal ħaj ta' l-għaqda tiegħu mal-Knisja (Ef 5:32).

# Appell ta' l-Isqfijiet Maltin għal talb

Kif jaf kulħadd, bejn l-4 u l-15 ta' Settembru 1995, se ssir fiċ-Ċina r-Raba' Konfrenza Mondjali dwar in-Nisa.

Din il-Konferenza, il-Knisja Kattolika qed tagħtiha importanza kbira. Il-Papa tkellem kemm-il darba dwarha. Fl-Ittra riċenti tiegħu lin-nisa kollha, filwaqt li apprezza ħafna l-inizjattiva tal-Ġnus Magħquda għal din il-ġrajja hekk sinjifikanti, Ġwanni Pawlu II wera li l-Knisja tixtieq tagħti sehemha ħalli jinżammu fil-għoli d-dinjità, ir-rwol u d-drittijiet tan-nisa.

Id-deċiżjonijiet ta' din il-Konferenza jista' jkollhom influwenza kbira fuq il-ħajja tal-bniedem. Għaldaqstant, il-bżonn li f'dak li jsir tingħata l-ikbar attenzjoni lill-viżjoni sħiħa tal-mara skond il-pjan ta' Alla u lill-prinċipji morali, huwa bżonn kbir.

Aħna l-Isqfijiet, nixtiequ nħeġġu lilll-Kattoliċi kollha ta' dawn il-gżejjer biex jingħaqdu fit-talb 'l Alla ħalli jitfa' ħarstu fuq ir-rappreżentanti tal-ġnus imlaqqgħin flimkien u jagħtihom l-ispirtu ta' l-għerf tiegħu. Jalla l-Mulej ikun magħhom ilkoll biex jagħrfu l-verità tiegħu, jaħdmu għall-ġid u l-paċi ta' kulħadd, u ma jitbegħdu qatt mir-rieda ta' Alla.

Inħeġġu wkoll biex l-Adorazzjoni u t-Talb li jsir fil-parroċċi fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, fil-bidu ta'Settembru, ikun b'din l-intenzjoni.

| | |
|---|---|
| † Ġużeppi Mercieca<br>*Arċisqof ta' Malta* | † Nikol Cauchi<br>*Isqof ta' Għawdex* |

# Il-Kunsill tal-Kappillani jsellem lill-Assemblea Mondjali tal-Familji

Il-Kunsill tal-Kappillani (Malta) jixtieq isellem lil dawk kollha, Maltin u barranin, li qed jieħdu sehem fl-Assemblea Mondjali tal-Familji, tal-Konfederazzjoni Internazzjonali tal-Movimenti Familji Nsara (ICCFM), bis-suġġett: "Lejn Familja Globali: Viżjoni għall-Mixja."

L-għażla ta' Malta għal din l-Assemblea Mondjali, timliena b'sodisfazzjon u tgħabbina b'responsabbiltà. Timliena b'sodisfazzjon għax pajjiżna, permezz tal-Gruppi Familji Nsara, li huma membri ta' l-istess Konfederazzjoni, ġie meqjus denn li jorganizza riflessjoni fuq suġġett tant importanti għall-ġejjieni tas-soċjetà. Bl-umiltà kollha, u minkejja l-ħafna difetti u limitazzjonijiet li għandna, nemmnu li pajjiżna fil-qasam tal-familja għandu ħafna x'jikkontribwixxi f'din ir-riflessjoni.

Din l-attività tgħabbina wkoll b'responsabbiltà: responsabbiltà li nitgħallmu mill-esperjenzi pożittivi u negattivi ta' pajjiżi oħrajn. Illum, Malta, soċjalment m'għadhiex gżira, imma nistgħu ngħidu li tagħmel parti mid-dinja. Dan m'għandux idejjaqna jew ibeżżagħna. Imma lanqas għandu jħallina indifferenti, induru skond fejn jonfoħ ir-riħ. L-esperjenzi nazzjonali u internazzjonali qed juru l-valur kbar tal-prinċipji nsara ġenwini, fil-qasam tal-familja.

Waqt li nawguraw minn qalbna ħidma fejjieda u prattika lil din l-Assemblea Mondjali tal-Familji, inħeġġu lill-koppji miżżewġin Insara f'pajjiżna biex jiskopru dejjem iżjed u aħjar is-siwi kbir tas-sejħa tagħhom. Il-Mulej jgħinhom jgħixuha b'kuraġġ, b'ġenerożità u qdusija. Aħna, min-naħa tagħna, noffrulhom is-servizz tagħna, kull meta jeħtieġuh. Fl-istess ħin, nirringrazzjaw lil dawk fosthom li qed jagħtu servizzi pastorali mill-iktar utli fil-qasam tal-familja.

Nawguraw ukoll li wara din l-Assemblea, il-Gruppi Familji Nsara, li huma fergħa tal-Moviment ta' Kana, kif ukoll gruppi oħrajn ta' koppji miżżewġin jieħdu spinta "l quddiem, fuq kollox bl-ispirtu imma wkoll fin-numru. Minn dawn il-Gruppi jiggwadanjaw il-Familji, il-Pajjiż u l-Knisja.

# Riservi ta' l-Awtoritajiet tal-Knisja Dwar "Malta in the Making"

Fis-siltiet li ġew pubblikati f'wieħed mill-ġurnali Malitn mill-ktieb "Malta in the Making" ta' l-Avukat Edgar Mizzi, hemm riferenzi twal għall-pożizzjoni li ħadu l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi Maltin f'għadd ta' okkażjonijiet, l-iżjed rigward il-kwistjoni tal-proprjetà tal-Knisja u ta' l-Iskejjel tal-Knisja.

Diversi individwi talbu lill-Kurja ta' l-Arċisqof tiddikjara jekk hija tikkonfermax jew le dak li Dr Edgar Mizzi kiteb fil-memorji tiegħu.

L-Awtoritajiet tal-Knisja f'Malta jridu jagħmluha ċara li, b'mod ġenerali, huma għandhom riservi u oġġezzjonijiet serji dwar kif Dr Edgar Mizzi ppreżenta, jew interpreta, il-pożizzjoni tagħhom. Għaldaqstant, il-kontenut ta' dak li kiteb Dr Mizzi m'għandux jitqies bħala verżjoni li l-Awtoritajiet tal-Knisja jaqblu magħha.

# Stqarrija dwar ġbir ta' flus

5F'taqsima ta' l-istampa lokali dan l-aħħar deher rapport dwar persuni barranin minn artijiet "missjunarji" li, biex kisbu għajnuna fi flus, ippużaw li qed iħejju rwieħhom għas-saċerdozju kattoliku.

F'taqsima oħra ta' l-istampa deher ukoll rapport dwar persuna Pollakka li qed tagħmel appell għall-flus biex, skond ma ġie rappurtat, tibni kunvent fil-Polonja.

Din il-persuna Pollakka, meta ġiet mitluba ma ppreżentatx id-dokumenti meħtieġa mill-Isqof tal-post minn fejn ġiet u għalhekk il-Kurja ta' Malta mhix f'pożizzjoni li tagħtiha l-permess għal dan il-ġbir.

L-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi japprezzaw ħafna s-sens kbir ta' ġenerożità tal-poplu Malti fl-għajnuna tiegħu għal skopijiet missjunarji u reliġjużi. Din l-għożża Maltija għall-ħidma pastorali hija waħda mill-karatteristiċi sbieħ tal-poplu tagħna. Il-Knisja tifraħ b'dan l-appoġġ u tinkuraġġih.

Fl-istess ħin, però, fl-esperjenza tagħha l-Knisja tħoss il-bżonn li biex kollox jimxi kif għandu jimxi, kull min jagħmel xi ġbir fi djoċesi jrid jikseb minn qabel il-permess bil-miktub ta' l-awtoritajiet tal-Knisja fil-post fejn ikun se jsir il-ġbir.

Il-bżonn ta' dan il-permess kien minn dejjem. Il-Liġi tgħid ċar u tond li, ħlief għall-membri ta' l-ordnijiet mendikanti, ħadd m'għandu jiġbor għal xi skopijiet jew istituti piji jew ekkleżjastiċi mingħajr il-permess bil-mikutb ta' l-Isqof tiegħu jew tagħha u ta' l-Isqof tal-post fejn isir il-ġbir (kan. 1265).

L-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi jirrikmandaw lill-membri tal-Knisja f'Malta biex qabel ma jwieġbu għal appelli għal ġbir simili jassiguraw li l-persuni konċernati jkollhom l-approvazzjoni meħtieġa.

31 ta' Lulju 1995

---

B'kontinwazzjoni ma' l-Istqarrija għall-Istampa maħruġa fil-31 ta' Lulju 1995 dwar ġbir ta' flus, il-Kurja ta' l-Arċisqof tħoss il-bżonn li terġa' tirreferi għall-każ tal-persuna Pollakka li qed tiġbor il-flus biex, skond ma ġie rappurtat, tibni kunvent fil-Polonja.

Fid-dawl tal-kuntatti u l-verifiki li għamlu, l-awtoritajiet tal-Kurja ta' l-Arċisqof iħossu d-dmir li jgħarrfu lil kulħadd b'dan li ġej:

1. Għalkemm il-persuna konċernata, bl-isem ta' Janina K. Wieczorek, qed tgħid li hija soru, jirriżulta li dan mhux veru.

2. L-allegazzjoni ta' Janina K. Wieczorek li l-proġett tagħha għandu l-barka tal-Papa u l-approvazzjoni ta' l-Isqof tal-post tagħha, ma għandha ebda bażi.

L-awtoritajiet ekkleżjastiċi ta' Malta jtennu li Janina K. Wieczorek m'għandha ebda permess, la mill-Papa, la mill-Isqof tal-post tagħha u lanqas mill-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta, biex tiġbor il-flus.

7 ta' Awissu 1995

*Ċirkulari Numru 326*

# Talb fl-okkażjoni tal-Konferenza Dinjija Dwar in-Nisa

Fl-okkażjoni tar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa, li se tinżamm f'Beijing, Ċina, bejn l-4 u l-15 ta' Settembru ta' din is-sena, l-Isqfijiet tagħna ħeġġewna biex ningħaqdu fit-talb.

Ħeġġewna nitolbu lil Alla jagħti lir-rappreżentanti tal-ġnus kollha l-ispirtu ta' l-għerf tiegħu u biex dawn ir-rappreżentanti jilqgħu din l-għajnuna t'Alla ħalli jagħrfu l-verità, jaħdmu għall-ġid u l-paċi tal-bnedmin kollha, u biex huma ma jitbiegħdu qatt mir-rieda ta' Alla u l-ħsieb ta' mħabba li Alla għandu għalina fid-diskussjonijiet tagħhom dwar id-dinjità u d-drittijiet tan-Nisa fid-dinja kollha.

L-Isqfijiet ħeġġewna biex l-Adorazzjoni u t-talb li jsir fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar fil-bidu ta' Settembru jkunu b'din l-intenzjoni.

Biex inkomplu ningħaqdu flimkien f'dan l-ispirtu ta' talb, fil-Quddies kollu li jiġi ċelebrat minn nhar is-Sibt, 2 ta' Settembru wara nofsinhar, sal-Ġimgħa, 15 ta' Settembru, fit-Talba tal-Fidili għandha tiżdied din l-invokazzjoni:

"Dawwal, Mulej, ir-rappreżentanti tal-ġnus miġburin f'Beijing, bid-dija ta' l-għerf tiegħek, biex jagħarfu l-verità tad-dinjità tal-mara u ma jitbegħdu qatt mir-rieda tiegħek għall-mara fil-ħajja ta' llum."

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 30 ta' Awissu 1995.

Alfred Muscat
*Kunsillier*

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

---

*Ċirkolari Numru 327*

# Żewġ festi nazzjonali – 1995

Fl-okkażjoni tal-festa nazzjonali tal-Vitorja, nhar il-Ġimgħa 8 ta' Settembru u ta' l-anniversarju ta' Jum l-Indipendenza, nhar il-Ħamis, 21 ta' Settembru, Monsinjur Arċisqof se jiċċelebra żewġ quddisiet Pontifikali fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta, it-Tnejn fl-10.00am.

Mons Arċisqof jordna li:

1. Fil-Quddies kollu ta' nhar it-8 u l-21 ta' Settembru fit-Talba tal-Fidili tiżdied l-invokazzjoni: "Agħni, Mulej, lil art twelidna bis-sliem u lill-Maltin u l-Għawdxin kollha bil-barka tiegħek, li hi rahan ta' ġid spiritwali u materjali."

2. Wara kull Quddiesa, fl-istess jiem, jitkanta l-Innu Malti.

3. Fl-istess jiem, jinxtegħlu l-frontispizji u s-Slaleb tal-knejjes kollha minn inżul ix-xemx sal-11.00pm.

4. Fil-knejjes li għandhom arblu, fl-istess jiem tat-8 u tal-21 ta' SEttembru, tittajjar il-Bandiera Maltija.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 31 ta' Awissu 1995.

| | |
|---|---|
| Alfred Muscat | Annetto Depasquale |
| *Kanċillier* | *Vigarju Ġenerali* |

---

*Ċirkolari Numru 328*

# Jum l-Art Imqaddsa 1995

Matul din is-sena, għalkemm fost ħafna diffikultajiet, tbatijiet u atti ta' vjolenza, kompliet bil-mod il-mod tissaħħaħ il-mixja lejn il-paċi bejn il-Lhud u l-Palestinjani fl-Art Imqaddsa.

Huwa dmir tagħna li nroddu ħajr lil Alla talli laqa' t-talba li s-sena l-oħra offrejnielu għal dan il-għan fl-okkażjoni ta' Jum l-Art Imqaddsa fl-Arċidjoċesi tagħna. Inkomplu nitolbuh jibqa' jdawwal l-imħuħ u jmexxi l-qlub f'din it-triq tal-paċi fl-Art li fiha twieled u għex Ġesù, u biex id-drittijiet ta' l-Insara kif ukoll il-ħidma pastorali u soċjali tal-Knisja favur in-nies kollha ta' din l-Art għażiża jkollhom ħarsien xieraq minn kulħadd.

B'mod partikulari rridu niftakru u ngħinu bit-talb u bl-għotjiet ġenerużi tagħna l-ħidmiet reliġjużi, karitattivi, edukattivi u soċjali li l-Knisja Kattolika qed tagħmel f'din l-Art, li hi tant għal-qalb ta' kull nisrani, speċjalment fis-santwarji, skejjel, orfanatrofji, djar għall-anzjani u ċentri oħra mmexxija mill-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa.

Skond ix-xewqa ħerqana tal-Papa, aħna mħeġġin biex nagħmlu l-offerta ġenerużi tagħna waqt il-ġbir li jsir għall-Art Imqaddsa fil-Quddies kollu ta' nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 16 u 17 ta' Settembru. Fl-istess Quddies noffru talb speċjali, għall-Patrijiet Franġiskani Minuri tal-Kustodja

ta' l-Art Imqaddsa, għas-saċerdoti, reliġjużi u nsara oħra ta' dik l-Art, u biex il-Knisja tkun dejjem aktar tidher bħala sinjal ta' rabta tal-bnedmin ma' Alla u ta' għaqda bejn il-ġnus.

Il-ġbir kollu li jsir fil-Quddies għandu jintbagħat lill-Patri Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa f'Malta.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 7 ta' Settembru 1995.

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

Mons Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

# Ittra lill-Mara

## mill-Forum ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi tal-Lajċi Maltin fl-okkażjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Mara

Nixtiequ nwasslu din l-Ittra lill-Mara, lin-nisa kollha Maltin, fl-okkażjoni tat-tħejjijiet għar-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Mara li se ssir f'Beijing, iċ-Ċina, f'Settembru li ġej.

Il-vokazzjoni tagħna ta' lajċi twassalna biex inħossu dak li tħoss il-Knisja, fix-xewqa tagħha li tgħin biex ikunu mħarsa d-dinjità, il-ħidma u d-drittijiet tal-mara.

Irridu nuru l-apprezzament tagħna:

– lin-nisa ommijiet li jagħtu kenn lill-bniedem fihom stess, f'esperjenza li m'hemmx oħra bħala;

– lin-nisa miżżewġin li jintrabtu ma' l-irġiel f'għotja lil xulxin għall-qadi ta' l-imħabba u l-ħajja;

– lin-nisa li jaħdmu, f'kull qasam tal-ħajja soċjali, ekonomika u kulturali;

– lin-nisa konsagrati, li jimxu fuq l-eżempju ta' l-akbar fost in-nisa: jiġifieri Omm Gesù Kristu;

– lin-nisa kollha għall-fatt li huma nisa u għandhom mod partikulari ta' kif jaraw il-ħajja ta' madwarna: mod li jgħin ħafna biex ir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin ikunu aktar onesti, umani u veri.

Inħossu li hemm ħafna x'isir biex ma jkunx hemm aktar diskriminazzjoni kontra dawk li jagħżlu li jkunu nisa miżżewġin u ommijiet. Huwa fatt li l-mara miżżewġa, bħal żewġha għandha l-jedd għax-xogħol. Iżda t-tnejn flimkien għandhom qabel xejn jieħdu ħsieb li l-assenza tagħhom barra mid-dar ma tisfax ta' ħsara għall-qadi tal-familja jew għall-edukazzjoni ta' l-ulied.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Enċiklika *Laborem Exercens,* ifakkar li: "Il-promozzjoni vera tal-mara titlob li x-xogħol ikun ippjanat b'mod li l-mara, biex timxi 'l quddiem, ma jkollhiex għalfejn tiċħad in-natural proprju tagħha bi ħsara tal-familja li fiha bħala omm ħadd qatt ma jieħu postha."

Inħossu fina niket kbir għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-ġieħ tal-mara huwa mżeblah u fejn il-mara ma tingħatax ir-rispett li jixirqilha bħala persuna umana. Dan jiġri l-aktar f'każi ta' pornografija, prostituzzjoni u ċertu riklamar, fejn il-mara hija meqjusa bħala oġġett ta' pjaċir li jibigħ u jinxtara, u ssib ruħha f'qagħda agħar minn tal-jasar. Jiġri wkoll kull meta l-mara ġġarrab vjolenza fiżika u psikoloġika.

Grazzi lin-nisa li, barra mill-familja, huma mpenjati f'ħafna oqsma bħalma huma dawk ta' l-edukazzjoni, is-servizzi soċjali, il-kultura, il-politika, l-isport, fil-parroċċi, fl-assoċjazzjonijiet u fil-movimenti. F'kull ħidma edukattiva dejjem naraw lin-nisa lesti biex joffru lilhom infushom lill-oħrajn bil-qalb, speċjalment biex jgħinu lil dawk li huma l-aktar dgħajfa, żvantaġġati u mwarrbin.

Qed nistennew u nittamaw li mill-Konferenza ta' Beijing tidher il-verità sħiħa dwar il-mara: mhux biss in-nisa ta' l-imgħoddi u ta' llum li huma kbar u magħrufin, iżda kull mara li turi x'inhi n-natura tagħha ta' mara billi taqdi lill-oħrajn fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

---

# Nomini Djoċesani

Nomini Djoċesani
P. Norbert Bonavia M.S.S.P., Ċeremonier djoċesan
Dun Karm Borg, Segretarju privat ta' l-Arċisqof
Dun Ġ. Mifsud Bonnici, Rettur tas-Seminarju
Dun Norrie Bonavia, Direttur tad-Dar tal-Kleru

# Kummissjoni Kateketika Nazzjonali

## Rapport ta' Ħidma 1994

### Struttura tal-Kummissjoni Kateketika

Matul din is-sena (1993/1994) saru diversi laqgħat fit-tul bejn il-*fulltimers* tal-Kummissjoni Kateketika u s-Segretarju Pastorali Dun Anton Gouder dwar l-istruttura l-ġdida tal-Kummissjoni Kateketika li sa issa tagħmel parti mis-Segretarjat għat-Tħabbir tal-Kelma u l-Katekeżi. Ġie formulat statut ġdid bi struttura kemm għall-katekeżi fil-parroċċa u kemm l-edukazzjoni reliġjuża fl-iskejjel. Dan l-istatut għad irid jiġi approvat b'mod definittiv. (Sadattant diġà twaqqfu u bdew jaħdmu żewġ Bords, wieħed biex jieħu ħsieb l-edukazzjoni reliġjuża fl-Iskejjel Sekondarji u ieħor biex jieħu ħsieb l-Iskejjel Primarji). Bdew isiru kuntatti biex jitwaqqfu l-Bord għall-edukazzjoni reliġjuża fil-*Kindergarten*. Beda jaħdem ukoll Bord biex jieħu ħsieb il-preadolexxenti fil-parroċċa.

### Pubblikazzjonijiet

* Tul is-sena 1992, wara konsultazzjoni ma' għadd ta' għalliema u professuri mill-Fakultà tat-Teoloġija, inħadem il-*Gwida għall-Għalliema tar-Reliġjon ta' Form IV,* bl-isem *"Il-Proġett ta' Alla għal Żvilupp Sħiħ."* Din il-Gwida ġiet issettjata fuq il-*computer* tal-Kummissjoni u mbagħad ġiet fotokupjata u miġbura f'mija u ħamsin kopja għand l-*Image Systems.*

Wara li din il-Gwida inħadmet għal sena mill-għalliema, intalab il-feeback biex jgħinna noħorġu t-test ta' l-istudenti. B'dan il-*feedback* u b'konsultazzjoni ma' diversi għalliema tar-Reliġjon u ma' espert tal-Malti mill-Università nħadem *it-Test ta' l-istudenti li ġie ppreżentat mill-Arċisqof lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni* nhar il-*25 ta' Novembru 1994.* Dan huwa l-ewwel test tar-Reliġjon li ġie stampat kollu kemm hu *full-colour.*

* Tul is-sena 1993, wara l-istess proċess li kien sar is-sena ta' qabel, inħadmet u ġiet ippubblikata l-*Gwida għall-għalliema ta' Form V* bl-isem *"Il-Proġett ta' Alla f'Ħajti."* Bħal ta' qabel, it-test ta' din il-Gwida nħadem fuq il-*computer* tal-Kummissjoni u ġie fotokupjat u miġbur b'kotba għand l-*Image Systems.* Wara l-*feedback* li qed isir fl-aħħar xhur tas-sena 1994, huwa ppjanat li t-test għall-istudenti jkun ippubblikat f'Settembru ta' l-1995.

* Billi l-*Gwida għall-għalliema ta' Year 6* ta' l-Iskejjel Primarji spiċċa, f'din is-sena ġie ssettjat mill-ġdid fuq il-*Computer* tal-Kummissjoni u fotokopjat bħall-oħrajn fl-*Image Systems.* L-istess sar ukoll fuq il-*Gwida għall-ktieb "L-ispirtu tal-Mulej Fuqi"* li jintuża fil-parroċċi għall-aħħar sena tal-Griżma.

## Kotba re-printed matul 1994

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nikbru f'Alla | (Ġunju) | quantity | 3040 |
| Il-Magħmudija tat-Tarbija Tagħna | (Mejju) | quantity | 3000 |
| L-Ispirtu tal-Mulej Fuqi | (Jannar) | quantity | 8280 |
| Hekk Ħabbna l-Missier | (Ġunju) | quantity | 9975 |
| Lejn il-Missier (6) | (Mejju) | quantity | 4040 |
| Lejn il-Missier (3) | (Mejju) | quantity | 4000 |
| Lejn il-Missier (4) | (Mejju) | quantity | 4000 |
| Jiena Magħkom | (Ġunju) | quantity | 7000 |
| Ilkoll Qalb waħda | (Ġunju) | quantity | 8500 |
| Missal 'B' | (April) | quantity | 3735 |
| Il-proġett ta' Alla għal żvilupp sħiħ | (Diċembru) | quantity | 8000 |

## In-service għall-għalliema fl-Iskejjel Primarji

Fil-31 ta' Mejju 1994, spiċċa l-aħħar in-*service course* għall-għalliema ta' *Year One* fl-Iskejjel Primarji. Din id-data ġabet fit-tmiem mhux biss il-kors ta' *Year One,* iżda wkoll is-sensiela ta' korsijiet li kienu ġew organizzati kull sena f'dawn l-aħħar sitt snin. Bdejna minn *Year 6* u spiċċajna f'*Year 1.* F'kull sena attendew madwar mija u tmenin teachers maqsuma fi tliet gruppi. Kull grupp attenda għal erba' *sessions* ta' sagħtejn-il waħda, b'*coffee break* fin-nofs. Il-ħin kien mis-siegħa sat-tlieta ta' wara nofs in-nhar. Il-korsijiet ingħataw minn Dun George Deguara, President tal-Kummissjoni, li kien ħa ħsieb il-kitba tat-testi tat-tfal u tal-Gwida għall-Għalliema minn Year 3 sa Year 6.

Il-korsijiet saru b'kollaborazzjoni sħiħa mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u nżammu fil-*lecture hall* tal-Kummissjoni Kateketika fl-Istitut Kattoliku.

## In-service għall-għalliema ta' Form IV

F'Settembru 1994, bi ftehim mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, sar *in-service training* għall-għalliema ta' *Form IV* fl-Iskejjel Sekondarji. Dan il-kors kien jikkonsisti f'erba' *Sessions* ta' erba' sigħat-il waħda li saru fl-Istitut Kattoliku. It-tema ewlenija ta' dan kienet it-test il-ġdid tar-Reliġjon li kien qiegħed jiġi ppubblikat għall-bidu tas-sena skolastika. Dan il-kors tmexxa wkoll minn Dun George Deguara li kien ħa ħsieb il-kitba u l-produzzjoni tat-test.

## Posters

Matul din is-sena, bħas-snin ta' qabel, ġew stampati fuq il-*photocopier* tal-Kummissjoni, mijiet ta' *posters* li huma maħsuba bħala sussidji għall-klassijiet tar-Reliġjon, kemm f'dawk ta' l-Iskejjel u kemm dawn tal-

parroċċi. Dan il-*posters* jiġu miġbura *f'file* skond il-klassi u jinbiegħu *at cost price.*

## Aġġornament jew formazzjoni operaturi pastorali

Permezz ta' l-Istitut għall-Ministeru għall-Kelma, il-Kummissjoni Kateketika rat li jsiru dawn il-korsijiet bħala wieħed mill-objettivi ewlenin ta' l-eżistenza u tal-ħidma tagħha.

## 1. Metodoloġija fl-edukazzjoni reliġjuża

Dan il-kors kien maħsub għal dawk li qed jgħallmu jew bi ħsiebhom jibdew jgħallmu r-Reliġjon fl-Iskejjel jew fil-Parroċċi. Il-parteċipanti ġew murija kif wieħed jagħraf jibni lezzjoni u jużа għajnuniet ta' komunikazzjoni biex il-lezzjoni tar-Reliġjon tkun relevanti għaż-żminijiet ta' llum.

Il-kors, li sar bejn *Ottubru 1993 u Mejju 1994. Kien fih 30 sessjoni ta' sagħtejn-il waħda.* Kien maqsum fi *tliet taqsimiet* ta' Studju:

*L-Ewwel Taqsima* – Antropoloġija – li kienet immexxija minn
Patri William Axiaq O.F.M. Cap,
Dun Benjamin Tonna
Dun Ġużepp Borg Micallef

It-Tieni Taqsima *kienet il-Kateketika li kienet immexxija minn*
Patri Danjel Bartolo O.F.M.

*U t-Tielet Taqsima* kienet fuq id-Didattika u tmexxiet minn
Dun Joe Meli
Dun Ġużepp Borg Micallef

Il-parteċipanti għamlu wkoll evalwazzjoni fuq kull taqsima. Din is-sena, għal dan il-kors attendew *29 persuna* li *14 minnhom ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Mertu* filwaqt li *3 oħra ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Attendenza.*

## II. Kors Bażiku tat-Teoloġija

Dan il-kors offra viżjoni kemm jista' jkun globali tal-messaġġ nisrani u fil-firxa tiegħu segwa t-tifsila tal-Kredu. L-Ispeċjalità ta' dan il-kors kienet l-aspett pastorali u għalhekk kien utli ħafna għall-katekisti parrokkjali ta' kull età u għall-għalliema tar-reliġjon.

Dan i-kors li sar bejn Ottubru 1993 u Ġunju 1994, kien fih 30 sessjoni

ta' sagħtejn-il waħda u kien immexxi minn Fr. Renè Camilleri u oħrajn speċjalizzati fil-materja. Għal dan il-kors attendew *37 persuna* li *19 minnhom ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Mertu* filwaqt li *9 oħra kkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Attendenza.*

## Korsijiet Monografici

## III. Is-Sagramenti

Il-parteċipanti ta' dan il-kors ingħataw tagħrif dwar il-ħajja sagramentali fir-rabta tagħha ma' l-iżvilupp li l-komunitajiet insara kienu għaddejja minnu tul iż-żmien. Għan ieħor tal-Kors kien li l-parteċipanti jifhmu dejjem iżjed ir-realtà sagramentali li tagħmel parti hekk importanti mill-eżistenza nisranija.

Dan il-kors, li sar bejn Ottubru u Diċembru 1993, kien fih 8-il sessjoni ta' sagħtejn-il waħda u kien immexxi minn Sister Marie Scicluna R.S.C.J. Għal dan il-kors attendew *26 persuna* li *22 minnhom ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Attendenza.*

## IV. Il-Psikoloġija ta' l-Iżvilupp

L-għan ta' dan il-kors kien li jagħti idea ġenerali ta' x'inhu nvolut fl-iżvilupp uman u liema huma t-*topics* prinċipai (*milestones* ) ta' dan l-iżvilupp. Ingħatat enfasi fuq l-iżvilupp morali u reliġjuż u gew analizzati t-teoriji prinċipali ta' l-iżvilupp b'mod speċjali fir-rigward ta' l-iżvilupp morali u reliġjuż.

Dan il-Kors, li sar bejn Ottubru u Diċembru 1993, kien fih 10 sessjoni ta' siegħa u nofs-il waħda u kien immexxi minn Dr. Max Cassar. Fl-aħħar tal-Kors il-parteċipanti għamlu evalwazzjoni. Għal dan il-kors attendew *27 persuna* li *10 minnhom ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Mertu* filwaqt li *8 oħra ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Attendenza.*

## V. Il-Kristjaneżmu tal-bidu

F'dan il-kors, li sar bejn Jannar u marzu 1994, kien fih 10 sessjoni ta' siegħa u nofs-il waħda u kien immexxi minn Patri Salvino Caruana O.S.A. Fl-aħħar tal-kors, il-parteċipanti kellhom l-opportunità jiktbu *essay* fuq is-suġġett biex jikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Mertu.

Għal dan il-kors attendnew *20 persuna* li *5 minnhom ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Mertu* filwaqt li *10 oħra ikkwalifiikaw għal Ċertifikat ta' Attendenza.*

## Korsijiet bibliċi

VI. Kors għall-animaturi għall-Gruppi Bibliċi

Dan il-kors kien maħsub primarjament għall-animaturi ta' gruppi u

għal dawk il-persuni li riedu jiksbu tagħlim ġenerali dwar il-Bibbja. F'dan il-kors ingħata tagħrif dwar kif inkitbet il-Bibbja, l-ispirazzjoni, il-kanoni, il-Pentatewku, il-Profeti, il-Kotba ta' l-Għerf, l-Evanġelji u l-Ittri ta' San Pawl.

Dan il-kors, li sar bejn Ottubru 1993 u Mejju 1994, kien fih 31 sessjoni ta' siegħa u nofs-il waħda u kien immexxi minn Dun Anton Abela. Dr. Anthony Frendo, Patri Donat Spiteri, Patri P.P. Zerafa, Patri Sandro Vella, Patri Gwido Schembri u Dun Martin Bruno. Fl-aħħar tal-kors sar ukoll *Seminar* ta' ġurnata mmexxi minn Dun Anton Abela u Sr. Rosa Muscat F.M. dar kif tuża l-Bibbja fi gruppi. Għal dan il-kors attendew *34 persuna* li *16 minnhom ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Mertu* filwaqt li *13 oħra ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Attendenza.*

## VII. L-Evanġelju ta' San Luqa

Dan il-kors kien maħsub għal dawk li qed ifittxu l-ispiritwalità evanġelika u jużaw l-Evanġelji fil-laqgħat jew tagħlim. F'dan il-kors ingħatat daħla dettaljata għall-Evanġelju ta' San Luqa u sar studju tas-siltiet ewlenin u tat-temi prinċipali tiegħu.

Dan il-kors, li sar bejn Ottubru u Diċembru 1993, kien fih 10 sessjoni ta' siegħa u nofs-il waħda u kien immexxi minn Patri Donat Spiteri O.F.M. Cap. Għal dan il-kors attendew *20 persuna* li *18 mnnhom ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Attendenza.*

## VIII. Ktieb is-Slaten

Dan il-kors ittratta l-ġrajja u l-istorjagrofija tal-Ktieb is-Slaten kif ukoll l-iżvilupp letterarju ta' Ktieb is-Slaten.

Dan il-Kors, li sar bejn Jannar u Marzu 1994, kien fih 11-il sessjoni ta' siegħa u nofs-il waħda u kien immexxi minn Patri P. Zerafa O.P. Għal dan Il-Kors attendew *9 persuni li 6 minnhom ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Attendenza.*

## IX. Is-sesswalità umana fil-Bibbja

Dan il-kors ittratta r-relazzjoni sesswali ta' bejn ir-raġel u l-mara fil-ġrajjiet tal-Bibbja, speċjalment tal-Ġenesi u l-Għanja ta' l-Għanjiet.

Dan il-Kors, li sar bejn April u Ġunju 1994, kien fih 10 sessjonijiet ta' siegħa u nofs-il waħda u kien immexxi minn Dun Anton Abela. Għal dan il-kors attednew *13-il persuna li 11 minnhom ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Attendenza.*

## Korsijiet oħra

## X. Disinn u tpinġija

Dan il-kors kien maħsub għal dawk l-għalliema li jsibu diffikultà kif jagħmlu *poster* jew kif ipinġu fuq il-Board. F'dan il-kors il-parteċipanti tgħallmu jpinġu figuri u xeni sempliċi bil-ġibs u kif jagħmlu *posters* ta' tip differenti. Dan il-kors kien wieħed prattiku u fl-aħħar tal-kors, il-parteċipanti għamlu *posters* li wħud minnhom ittellgħu f'wirja fil-*foyer* ta' l-Istitut Kattoliku fl-okkażjoni taċ-Ċerimonja tat-Tqassim taċ-Ċertifikati.

Dan il-kors, li sar bejn Jannar u April 1994, kien fih 10 sessjoni ta' sagħtejn-il waħda u kien immexxi minn Dun Ġino Gauci. Għal dan il-Kors attendew *25 persuna li 24 minnhom ikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Mertu.*

## XI. Korsijiet li ma sarux

Sfortunatament kien hemm żewġ korsijiet li ma sarux minħabba nuqqas ta' konkorrenza għalihom. Dawn kienu "Kif Toħloq *Slide Montage*" u "Is-Sena Internazzjonali tal-Familja: Lejn liema Familja?"

## XII. Iċ-Ċerimonja tat-Tqassim taċ-Ċertifikati.

Iċ-Ċerimonja tat-Tqassim taċ-Ċertifikati saret nhar l-Erbgħa *16 ta' Novembru 1994.* Dun Ġużepp Borg Micallef, Direttur ta' l-Istitut għal Ministeru tal-Kelma, ta rendikont tal-korsijiet kollha li saru bejn *Ottubru 1993 u Ġunju 1994* filwaqt li Fr. René Camilletri tkellem dwar kif il-katekeżi għandu jkollha bħala bażi tagħha t-Teoloġija. Din il-laqgħa kienet *ippreseduta mill-Vigarju Ġenerali, Mons. Annetto Depasquale, li qassam ukoll iċ-Ċertifikati lill-parteċipanti.*

B'kollox ġew imqassma *206 ċerfikat li 88 minnhom kienu Ċertifikat ta' Mertu.*

## Edukazzjoni speċjali

Dun Ġ. Borg Micallef, hu responsabbli mill-Edukazzjoni Reliġjuża speċjali. Bħalissa x-xogħol qed ikun fost il-familji ta' persuni b'diżabiltà mentali. F'din is-sena il-Kummissjoni Pastorali Persuni b'diżabilità ħadet direzzjoni li tintegra kemm jista' jkun il-persuni b'diżabilità fil-parroċċi tagħhom. Minn din is-sena s-sagrament ta' l-Ewwel Ċelebrazzjoni Solenni ta' l-Ewkaristija u dak tal-Griżma ta' l-Isqof saru fil-parroċċi. Bi tħejjija għal dawn is-sagramenti saru laqgħat għall-ġenituri tat-tfal biex jinizjawhom għalihom fl-ambjent tal-Familja. Fi żmien ir-Randan saret laqgħa ta' talb parteċipattiv għall-ġenituri minbarra Quddiesa fi żmien il-Milied u oħra fil-Għid il-Kbir, waħda fil-parroċċa tal-Furjana u l-oħra fil-

parroċċa ta' Ħal Luqa. Minbarra dawn l-attivitajiet, Dun Charles Abela, is-saċerdot responsabbli mill-qasam tal-Pastorali għall-Familji u persuni b'diżabiltà, jieħu ħsieb laqgħat fl-iżvilupp tal-Fidi, ir-residenti ta' Dar il-Wens, l-istudenti u l-għalliema ta' l-Iskejjel Speċjali ta' l-Istat kif ukoll lill-familji.

F'dan il-qasam, però, għadna nsibu diffikultajiet għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabiltà fil-parroċċi tagħhom. Xi passi żgħar 'il quddiem saru, ninstennew li min hu responsabbli jifhimna iżjed u jiftaħ iktar dirgħajh biex jilqa' lill-persuni bi bżonnijiet speċjali.

## Delegati parrokkjali

Din is-sena saru biss 4 laqgħat għad-Delegati tal-Parroċċi. Jiddispjaċina ngħidu li minn 64 Delegat attendew regolari 32, 10 delegati attendew darba biss, u 12 oħra ma attendew qatt. Dawn il-laqgħat saru nhar ta' Erbgħa filgħaxija, jidher li din kienet l-aħjar ġurnata billi ħafna mid-delegat huma tal-MUSEUM u dak in-nhar ma jkollhomx laqgħat għat-tfal, imma laqgħa għas-soċji li għal din jilħqu jattendu wara l-laqgħa tad-Delegati.

F'dawn il-laqgħat ġew diskussi dawn it-Temi:

1. Kors Introduttiv għall-Katekisti ġodda – Preparazzjoni għall-Milied.
2. Kif nedukaw it-tfal tagħna fit-Talb waqt il-Lezzjoni.
3. Ministeru Edukattiv mal-pre-adoloxxenti.
4. Jum it-Tagħlim Nisrani bit-Tema "Il-ktieb tal-Katekiżmu: Mezz ieħor biex nikbru fil-Fidi"

Bħala preparazzjoni għal dan il-Jum it-Tagħlim Nisrani saret laqgħa fit-28 ta' Settembru 1994 fl-*Auditorium* tal-MUSEUM, il-Blata l-Bajda. Din il-laqgħa kienet presiduta minn Mons. Arċisqof G. Mercieca, u għaliha attendew għalliema tar-Reliġjon fl-iskejjel Sekondarji, għalliema ta' l-Iskejjel Primarji u katekisti tal-parroċċi. Din il-laqgħa kienet tikkonsisti f'kant, talb flimkien u fuq kollox f'forum dwar il-kollaborazzjoni ta' l-iskejjel mal-Familji tat-tfal u ta' l-istudenti.

Din kienet ukoll okkażjoni tassew sabiħa fejn dawk kollha li b'xi mod jagħtu sehem fl-edukazzjoni reliġjuża, iltaqgħu flimkien fil-bidu tas-sena skolastika, u ġeddu l-lealtà u l-entużjażmu tagħhom quddiem l-Arċisqof. Intbagħtu *posters* u t-Talb għall-Quddiesa f'Jum it-Tagħlim Nisrani lill-Kappillani tal-Parroċċi kollha.

Fil-laqgħat id-Delegati kellhom ċans li jiddiskutu s-suġġet ma' Dun George Deguara.

Saru xi *Seminars* għall-Katekisti kollha tal-Parroċċi. Id-Delegati ġew mitlubin biex iħeġġu l-Katekisti li jattendu.

It-temi ta' dawn is-seminars kienu

1. L-ewwel – "L-Edukazzjoni fit-Talb." Għal dan is-Seminar attendew 70 katekist/a minn 24 Parroċċa.
2. It-tieni kien "Kif norganizzaw Ċelebrazzjoni Liturġika Ewkaristika jew para-liturġika". Għal dan is-*Seminar* attendew 33 katekist/a minn 20 Parroċċa.

Dawn is-*Seminars* ġew immexxija minn Dun George Deguara u minn Dun Ġużepp Borg Micallef. Dawk li attendew ħarġu sodisfatti kemm bil-preżentazzjoni kif ukoll fid-diskussjonijiet li saru. Dawn urew ix-xewqa li *Seminars* bħal dawn jibqgħu jsiru regolari.

## Proġett pastorali-edukattiv għall-preadoloxxenti

### Issir Talba:

F'Marzu ta' din is-sena, is-Segretarjat għall-Ħajja u Ħidma fil-Parroċċi, wara li identifika l-bżonnijiet il-kbar tal-parroċċi Maltin, avviċina lill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali u talab jekk jistax jinbeda proċess ta' studju u ħidma organizzattiva fil-qasam tal-pastorali mal-preadoloxxenti.

### L-ewwel Passi:

Wara xi laqgħat preliminari bejn Dun Anton Portelli, id-Delegat għas-Segretarjat għall-Parroċċi u Dun Joe Meli, id-Direttur tat-Taqsima Katekeżi fil-Komunità fi ħdan il-Kummissjoni Kateketika, fis-16 ta' April saret laqgħa għall-persuni li huma delegati mill-Komunitajiet parrokkjali tagħhom bir-responsabbiltà għall-ministeru pastorali-edukattiv ma' tfal preadolexxenti. F'din il-laqgħa, li biha kienu nformati l-kappillani kollha, saret diskussjoni fuq il-possibbiltà li jibda t-tfassil ta' qafas ta' Proġett Pastorali-Edukattiv Komuni għall-Arċidjoċesi ta' Malta. F'din il-laqgħa kulħadd qabel fuq il-ħtieġa li l-proċess tat-tfassil ta' dan il-Proġett jitmexxa mingħajr għaġġla żejda, imma bil-ħsieb u metodi xierqa.

### Stħarriġ fil-Komunitajiet:

Wara din il-laqgħa tħejja kwestjonarju dettaljat biex bl-għajnuna tiegħu ikun jista' jiġi mistħarreġ x'inhu qiegħed jitwettaq bħalissa fil-ministeru ma' tfal preadolexxenti mid-diversi komunitajiet parrokkjali. L-għan ta' dan l-istħarriġ kien li jinġabar biżżejjed tagħrif biex iservi ta' punt tat-tluq

sod għall-ħidma kollha li hemm bżonn issir. Il-kontenuti tal-kwestjonarju ġew imfissrin lid-delegati ħalli huma jaħdmu fuqhom flimkien ma' sħabhom li jinsabu impenjati f'dan il-qasam.

## Tagħrif siewi:

F'dan l-istħarriġ inġabar ħafna tagħrif siewi dwar l-għaxar aspetti li ġejjin: (1) X'jibqa' mill-kuntatt ta' dawn it-tfal mal-komunitajiet parrokkjali tagħhom wara li jieħdu s-Sagrament tal-Griżma; (2) Kif jinfirxu dawn it-tfal fi ħdan l-għaqdiet u l-movimenti reliġjużi; (3) X'għamliet ta' ministeru pastorali qed jitwettqu mill-komunità parrokkjali in ġenerali ma' dawn it-tfal; (4) X'opportunitajiet u impenji jeżistu fl-irħula għal dawn it-tfal; (5) X'viżjonijiet qegħdin iservu ta' gwida għal dak li qiegħed jitwettaq fil-fatt ma' dawn it-tfal; (6) X'oqsma u aspetti qegħdin ikunu ndirizzati f'dak li qiegħed jitwettaq ma' dawn it-tfal; (7) X'proġetti u programmi qegħdin jintużaw ma' dawn it-tfal; (8) X'għamla ta' sussidji u riżorsi huma l-aktar imħaddma; (9) X'qiegħed ikun ta' sodisfazzjon u ta' tħassib għall-persuni impenjati f'dan il-qasam; (10) X'esperjenza u taħriġ għandhom il-persuni impenjati f'dan il-qasam.

## Preżentazzjoni lill-Arċisqof u l-Kappillani:

Meta nġabar u nħadem it-tagħrif kollu li daħal mit-22 komunità parrokkjali minn diversi nħawi ta' Malta li għoġobhom jgħinu fl-istħarriġ, saret laqgħa apposta mal-Kulleġġ tal-Kappillanni, li għaliha kien preżenti wkoll Monsinjur Arċisqof, u fiha ġew ippreżentati kemm ir-riżultati ewlenin ta' l-istħarriġ kif ukoll l-indikazzjonijiet dwar l-orjentament li jeħtieġ tieħu l-ħidma f'dan il-qasam.

## Bord Integrat fil-Kummissjoni Kateketika:

Fid-dawl ta' dak li ntqal f'din il-laqgħa, ittieħdet id-deċiżjoni li bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat għall-Parroċċi għandu jitwaqqaf Bord u Grupp ta' Ħidma permanenti integrat fit-Taqsima Katekeżi fil-Komunità tal-Kummissjoni Kateketika, taħt id-direzzjoni ta' Dun Joe Meli. Fil-fatt, sa mit-23 ta' Lulju, dan il-grupp beda jiltaqa' b'mod regolari kull ħmistax.

## Deċiżjoni dwar il-Proġett:

L-ewwel deċiżjoni importanti li ttieħdet f'dan il-grupp kienet li l-Proġett Pastorali-Edukattiv mal-preadolexxenti għandu jaħseb fit-tfal kollha ta' din l-età. B'hekk, il-proġett irid iħaddan fih inizjattivi għall-ħolqien ta' kuntatt mill-ġdid ma' dawk it-tnejn minn kull tlieta li jkunu dgħajjfu r-rabta tagħhom mal-komunità parrokkjali u jitfassal b'mod li

jwassal għat-twessigħ tal-viżjoni fil-ħidma ma' dawk li jibqgħu f'kuntatt permezz ta' għaqdiet u attivitajiet ta' natura regolari.

## Studju fuq Dokument Amerikan:

Fl-isfond ta' din id-deċiżjoni, li timplika għażla fundamentali, Dun Joe Meli ppropona li l-Bord jistudja d-dokument klassiku tal-Konferenza Episkopali Amerikana: *A Vision of Youth Ministry*. Għalhekk ingħatat bidu għall-qari l-analiżi dettaljata ta' dan id-dokument partikolari biex tkun verifikata l-validità u r-relevanza tiegħu għas-sitwazzjoni Maltija.

## Parteċipazzjoni fl-Assemblea Parrokkjali:

Waqt li kienet għaddejja din il-ħidma ta' analiżi u verifika, meta bejn is-7 u l-11 ta' Novembru ġiet organizzata l-ewwel Assemblea tal-Parroċċi, fil-programm iddaħħal jum apposta għar-riflessjoni fuq il-pastorali mal-preadolexxenti. Bħala parti mill-attivitajiet ta' dan il-jum saru: (1) taħdita fuq x'suriet għandha tieħu l-ħidma pastorali u edukattiva mal-preadolexxenti fiż-żminijiet ta' llum; (2) diskussjoni fuq ir-riżultati u l-konklużjonijiet ta' l-istħarriġ imwettaq fil-komunitajiet parrokkjali; (3) dimostrazzjoni ta' kif isseħħ l-animazzjoni ta' laqgħat ma' tfal f'din l-età partikolari.

## Korsijiet għall-Animaturi:

Fl-istess żmien, fil-Bord ittieħdet id-deċiżjoni li għandhom jibdew isiru b'mod regolari korsijiet ta' orjentament għall-animaturi tal-preadolexxenti permezz ta' l-Istitut tal-Ministeru tal-Kelma.

L-ewwel wieħed minn dawn il-korsijiet għandu jkun organizzat fuq bażi sperimentali bejn Jannar u April tas-sena 1995. Għalhekk, f'Diċembru tlestiet iċ-ċirkolari bit-tagħrif dwar dan il-kors u saret kampanja ta' reklamar bil-posta kemm fil-parroċċi kif ukoll fl-għaqdiet reliġjużi kollha. L-għadd ta' animaturi li nkitbu għall-kors sa l-aħħar tas-sena kien ta' madwar ħamsin.

## Ċentru riżorsi

Il-Kummissjoni mill-bidu tagħha, ħasset il-ħtieġa li twaqqaf Ċentru ta' Riżorsi għall-Katekisti u għall-Edukazzjoni Reliġjuża biex iżommu ruħhom aġġoranti u servizzi ta' ċerti għodod ta' tagħlim. F'din il-firxa ta' snin iċ-Ċentru Riżorsi tal-Kummissjoni Kateketika sar dejjem aktar speċjalizzat fil-qasam ta' l-Edukazzjoni Reliġjuża. Iċ-Ċentru hu frekwentat minn kull kategorija ta' edukaturi reliġjużi u minn studenti tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta.

## Iċ-ċentru tar-riżorsi hu mqassam fi tliet taqsimiet kbar

## Il-kotba

*Testi għall-iskejjel* bħala programmi ta' tagħlim mill-*Kindergarten* sa l-aħħar sena ta' l-Iskola Sekondarja. Huma testi Maltin, Ingliżi, Taljani u Franċiżi.

*Katekeżi għall-parroċċi*: Katekiżmi Uffiċċjali ta' Konferenzi Episkopali u oħrajn minn persuni esperti. Kotba ta' Katekeżi mill-età żgħira sa l-adulti.

*Metodoloġija Kateketika* bħala prinċipji u dik applikata. L-istorja tal-Katekeżi sa żmienna. Katekeżi fi grupp żgħir; Kotba għall-*Counsellors.* Kotba wieħed isib dwar Komunikazzjoni fil-Katekeżi. Drama, Fotolingwaġġ, Simboliżmu, tpinġija, stejjer eċċ. Kotba ta' Kreattività li joffru ħafna ideat lill-edukaturi reliġjużi. Kotba dwar id-Didattika Ġenerali u Psikoloġija. Taqsima ta' Edukazzjoni għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Kotba ta' Teoloġija u Bibbja f'din jinkludu studji, b'żewġ taqsimiet speċjalizzati għat-tfal u għaż-żgħażagħ. Kotba għall-Edukazzjoni fil-Liturġija, Ċelebrazzjonijiet, talb u kant. L-aħħar taqsimiet iġibu fihom l-Istorja tal-Knisja, l-Istorja tal-Qaddisin, Dokumenti Pontifiċji u ta' Konferenzi Episkopali. Kotba ta' Soċjoloġija li tinkludi dik tar-Reliġjon.

## Ir-rivisti

Iċ-Ċentru hu abbonat f'erbgħin rivista, il-maġġoranza huma bl-Ingliż u bit-Taljan; hemm xi wħud tajbin ħafna bil-Franċiż u numru limitat bil-Malti. Din it-taqsima hi utli ħafna għall-Edukazzjoni Reliġjuża, filwaqt li żżommhom aġġornati tfornihom b'ideat prattiċi. Ir-rivisti ma joħorġux miċ-Ċentru, però noffru servizz ta' fotokupjar bi prezz speċjali.

## L-Audio

Din hi taqsima li tagħti faċilità li wieħed isegwi kors waħdu jew fi grupp – Il-korsijiet: Teoloġija Bażika: Metodoloġija Bażika: Marija u l-Qaddisin; L-Ewkaristija; Alla Problema ta' Fidi; Il-Knisja; Is-Sagramenti; Ġesù Kristu; L-Ispirtu s-Santu; Is-Sesswalità; Il-Bioetika; It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja; Esperjenzi ta' Spiritwalità; Proċess *Theology*; Problemi Umani; Il-Persuna b'diżabiltà; Kors Bażiċi tal-Bibbja; L-Evanġelji ta' S. Luqa u S. Mattew; *Giving Directions to Youth Ministry; The Ministering Community;* Kors ta' RCIA; Kant u Innijiet bl-Ingliż u bil-Malti.

## Taqsim viżwali

It-Taqsima ta' *Slides* hi kbira u varja tilħaq il-bżonnijiet edukattivi differenti. Il-biċċa l-kbira huma għaż-żgħażagħ u għall-adulti, tinkludi

wkoll taqsima għat-tfal minkejja li llum daħal it-Televiżjoni, il-valur edukattiv tas-*slides* għadu kbir għax joffri użu differenti u faċli għall-adattamenti. Żgur li bħala lingwaġġ meta użajt kif suppost hu aqwa minn dak mitkellem.

F'din it-taqsima ċ-Ċentru jipprovdi għad ta' *videos* ta' Katekeżi, ta' problemi għal diskussjoni u *feature films* li jolqtu aspetti mill-ħajja ta' llum u jedukaw għall-valuri li jtejbu l-livell tal-ħajja.

### F'din is-sena

F'din is-sena ċ-Ċentru ta' riżorsi żdied b'500 ktieb. L-aġġornament ta' 40 rivista; 7 korsijiet *audio* u 42 *video*. Hu pproġettat li s-sena l-ġdida minbarra materjal ġenerali se nagħtu preferenza għall-*videos* u għall-materjal kreattiv.

DUN GEORGE DEGUARA
*President KKN*

# Programm ta' korsijiet 1995-1996

Dan l-Istitut twaqqaf mill-Knisja ta' Malta b'servizz lil dawk li jaħdmu fl-Oqsma Pastorali ta' l-Edukazzjoni Reliġjuża.

L-Awtoritajiet tal-Knisja jifhmu li fi żmienna l-ħidma edukattiva trid tkun afdata f'idejn persuni ppreparati għal dan l-impenn.

Il-Kappillani, il-Kapijiet ta' l-Għaqdiet tal-Lajċi, il-Kapijiet ta' l-Iskejjel, is-Superjuri tar-Reliġjużi jridu jiżguraw ruħhom li min ikun afdat bir-responsabbiltà ta' l-Edukazzjoni Reliġjuża jkollu tħejjija Teoloġika – Biblika – Liturġika – Kateketika.

L-Istitut tagħna ħejja dan il-programm ta' korsijiet. Qed jitħabbru kmieni biex il-persuni kkonċernati jagħmlu l-adattamenti meħtieġa biex jistgħu jieħdu sehem.

Dan hu programm preliminari. F'Settembru jintbagħat wieħed dettaljat. Min irid informazzjoni jikkuntattja ċ-Ċentru tal-Kummissjoni Kateketika, Tel: 223949; FAX: 230342.

## Kors għal Katekisti ġodda

Settembru – Ottubru: It-Tlieta u l-Ġimgħa mill-5 ta' Settembru sat-14 ta' Ottubru (9.30am – 11.30am u/jew 6.00pm – 8.00pm. *Kors Introduttiv għall-Katekisti Prospettivi.* 12-il sessjoni ta' tagħlim u taħriġ għall-persuni li jkunu se jibdew ħidma Ministerjali bħala Katekisti ġodda. Jingħataw l-ewwel prinċipji u eżerċizzi fuq kif wieħed jeduka fil-Fidi.

Korsijiet ta' kwalifikazzjoni għall-Katekisti u animaturi
Il-Korsijiet li ġejjin jibdew fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru, mis-6.00pm – 8.00pm. Ikun hemm *break* għall-Kaffè.

It-Tnejn: *Kors Bażiku ta' Metodoloġija Katekista.* Prinċipji u esperjenza ta' kif nedukaw fil-fidi.

It-Tlieta: *Kors Bażiku Bibliku.* Jilħaq l-aspetti prinċipali biex wieħed jifhem u jxandar il-Kelma ta' Alla.

Il-Ħamis: *Kors Bażiku ta' Teoloġija.* Jippreżenta b'rabta mal-ħajja l-aspetti fundamentali tal-Fidi Nisranija.

Dawn il-korsijiet jieħdu minn Ottubru 1995 sa Ġunju 1996.

## Korsijiet b'suġġett partikulari

Ottubru – Diċembru 1995

It-Tnejn: Kors: *It-Talb fil-Bibbja.* Il-ħafna esperjenzi li toffri l-Bibbja biex niskopru spiritwalità ġenwina.

Il-Ħamis: Kors *għall-Animaturi tal-Preadolexxenti.* Prinċipji u esperjenzi kif nedukaw fil-Fidi lil din l-età diffiċli.

Il-Ġimgħa: Kors: *Ġesù Kristu.* Min tgħid li hu? Tweġiba mill-Evanġelju, it-Tradizzjoni u n-nies ta' żmienna.

## Korsijiet b'suġġett partikulari

Jannar – Marzu 1996

It-Tnejn: Kors: *Il-Ktieb tas-Salmi.* Nitgħallmu nitolbu, b'ferħ u ringrazzjament, f'kull sitwazzjoni tal-ħajja.

Il-Ħamis: *Kors għall-Katekisti tal-klassi ta' l-Ewwel Tqarbina.* Kif nedukaw fil-Fidi lit-tfal f'din l-età.

Il-Ġimgħa: Kors: *Is-Sagramenti,* Kif niltaqgħu ma' Kristu b'mod privileġġat.

## Korsijiet b'suġġett partikulari

April – Ġunju 1996

| | |
|---|---|
| It-Tnejn | Kors *għall-Animaturi ta' l-Anzjani.* Kif ngħinu lill-anzjan u lill-marid jiżviluppa fil-Fidi. |
| Il-Ġimgħa: | Kors: *L-Ispiritwalità fil-Ħajja tal-Knisja.* Tagħrif u riflessjoni fuq metodi differenti għall-qdusija personali. |

DUN ĠUŻEPP BORG MICALLEF
*Direttur Ministeru tal-Kelma.*

# Rapport ta' ħidma Għas-sena 1994 mill-Caritas Malta Segretarjat Soċjali ta' Karità

*Huwa diffiċli biex jingħata rapport komprensiv tal-ħidma tal-Caritas matul sena għaliex l-aqwa servizz jibqa' dak li jsir fis-skiet u l-moħbi ma' nies imweġġa' fil-ħajja li kuljum jersqu għall-għajnuna jew li nżuru fi djarhom biex jingħatawlhom faraġ u appoġġ fil-ħtiġijiet tagħhom. Ix-xhieda tal-Vanġelu tal-karità titlob xi ħaġa aqwa mill-pjanijiet, strutturi u attivitajiet. Għalkemm dawn l-għodod huma meħtieġa wkoll biex il-ħidma tagħna, fost in-nies li jħossuhom imwarrba minn soċjetà affwenti, tkun organizzata u kordinata biex ma jinħlewx riżorsi umani u finanzjarji.*

## 1. Il-Kunsill tal-Caritas Malta

L-istatut il-ġdid tal-Kunsill tal-Caritas ġie approvat minn Monsinjur Arċisqof u l-Kunsill iltaqa' regolarment.

*Biż-żieda ta' rappreżentanti ġodda, il-Kunsill ikun jista' jikkordina aħjar l-oqsma kollha soċjali fil-Knisja u f'organizzazzjonijiet b'ispirazzjoni nisranija. Għalkemm jidher li kulħadd għandu intenzjonijiet tajba, il-kordinament effettiv jieħu ż-żmien biex jitwettaq.*

1.1. L-eżekuttiv

Twaqqaf ukoll il-Kumitat Eżekuttiv u beda jaħdem fuq aġenda mfassla mill-Kunsill.

1.2 Kummissjonijiet:

a.1 Kummissjoni minnhom ħejjiet *Policy* għal Djar tal-Knisja fil-Parroċċi b'risq persuni b'diżabiltà;

a.2 u l-Kummissjoni l-oħra se tippreżenta suġġerimenti dwar il-Ġimgħa tal-Karità.

b. Kummissjoni Emerġenza:

b.1 Permezz tal-*Caritas Internationalis,* intbagħtet għajnuna finanzjarja biex jitwettqu proġetti b'risq il-vittmi tal-gwerra fir-Rwanda: u baqgħet tintbagħat ukoll lill-vittmi tal-gwerra fl-ex-Yugoslavja.

b. 2 Ingħatat kontribuzzjoni b'solidarjetà mal-qraba tal-vittmi tad-diżgrazzja fit-Tarzna.

1.3 L-Assemblea Ġenerali

L-Assemblea Ġenerali tlaqqgħet f'Diċembru 1994. F'dik l-okkażjoni ħarġet ċara r-rikezza li hawn fil-Knisja Maltija fejn jidħol il-qasam soċjali.

2. L-Aġenzija Caritas

Il-Caritas kompliet issaħħaħ u tifrex is-servizzi tagħha f'dawn l-oqsma:

- Anzjani (*Caritas HelpAge* )
- Familji fid-diffikultà
- Programmi Edukattivi fl-Iskejjel
- Kummissjoni Diakonia (*Parish Outreach* )
- Prevenzjoni tad-Droga
- Riabilitazzjoni mill-Abbuż tad-Droga
- Xandir
- Pubblikazzjonijiet

## A. Anzjani

A!. Ċentri Soċjali ta' l-Anzjani

Għanijiet:

- biex l-anzjani ikissru s-solitudni billi jibnu relazzjonijiet ta' ħbiberija bejniethom fl-ambjent li fih jgħixu jew barra mill-ambjent tagħhom;
- biex l-anzjani jibqgħu attivi billi jieħdu sehem f'attivitajiet edukattivi, rikreattivi, soċjali u reliġjużi li jsiru fiċ-Ċentru jew barra miċ-Ċentri;
- biex l-anzjani jaħsbu f'min ma jistax joħroġ minn daru minħabba diżabiltà fiżika jew mentali.

Sa l-1994, twaqqfu 43 Ċentru fil-parroċċi.

Il-Kumitat Ċentrali taċ-Ċentri Soċjali jiltaqa' regolarment kull xahar biex:

- jiżviluppa u jikkordina dawn iċ-Ċentri;
- jorganizza l-attivitajiet kollha li jsiru fuq bażi nazzjonali: ħarġiet f'Malta u Għawdex ta' erbat ijiem, u *tours* barra minn Malta;
- jippromwovi Ċentri ġodda;
- jieħu ħsieb it-taħriġ li jsir għall-mexxejja taċ-Ċentri.

*Social Worker* u voluntiera jżuru regolarment dawn iċ-Ċentri.

## A.2 Ċentru għall-Ħajja aktar Indipendenti

Dan iċ-Ċentru joffru servizz ta' pariri lill-anzjani u persuni b'diżabiltà fiżika, u apparat għall-bejgħ li jgħinhom jgħixu ħajja aktar indipendenti.

### A.3 Ċentru ta' Spiritwalità għall-Anzjani (*La Vie Montante* )

Dan iċ-Ċentru għandu 15-il animatur mħarrġa. Qegħdin jintlaħqu 23 Ċentru għall-Anzjani kull xahar. Dan is-servizz qed jiġi mifrux fid-Djar Residenzjali ta' l-Anzjani.

### A.4 Djar tal-Knisja għall-Anzjani

Grupp ta' voluntieri tal-Caritas iżur regolarment dawn id-Djar. Dawn jiġu mħarrġa biex jagħtu attenzjoni individwali lill-anzjani li jħossuhom weħidhom jew li jkollhom bżonn ta' appoġġ speċjali.

Il-voluntieri huma mħarrġa wkoll biex janimaw grupp ta' spiritwalità u jorganizzaw attivitajiet soċjali u rekreattivi perjodikament barra mid-Dar.

Iż-żewġ *mini-buses* tal-Caritas jagħtu servizz lil dawn id-Djar meta jkunu jridu joħorġu lir-residenti.

### A.5 Ħidma Ġirien Ħbieb

Dan huwa servizz volontarju mogħti fuq bażi regolari mill-ġirien lill-persuni li jgħixu waħedhom. Din il-ħidma hija organizzata mill-parroċċa u kkordinata mill-Caritas.

Il-voluntieri huma mħarrġa mill-Caritas, u jgħinu lis-*Social Worker* tal-Caritas responsabbli għal dan il-qasam.

Tlesta "Video" biex jintuża għat-taħriġ tal-voluntieri/ġirien li jagħtu s-sehem tagħhom f'din l-iskema li ngħatat struttura ġdida. F'Malta hawn sittax-il parroċċa li fihom twaqqfet din l-iskema; tliet parroċċi minnhom qed jaddottaw l-iskema l-ġdida.

### A.6 Awareness Programmes

Permezz tal-kitba, pubblikazzjonijiet u programmi fuq diversi stazzjonijiet tar-Radju kompliet tikber il-kuxjenza soċjali dwar il-problemi ta' l-anzjani għalkemm bosta anzjani li jinsabu weħidhom baqgħu l-mira ta' atti kriminali.

### A.7 Djar Residenzjali tal-Knisja għall-Anzjani

L-akbar nuqqas fil-qasam ta' l-anzjani huwa n-nuqqas ta' spazju li hawn fid-Djar Residenzjali ta' l-anzjani għall-persuni bi ħtiġijiet speċjali.

Saru żewġ talbiet għall-għajnuna lill-Gvern. Jekk l-ebda *grant* ma tasal se jkun diffiċli biex inbassru l-futur ta' xi wħud minn dawn id-Djar.

Dun Victor Zammit McKeon isegwi mill-qrib lill-i*staff* u lir-residenti ta' dawn id-Djar.

It-Taħriġ ta' l-i*staff* f'dawn id-Djar ingħata attenzjoni xierqa.

## A.8 Programm Edukattiv fl-Iskejjel

Dan il-Programm fl-iskejjel beda fl-1987 bil-għan li:

• li titqajjem kuxjenza fost it-tfal dwar il-potenzjal, il-ħtiġijiet u l-inseriment ta' l-anzjani fis-soċjetà;

• inħajru lit-tfal jibnu relazzjonijiet ta' ħbiberija u rispett man-nanniet tagħhom kif ukoll ma' ġirien anzjani.

• noħolqu fost it-tfal ta' l-iskejjel rapport ta' ħbiberija bejniethom permezz ta' attivitajiet barra mill-iskola.

Fl-1994, iż-żewġ *full-timers* mal-Caritas fuq dan il-programm żaru 15-il skola primarja tal-Gvern u skejjel privati. Isiru 4 laqgħat ma' kull klassi. B'kollox is-sena l-oħra ntlaħqu 7,000 tifel u tifla.

Ġew organizzati wkoll dawn l-attivitajiet prinċipali:

• Sportage Swimathon, b'attendenza ta' mijiet ta' tfal u ġenituri

• Workout għan-nisa tad-dar

• Kampanja ta' ħbiberija – Kant tal-Milied lill-Anzjani

L-attivitajiet għat-tfal isiru bil-għan li t-tfal ikabbru l-istima tagħhom infushom u jidraw jaħsbu f'ħaddieħor minn ċkunithom.

## A.9 Subby's club

Dan il-Klabb tat-tfal jiltaqa' regolarment. Fost it-tfal twaqqaf Kor li ġew imħarrġa biex jieħdu sehem fil-laqgħat organizzati għall-anzjani.

## A. 10 Side-by-Side

Din hija rivista għat-tfal u jitqassmu 4000 kopja f'kull ħarġa.

## B. Familji bi ħtiġijiet speċjali

B.1 Is-Servizzi

Is-Servizzi f'dan il-qasam huma mifruxa f'diversi oqsma:

• appoġġ lill-familji li għandhom tfal b'xi diżabiltà fiżika jew mentali;

• appoġġ u laqgħat ta' taħriġ lil żgħażagħ li jsibuha bi tqila biex jagħmlu ħbieb. Dawn jiltaqgħu fil-Caritas kull ħmistax. Grupp ta' żgħażagħ huma mħarrġa biex jgħinuhom.

• servizz ta' *counselling* lill-familji b'relazzjonijiet emozzjonali dgħajfa. Ingħataw madwar 1265 sessjonijiet ta' pariri.

• għajnuna u appoġġ lill-persuni bi problemi ta' dipressjoni kronika;

– żjajjar lill-pazjenti waqt li jkunu fl-isptar u *follow-up* wara li joħorġu

– "Thursday Club" għal dawn il-pazjenti biex ngħinuhom jintegraw ruħhom fis-soċjetà;

• appoġġ u għajnuna finanzjarja lill-familji li jkollhom membru li jeħtieġ kura fi sptarijiet barra minn Malta;

• għajnuna lill-familji bi problemi ta' *housing;*

• appoġġ, u servizz ta' *counselling/referal* fejn mitlub, lill-familji li għandhom xi membru/i bi problemi ta' alkoħol, droga jew logħob. AA u ALANON, GA u GAMANON ikollhom laqgħat regolari fil-Caritas.

• appoġġ lill-ommijiet separati jew mhux miżżewġa;

## B.2 Il-voluntieri

Il-voluntieri li jaħdmu f'dan il-qasam megħjuna mill-kordinatur ta' dawn is-servizzi u professjonisti minn barra l-Caritas jingħataw taħriġ dwar:

- il-problemi soċjali llum
- valuri fil-familja
- *fostering* u *adoption*
- kif in-nisrani jħares lejn il-mard mentali
- il-ħtieġa ta' *Occupational Therapy*
- il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabiltà speċjali
- l-AIDS, Abbuż ta' Droga, u Alkoħoliżmu
- il-volontarjat soċjali
- ir-rwol tal-kappillan fil-qasam soċjali.

Permezz tas-*Social Worker* responsabbli, il-voluntiera iltaqgħu.għamlu kuntatt ma' diversi organizzazzjonijiet volontarji li jaħdmu fil-qasam soċjali biex jaqsmu flimkien l-eserpjenzi tagħhom.

## B.3 Awareness Programmes

– Ġie organizzat Seminar: Mill-familja għall-familja: Il-Volontarjat Soċjali.

– Saru sensiela ta' programmi fuq l-RTK u stazzjonijiet oħra tar-Radju biex tinħoloq kuxjenza pubblika dwar il-familji bi problemi speċjali.

## B.4 Il-Leaders tal-Gruppi

Il-Leaders tal-Gruppi ta' voluntieri li jaħdmu fid-diversi oqsma soċjali jiltaqgħu darba fix-xahar flimkien għal taħriġ u evalwazzjoni tal-ħidma tagħhom.

## Kummenti:

*Il-Familja f'Malta għandha theddid minn ġewwa u minn barra. Jekk nemmnu fis-saħħa tal-familja, irridu nersqu lejn il-familji, nidħlu fihom, insiru nafuhom minn ġewwa u nippruvaw ngħinuhom kemm nistgħu biex il-ħajja jħossuha anqas diffiċli u biex jifhmu li l-Knisja qiegħda warajhom fil-ħtiġijiet tagħhom li huma ħafna.*

*Ix-xhieda tal-Vanġelu tal-karità fil-familji huwa aqwa minn kull priedka u mid-devozzjonijiet reliġjużi.*

*Din il-ħidma trid tkun organizzata u regolari u ssir mill-qalb u b'dedikazzjoni.*

## Ċ. Djakonija

*Il-qadi bl-imħabba ta' l-aħwa fi Kristu huwa ministeru marbut mal-pre-Evanġelizzazzjoni u x-Xandir tal-Kelma.*

Għalkemm hawn 28 parroċċa f'Malta li fihom twaqqfet il-Kummissjoni Djakonija, qed jinstabu problemi kbar biex fil-parroċċi nsibu voluntieri dedikati biex iwettqu din il-ħidma b'impenn u fit-tul.

Xi wħud mill-Kappillani huma mgħobbija ħafna b'xogħol amministrattiv u b'diversi impenji oħra fil-parroċċa. Minkejja li l-għajnuna li nitolbu ma tasalx dejjem f'waqtha, il-*Caritas* baqgħet tħarreġ lil-*leaders* u lill-membri tad-Djakonija:

- Saru 6 laqgħat ta' taħriġ fiċ-Ċentru tal-Caritas għal-*leaders* tal-Kummissjoni Djakonija.
- Ingħataw 28 laqgħat ta' taħriġ f'diversi parroċċi.
- Sar Irtir ta' ġurnata għall-membri kollha tad-Djakonija.
- Sar Seminar ta' ġurnata għall-Kummissjoni Djakonija taż-Żejtun u tal-Mosta.
- Beda esperiment ġdid billi qegħdin niltaqgħu maż-żgħażagħ fil-*Youth Centres* jew *Clubs* fil-parroċċi biex jitrawwem demm ġdid.

## D. L-osservatorju tal-fqar

Il-Caritas flimkien mad-DISCERN waqqfu l-Osservatorju tal-Faqar. Ġew intervistati privatament il-kappillani kollha ta' Malta u Għawdex. Ir-riżultat ta' dan l-istħarriġ kien l-ewwel rapport li ħareġ fi ktieb bil-Malti u bl-Ingliż.

Bħala *follow-up* sar *Seminar* fl-Università, Laqgħa mal-Kappillani (f'April 1995), *Seminar* ieħor qed jitħejja għall-Għaqdiet.

Issa għandna mappa ta' l-uċuħ differenti tal-faqar (diżabilitajiet fiżiċi, mentali, emozzjonali, soċjali, kulturali, ekonomiċi, relazzjonali, u diżabiltajiet ta' aċċess).

X'inhi t-tweġiba tal-Knisja għal dawn is-suriet ġodda ta' faqar f'soċjetà differenti?

*Iż-żmien jagħtina parir... Nittamaw li fil-Pjan Pastorali l-Karità u l-impenn soċjali jingħataw il-post li jeħtiġilhom f'pastorali impenjata favur l-ifqar fost il-fqar.*

## E. Prevenzjoni u azzjoni

*Dak li għidna fis-'70 qed iseħħ illum. L-abbuż ta' alkoħol u d-droga flimkien ma' kriminalità organizzata infirxu ma' Malta u Għawdex u qed jheddu l-familja minn ġewwa.*

*Bosta żgħażagħ qed jinqerdu bl-abbuż ta' l-alkoħol u d-droga għax qed iħossu li l-ħajja m'għandhiex x'toffrilhom. Ma jafux iwieġbu għall-mistoqsija: X'għandi nagħmel biex ħajti tkun tfisser xi ħaġa? X'inhu l-pjan ta' Alla għalija? X'irid minni? Fil-kura pastorali taż-żgħażagħ irridu nwieġbu dawn il-mistoqsijiet li jinkwetaw ħafna żgħażagħ. Irridu nwieġbu għat-tamiet taż-żgħażagħ li qabdu triq tajba.*

*L-istima baxxa li għandhom bosta żgħażagħ tagħhom infushom, in-nuqqas ta' skop fil-ħajja, il-pressjoni tal-ħbieb, l-aċċess faċli għall-konsum ta' l-alkoħol u d-droga, il-kultura konsumista li timbuttana biex nissodisfaw il-ħtiġijiet artifiċjali tagħna fil-pront, l-attitudni li jekk tinqabad tonqos tista' teħlisha ħafif, jekk ikollok min jipproteġik, qegħdin ipoġġu f'riskju serju lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli.*

*F'dan l-isfond, kull tip ta' Programm Preventiv għandu l-limitazzjonijiet tiegħu.*

Minkejja dan kollu, il-Caritas mill-1984 sa llum permezz ta' l-i*staff* u voluntieri mħarrġa baqgħet tifrex is-servizzi tagħha fl-iskejjel, fl-industriji, fil-parroċċi, ma' studenti fl-Università, fost in-*nurses, prison wardens.*

Fil-programm għall-iskejjel (*Social and Life Skills Programmes*), qed ninsistu fuq il-valuri, *stress-management skills, decision-making skills* u taħriġ biex titkabbar il-kreattività ta' l-istudenti. Il-Caritas baqgħet tgħin fit-taħriġ ta' għalliema li jaħdmu fil-*Personal and Life Skills Programmes* ta' l-Iskejjel tal-Gvern u tal-Knisja.

## Attivitajiet mill-Grupp Prevenzjoni

Fil-*European Prevention Week*, il-*Core Group* tal-Programm Preventiv tal-Caritas, flimkien ma' għadd ta' *speakers* imħarrġa, żaru 54 parroċċa. Din il-kampanja ta' Prevenzjoni kienet tinvolvi taħdidiet, *play forums, video-forums,* esperjenzi min-nies imġarrba, diskussjonijiet, wirjiet, esibizzjoni ta' kotba ippubblikati mill-*Caritas* dwar id-droga.

Sar *update* tal-*Mobile Exhibition.*

Ġie ppubblikat ktieb: *Don't Crack* li fih taħriġ għall-ġenituri u edukaturi.

Il-YDFY (*Youth for Drug-Free Youth* ) organizzaw diversi attivitajiet fil-*Clubs* taż-Żgħażagħ, *seminars, play-forums, disco* mingħajr xorb alkoħoliku li għalih attendew mijiet ta' żgħażagħ.

Saru sensiela ta' taħdidiet fuq l-RTK u stazzjonijiet oħra.

Għadu kemm twettaq *update* tal-Programm Preventiv u tfasslu oġġettivi ġodda biex jintlaħqu matul din is-sena 1995.

Żammejna kuntatt u kollaborazzjoni mas-SEDQA f'diversi oqsma u tajba l-kontribut tagħna f'*Master Plan* ġdid li qed jitħejja.

## F. Ċentri ta' riabilitazzjoni tad-drogati

Matul is-sena 1994, bdiet isseħħ ir-riorganizzazzjoni taċ-Ċentri tal-Furjana, Baħar iċ-Ċagħaq u San Blas. Sar Pjan ġdid ta' Riabilitazzjoni. Tfassal Kors ta' Taħriġ għall-I*staff.* Il-psikologu Dr David Attard inħatar Kordinatur Kliniku tal-Programm waqt li Mr. Joe Gatt sar il-Kordinatur Amministrattiv. Inħatar *Manager* għall-Programm biex isegwi t-twettiq ta' ri-organizzazzjoni f'kull Dar.

L-i*staff* kollu ngħata Kors fuq Logoterapija minn żewġ esperti f'dan il-qasam miċ-*Centro Italiano di Solidarietà,* f'Ruma (il-Programm immexxi minn Don Mario Picchi).

Membri ta' l-i*staff* intbagħtu wkoll barra minn Malta għal taħriġ.

Ġiet ukoll ri-organizzata t-terapija li tingħata lill-familji u qraba ta' dawk li jkun qed jagħmlu l-Programm ta' Rijabilitazzjoni.

Il-Programm tal-*Caritas* huwa l-uniku wieħed f'Malta li jsegwi r-resident fl-erba' fażijiet ta' l-iżvilupp sħiħ tiegħu sakemm jiggradwa mill-Programm.

## Espansjoni tal-Programm

Ġew proposti żewġ proġetti oħra lill-Gvern:

1. wieħed għall-priġunieri f'Corradino bi problema ta' alkoħol u droga (programm residenzjali);

2. l-ieħor għal żgħażagħ taħt it-18-il sena (*Day Programme* ).

Jekk tingħata għajnuna finanzjarja mill-Gvern, dawn iż-żewġ programmi jkunu jistgħu jitwettqu.

It-Tmexxija taċ-Ċentri ta' Riabilitazzjoni mhix faċli. Għalkemm qed ikolna riżultati tajbin ħafna, id-diffikultajiet ma jonqsux għax l-għajnuna finanzjarja tal-Gvern mhix adegwata għall-ispejjeż li għandna, filwaqt li l-poplu Malti għadu mhux sensittiv biżżejjed għall-ħtieġa ta' dawn il-programmi.

Kieku l-Caritas ma fetħitx dawn id-Djar, in-numru ta' żgħażagħ li kienu jinqerdu kien jikber ħafna.

## L-ewwel Ħadd ta' l-Avvent

# Is-Salvazzjoni tal-bnedmin kollha

### Is-salvazzjoni tagħna hi eqreb issa

Aħna u nagħtu bidu għal sena liturġika ġdida, bi kliem San Pawl il-Knisja llum tħabbrilna li s-salvazzjoni tagħna hi eqreb issa minn meta bdejna nemmnu, għax il-lejl għoddu għadda u qorob il-jum. Xi trid tgħidilna l-Knisja b'dan il-kliem ta' Missierna San Pawl fil-bidu tal-ġranet qaddisa ta' l-Avvent?

L-Avvent hu żmien ta' tħejjija għall-festi kbar tal-Milied, tal-jum li fih l-Iben ta' Alla, magħmul bniedem bħalna fil-ġuf safi tal-Verġni Marija, twieled fostna biex jagħti bidu għall-ħidma tiegħu ta' salvazzjoni, li temmha bil-mewt tiegħu fuq is-salib, bil-qawmien tiegħu mill-imwiet u bit-tlugħ tiegħu fis-sema. Aħna ġa qegħdin ngħixu s-salvazzjoni li kisbilna l-Mulej iżda m'aħniex ngħixuha fil-milja kollha: dan iseħħ meta tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja u niġu milqugħin fis-saltna tas-sema, fis-saltna ta' l-hena, id-dawl u s-sliem.

Aħna, wara li twelidna mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija, bdejna mexjin lejn il-milja tas-salvazzjoni: għad ma wasalniex, għalkemm qegħdin fil-qrib – għalhekk il-Knisja qaltilna li l-lejl għoddu għadda u l-jum qorob. Għalhekk jeħtieġ li ma nitnikkrux iżjed, jeħtieġ inqumu min-ngħas tagħna, u nħabirku bis-serjetà biex nilħqu l-milja tas-salvazzjoni tagħna mingħajr ma nitilfu t-triq.

### X'għandna nagħmlu biex is-salvazzjoni tilħaq il-milja tagħha

X'għandna nagħmlu? Jgħidilna San Pawl: "Inwarrbu l-għemil tad-dlam, u nilbsu l-armi tad-dawl", jiġifieri nitbegħdu minn kull ħażen u nagħmlu dak li hu tajjeb quddiem il-Mulej; dan nagħmluh billi ngħixu kif jixraq mhux bl-ikel iżżejjed u s-sokor, mhux biz-zina u t-tbaħrid, mhux bil-ġlied u l-għira, imma billi nilbsu lil Ġesù u nħallu fil-ġenb kull ħsieb tal-ġisem u l-ġibdiet tiegħu. Kien dan il-kliem ta' San Pawl li qanqal lil Santu Wistin biex inqata' darba għal dejjem mill-ħajja mtajra ta' żogħżitu u jgħix biss għal Alla.

Kliem San Pawl li qed tħabbrilna l-Knisja llum, hu għall-bnedmin kollha, għax kif smajna l-profeta Isaija jħabbrilna fl-ewwel qari ta' llum, il-bnedmin kollha huma msejħin biex jitilgħu l-għolja tad-dar tal-Mulej, lejn id-dar ta' Alla ta' Ġakobb, biex jitgħallmu t-triqat tiegħu u jimxu fil-mogħdijiet tiegħu, ħalli jkunu jistgħu jgħixu flimkien fis-sliem il-jiem kollha ta' ħajjithom fid-dinja. Fi kliem ieħor il-Knisja, bi kliem il-profeta

qed tistedinna biex nersqu lejn Alla, insiru nafu sewwa l-kmandamenti tiegħu u nħarsuhom sa l-inqas tikka tul ħajjitna kollha.

## In-nies tad-dinja

Imma n-nies tad-dinja mhux qed jagħtu widen għall-istedina tal-Mulej: hu qiegħed kuljum ħdejn il-bieb ta' ruħ kull wieħed minna jħabbat, u ħadd ma qed jiftaħlu, ħadd ma jrid jisma' l-kelma tiegħu, ħadd ma jrid iħares il-kmandamenti u l-preċetti tiegħu. Hekk ġara fi żmien Noe, jgħidilna Ġesù fl-Evanġelju ta' llum; in-nies moħħhom biss li jieklu u jixorbu, iżewġu u jiżżewġu u ftit iħabblu rashom bis-salvazzjoni ta' ruħhom, u għad jiġrilhom kif ġralhom in-nies fi żmien Noe: sabu fuqhom ħin bla waqt id-dilluvju li qered kull ħaj, u salvaw biss Noe u l-familja tiegħu u kulmin kien fl-arka li bena b'ordni ta' Alla.

## Żmien l-Avvent

Għalhekk illum il-Knisja ħeġġitna bi kliem San Pawl biex inqumu minngħas tagħna. U l-Avvent hu żmien tajjeb għal dan: hu żmien ta' tħejjija għall-festi tal-Milied, għall-festi tal-miġja ta' Ġesù bħala tarbija fil-grotta ta' Betlehem, imma hu wkoll żmien ta' tħejjija għall-miġja tal-Mulej b'setgħa u glorja kbira biex jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja u jagħti l-premju mistħoqq lil dawk kollha li fuq l-art għamlu r-rieda tiegħu.

J'alla ma nkunux bħal dawk in-nies li fuqhom tkellem il-Mulej fl-Evanġelju ta' llum, imma nkunu nies li nilqgħu bil-qalb it-twissija li għamlitilna l-Knisja llum bi kliem Missierna San Pawl, ħalli nkunu dejjem lesti għal meta jisbaħ għalina l-Jum il-ġdid li m'għandux tmiem, il-Jum ta' dejjem fis-saltna tas-smewwiet.

## It-tieni Ħadd ta' l-Avvent

# Jiġġudika l-imsejknin skond il-ġustizzja

### San Ġwann Battista

Tul l-Avvent il-Knisja spiss tfakkarna fil-missjoni ta' San Ġwann Battista, li ntagħżel minn Alla biex iħejji t-triq lill-Mulej, u jlestilu poplu mħejji sewwa għal meta jiġi.

San Ġwann ġie kkonsagrat minn ġuf ommu għall-missjoni tiegħu ta' prekursur tal-Mulej, u kkonsagrah il-Mulej innifsu meta Omm Ġesù marrett iżżur lill-qariba tagħha Eliżabetta, u din stess ħabbret dak li kien seħħ, meta lil Marija qaltilha li t-tarbija li kellha fi ħdanha qabżet bil-ferħ għat-tislima tagħha.

San Ġwann għadda ħajja iebsa ta' penitenza fid-deżert qabel beda l-missjoni tiegħu, u meta mbagħad beda jxandar l-indiema għax kienet waslet is-Saltna tas-smewwiet, in-nies kienu jmorru bil-folol biex jisimgħuh u jitgħammdu fil-Ġurdan huma u jistqarru dnubiethom.

San Ġwann, kif smajna fl-Evanġelju ta' llum, kellu kliem iebes għan-nies ta' wiċċ b'ieħor, għal dawk il-Fariżej u s-Sadduċej li kienu ħatja ta' kull ħażen u ma kellhom ebda ndiema għall-għemejjel ħżiena tagħhom għax kienu jqisu ruħhom imħarsin minn Abraham missierhom. San Ġwann uriehom kemm kienet fiergħa din it-tama tagħhom, għax kienu nieqsa għal kollox mill-indiema għall-ħtijiet tagħhom.

### Il-magħmudija ta' San Ġwann u l-magħmudija ta' Ġesù.

San Ġwann jgħidilhom li mhux hu kien se jikkundannahom, imma kien se jikkundannahom dak li kellu jiġi warajh, dak li ma kienx jistħoqqlu lanqas iħollu l-qafla tal-qorq tiegħu. San Ġwann kien qed jitkellem dwar Ġesù, li ġie fid-dinja biex jgħammed il-bnedmin bil-ilma u l-Ispirtu s-Santu u jagħti ħajja ġdida, l-istess ħajja ta' Alla, lil dawk kollha li jemmnu fih. Il-Magħmudija ta' San Ġwann kienet magħmudija ta' tħejjija għall-Magħmudija li biha Kristu tana twelid ġdid fih, u fetħilna t-triq ta' salvazzjoni ta' dejjem. Il-Magħmudija ta' Ġesù hi għall-bnedmin kollha, għax Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għall-verità sħiħa; mingħajr il-Magħmudija, mingħajr ix-xewqa tal-Magħmudija ħadd ma jsita' jsalva. Ix-xewqa tal-Magħmudija juruha dawk kollha li għalkemm mhux mgħammdin u lanqas ma semgħu bi Kristu, qed jgħixu skond ma tgħidilhom il-kuxjenza tagħhom: qed jaħarbu l-ħażen u jfittxu jagħmlu dak li hu tajjeb; qed jgħixu bit-tama ta' ħajja aħjar u jilqgħu bis-sabar it-

tiġrib tal-ħajja, u qed iħabirku biex ikunu fehma waħda ma' kulħadd: mingħajr ma jafu dawn qed ifaħħru lil Alla u lil dak li bagħat Ibnu Sidna Ġesù Kristu, li ġie fid-dinja għas-salvazzjoni tal-Lhud, tal-poplu magħżul ta' Alla tal-Patt il-Qadim, biex iseħħ dak kollu li ħabbru l-profeti, u ġie wkoll għas-salvazzjoni tal-pagani għax huma wkoll imsejħin biex ifaħħru lil Alla. Dan kollu ħabbarulna San Pawl fit-tieni qari ta' llum.

## Is-salvazzjoni li ġiet minn Ġesù

Ġesù ġie għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, u bħala bniedem twieled mill-għerq ta' Gesse, min-nisel ta' David, u ġie konsagrat mill-Ispirtu s-Santu għal din il-missjoni tiegħu; irċieva l-ispirtu ta' għerf u tad-dehen, l-ispirtu ta' għaqal u l-qawwa, l-ispirtu ta' l-għerf u tal-biża' tal-Mulej. Ġie fid-dinja jxandar il-ġustizzja ta' Alla u jagħti sliem lill-bnedmin kollha: "jagħti sentenza skond is-sewwa lill-fqajrin ta' l-art, u b'nifs xofftejh jolqot il-ħażin", ħabbar il-profeta Isaija dwaru, kif smajna fl-ewwel qari ta' llum. Il-profeta mbagħad, biex ifisser, is-sliem li l-Mulej se jġib fid-dinja, juża kliem simboliku (il-lupu jibda jgħix mal-ħaruf, il-leopard mal-gidi, jirgħu flimkien l-għoġol u l-ferħ ta' l-iljun) biex ifisser li l-miġja tal-Mulej se ġġib sliem kotran fid-dinja għal dejjem ta' dejjem, dak is-sliem li ħabbru l-anġli fit-twelid tal-Mulej. Iżda nistaqsu: jekk kliem l-profeta hu minnu, għaliex ma hawnx sliem fid-dinja? Ma hawnx sliem, għax il-bnedmin ta' llum u ta' kull żmien qed iġibu ruħhom bħas-Sadduċej u l-Fariżej fi żmien San Ġwann Battista, li kkundannahom bi kliem iebes ħafna. Iżda s-sliem ta' Kristu qed igawduh dawk kollha li huma ta' Kristu, li qed jimxu fil-mogħdijiet tiegħu, minkejja t-tiġrib u l-hemm u n-niket u l-inkwiet tal-ħajja tad-dinja ta' llum, għax Kristu jsaltan bil-ġustizzja u bi sliem kontran fil-qlub ta' dawk kollha li fuq l-art jagħmlu r-rieda tiegħu.

### It-tielet Ħadd ta' l-Avvent

# Alla ġej biex isalvana

## Min kien San Ġwann

Illum ukoll il-Knisja tkellimna fuq San Ġwann Battista u ssemmielna l-kliem ta' tifħir li qal Ġesù fuqu lin-nies li kienu jisimgħuh. L-okkażjoni seħħet meta San Ġwann kien ġa fil-ħabs fejn tefgħu Erodi; San Ġwann fil-ħabs kien sama' hafna dwar l-egħġubijiet li kien qed jagħmel Ġesù u għalhekk bagħat xi dixxipli tiegħu jistaqsu lil Ġesù kienx hu l-Messija li kellu jiġi; Ġesù wieġeb bi kliem il-profeta Isaija meta dan tkellem dwar żmien il-Messija, u għalaq kliemu billi qal "Hieni hu min ma jitfixkilx fija". Dan il-kliem Ġesù qalu għal dawk li kienu qed jisimgħuh u mhux għal San Ġwann, tant li malli d-dixxipli ta' San Ġwann telqu, Ġesù faħħru lill-Prekursur tiegħu: ma kienx qażba tixxejjer mar-riħ, ma kienx jgħix fil-palazzi tas-slaten u jilbes l-ilbies fin, imma kien jgħix ħajja ta' tgħakkis fid-deżert; kien aqwa minn profeta għax mhux biss ħabbar il-miġja tal-Mulej bħall-profeti l-oħra, imma wrieħ meta wasal; għalhekk fost dawk kollha li twieldu min-nisa ma kienx hemm wieħed aqwa minn Ġwanni l-Battista.

## Dawk li huma aqwa minn San Ġwann

L-Evanġelju ta' llum tana l-isbaħ tagħrif dwar minn kien San Ġwann; iżda l-Evanġelju wkoll illum jgħidilna li l-iżgħar wieħed fis-saltna tas-smewwiet hu aqwa minnu. X'ried jgħidilna Ġesù b'dan il-kliem? Min huma ż-żgħar fis-saltna tas-smewwiet? Huma ċ-ċkejknin tal-Mulej, dawk li jgħixu ħajja umli u moħbija, mehdijin biss li jagħmlu r-rieda tal-Mulej, li jqisu ruħhom bħala qaddejja li ma jiswew għal xejn, imma lesti dejjem biex jagħmlu dak li Alla jrid minnhom bl-għajnuna tiegħu. Dawn huma l-kbar fis-saltna tas-smewwiet bħal San Ġwann, għalkemm ma għexux il-ħajja ta' penitenza li għex hu, li ma għamlux l-għeġubijiet li għamel hu. Huma dawk li jilqgħu l-istedina li qed jagħmlilna San Pawl illum, fit-tieni qari tal-Quddiesa: Stabru u qawwu qalbkom, jgħidilna San Pawl, għax iż-żmien tat-tiġrib ta' din id-dinja ma jdumx ma jgħaddi u jiġi għalina żmien ta' hena bla qjies fis-saltna tas-sema; din is-saltna niksbuha jekk ma noqogħdux ingergru għal xulxin, ma niġġudikawx u ma nikkundannaw lil ħadd, imma nħallu kull ħaqq f'idejn il-Mulej; nimxu fuq l-eżempji tal-profeti, u l-aktar fuq l-eżempji li jagħtina San Ġwann Battista ħa nagħarfu nilqgħu bis-sabar kull tbatija li jkollna nġarrbu mid-dinja minħabba l-fedeltà tagħna għar-rieda ta' Alla.

## L-għajnuna ta' Ġesù

Dan nistgħu nagħmlu bil-qawwa li tiġina minn Kristu: hu ġie biex isalvana, biex ibiegħed minna kull biża' u jeħlisna minn kull theddid tal-ħażen tad-dinja. Dan, ħabbarulna l-profeta Isaija fl-ewwel qari ta' llum. Il-profeta iħeġġiġna biex ma nintelqux, biex inqawwu qalbna, biex nagħmlu l-ħila u ma nibżgħux, għax il-Mulej magħna biex isalvana.

Bħala sinjali ta' salvazzjoni l-profeta jsemmi li jinfetħu għajnejn il-għomja, widnejn it-torox jinfetħu, iz-zopp jaqbeż bħal ċerv, ilsien imbikkem jgħajjat bil-ferħ. Dawn huma s-sinjali li Ġesù semma' lid-dixxipli ta' Ġwanni li marru jistaqsuh kienx hu l-Messija mwiegħed. Ġesù ġie biex isalvana u l-mirakli li għamel u li ħabbar il-profeta Isaija jfissru s-salvazzjoni li Alla tana, u bdejna ngawduha mill-mument tal-Magħmudija tagħna: dak in-nhar għajnejna nfetħu biex naraw il-verità ta' Alla, widnejna nfetħu biex nisimgħu t-tħabbir ta' l-egħġubijiet li Alla għamel għas-salvazzjoni tagħna, kollna ħeġġa bdejna mexjin mit-triq tas-salvazzjoni u lsienna nħall biex ilissen salmi, innijiet u għana spiritwali lil Alla għax hu tajjeb, għax it-tjieba tiegħu hi għal dejjem. Bdejna mexjin fit-triq tas-salvazzjoni, iżda għad ma wasalniex għall-milja tagħha, għal dik il-milja li l-Mulej għad jagħtina fis-saltna tiegħu ta' dejjem.

J'alla nżommu ruħna bla mittiefsa mill-ħażen tad-dinja, fil-mixi tagħna lejn is-sema pajjiżna – żmien l-Avvent huwa żmien tajjeb biex nitwettqu f'din il-fehma tagħna u nżommu sħiħ fiha.

### Ir-raba' Ħadd ta' l-Avvent

# Xebba ssir Omm

## Il-ġrajjiet ta' qabel il-Milied

F'dawn il-ġranet ta' qabel il-Milied il-Knisja tistedinna nimmeditaw il-misteri kbar li seħħu fix-xhur qabel it-twelid tal-Mulej; it-tħabbira tat-twelid ta' San Ġwann Battista u l-egħġubijiet li seħħu fit-twelid tiegħu; it-tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija, u l-inkwiet ta' San Ġużepp meta għaraf li Marija saret omm bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu; hekk il-Knisja twassalna biex niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija. Il-Knisja turina wkoll li dawn il-ġrajjiet kbar kienu ġa tħabbru taħt xbihat fi żmien il-Patt il-Qadim.

Il-Knisja, tul il-ġimgħa ta' qabel il-Milied tkellimna fuq dawn il-ġrajjiet kbar u turina kif Alla ħaddem il-pjan tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja. U fil-Ħadd ta' qabel il-Milied il-Knisja tagħżel waħda minn dawn il-ġrajjiet kbar biex biha tfakkarna f'dak kollu li Alla għamel għas-salvazzjoni tagħna u hekk tħejjina għal ċelebrazzjoni xierqa tal-Milied.

## Il-misteru ta' Kristu

Din is-sena, għalhekk, il-Knisja qed tkellimna fuq il-misteru ta' l-inkarnazzjoni u tat-twelid tal-Mulej u hekk ixxandrilna l-misteru ta' Kristu, veru Alla u veru bniedem, veru Alla minn dejjem ta' dejjem, imnissel u mhux magħmul, natura waħda mal-Missier, u veru bniedem ikkonċeput fiż-żmien minn Marija Verġni bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u mwieled bniedem bħalna għas-salvazzjoni tagħna. Dan iħabbarulna wkoll San Pawl fil-bidu ta' l-Ittra tiegħu lir-Rumani: Ġesù Kristu, skond l-Ispirtu s-Santu, hu l-Iben ta' Alla b'kull qawwa, u skond it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David: bih aħna rċevejna grazzja u appostolat biex inwasslu għall-ubbidjenza tal-fidi bnedmin fost il-ġnus kollha. San Pawl bil-ħidma tiegħu wassal ħafna ġnus għall-ubbidjenza tal-fidi, u l-ħidma tiegħu kienet ta' eżempju għall-bnedmin kollha ta' rieda tajba ta' kull żmien u ta' kullimkien. Aħna wkoll illum imsejħin biex nagħtu xhieda ta' din il-fidi u biex, bl-eżempju ta' ħajjitna, inwasslu għall-ubbidjenza tal-fidi lil dawk kollha li niltaqgħu magħhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

## Il-fidi tagħna fi-Kristu mwettqa mill-Iskrittura

Dan nistgħu nagħmluh jekk il-fidi tagħna fi Kristu l-Iben ta' Alla

magħmul bniedem għalina hi tassew sħiħa. Is-sħuħija tal-fidi tagħna titwettaq bi kliem il-Kotba Mqaddsa, kif nistgħu naraw mill-qari ta' llum. L-ewwel qari jħabbrilna li xebba ssir omm u jkollha iben u jsemmuh Għimmanu-el, jiġifieri Alla magħna. F'dan il-kliem tal-profeta għandna mħabbar il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni: l-Iben ta' Alla sar bniedem fil-ġuf safi tal-Verġni Marija, li saret Omm bla ma ttiefset xbubitha; iżda t-tifsir sħiħ tal-kliem tal-profeta stajna narawh biss meta, l-Anġlu tal-Mulej ħabbar lil Ġużeppi, l-għarus tal-Verġni Marija, dak li kien seħħ f'Marija. Qabel ma' Marija u Ġużeppi marru jgħixu flimkien, Ġużeppi ntebaħ li Marija kienet saret tqila: ma kienx jaf x'ġara, u tħawwad, għax kien bniedem ġust, iżda l-Anġlu ħabbarlu l-misteru li kien seħħ f'Marija: kienet saret omm bla ma għarfet raġel: fiha seħħu misteru kbar tas-sema, u Ġużeppi ġie magħżul biex ikun xhud ta' dawn il-misteri u biex quddiem id-dinja jidher bħala missier legali ta' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem – dan kien ifisser l-ordni ta' l-anġlu li jkun hu li jagħtu l-isem ta' Ġesù lill-iben li twieled lil Marija.

Dawn huma misteri kbar li d-dinja ta' llum, mehdija kif inhi b'dak biss li jgħaddi, tqishom bħala ħrejjef, iżda għal dawk li jemmnu, għalina, huma misteri li jimlewna b'ferħ u hena bla qjies, ferħ u hena li jilħqu l-milja tagħhom fil-ġranet sbieħ tal-Milied.

# Il-Milied

## Il-ħidma tal-profeti

Bi kliem il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud il-Knisja tgħidilna li Alla li fl-imgħoddi kellem lill-bnedmin bosta drabi u b'ħafna manjieri, issa, fl-aħħar taż-żminijiet kellimna permezz ta' Ibnu, li hu d-dija tas-sebħ tiegħu u xbieha ta' l-essenza tiegħu u li jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu. B'dan il-kliem il-Knisja trid tfakkarna li tul iż-żminijiet kollha, wara t-tkeċċija ta' Adam u Eva mill-ġenna ta' l-art, Alla biex iżomm ħajja il-bnedmin kollha li tnisslu minnhom, il-wegħda li kien għamlilhom ta' Feddej, għażel minn fost il-bnedmin nies li, mimlijin bl-Ispirtu ta' Alla, ħabbru lid-dinja r-rieda ta' Alla: dawn kienu l-patrijarki u l-profeti li għal mijiet ta' snin wasslu l-kelma ta' Alla u ħabbru l-fidwa li kellha sseħħ fil-milja taż-żminijiet.

## Il-misteru ta' Ġesù

Iżda meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla ma kellimx il-bnedmin permezz tal-profeti u tal-patrijarki, iżda kellimhom permezz ta' Ibnu stess, l-Iben ta' Alla, Alla minn Alla, imnissel mhux magħmul, natura waħda mal-Missier.

Iżda biex l-Iben ta' Alla seta' jkellem lill-bnedmin u jurihom it-triq tas-salvazjoni kellu jsir bniedem bħalna, u dan ġara meta ħa l-ġisem mill-Ispirtu s-Santu fil-ġuf tal-Verġni Marija. Dan ħabbarulhom l-innu ta' tifħir li lissen l-Evanġelista San Ġwann bil-bidu ta' l-Evanġelju tiegħu. Ġesù sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni Marija, f'Nazaret meta l-Anġlu Gabrijel ħabbrilha li kellha tkun Omm Alla u wriha kif fiha kien se jseħħ il-misteru ta' l-Inkarnazjoni tal-Mulej.

## It-twelid ta' Ġesù

Ġesù twieled f'Betlehem fejn il-Verġni Marija, ma' l-għarus tagħha San Ġużepp, kienet marret tinkiteb ħa tobdi l-ordni ta' l-imperatur. F'Betlehem ma sabux post fil-lukanda u għaddew il-lejl f'għar qrib il-belt u hemm twieled Ġesù, u mat-twelid tiegħu dehru qtajja ta' Anġli fis-sema u lir-ragħajja li kienu jirgħu l-merħliet tagħhom fuq l-għoljiet madwar Betlehem, Anġlu tal-Mulej ħabbrilhom il-misteru li kien seħħ, waqt il-qtajja ta' l-Anġli xandru Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet u sliem l-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.

Ir-ragħajja marru jagħġġlu biex jaraw il-misteru li kien seħħ, kif ħabbrilhom l-Anġlu, u jqimu lil Ġesù tarbija bħala l-Feddej mistenni.

## Il-ferħ tagħna

Aħna wkoll inġbarna fil-knejjes tagħna biex nifirħu mal-Knisja kollha għat-twelid ġdid tal-Mulej f'misteru fil-lejl qaddis tal-Milied, u mas-sebħ ingħaqadna mar-ragħajja biex inqimu lil Ġesù tarbija, u nroddulu ħajr għas-salvazzjoni li ġabilna.

U dalgħodu ninsabu miġburin fil-knejjes tagħna biex inxandru ma' kullimkien fid-dinja, il-ferħ tagħna, għax tweldilna tifel, ingħatalna iben – kif ħabbar il-profeta Isaija – li jsemmuh Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem. Konna mexjin fid-dlamijiet tad-dnub, u idda fuqna dawl ta' l-għaġeb. U ġarrabna ferħ aqwa minn dak li ġarrbu l-Lhud wara li kisbu rebħa sħiħa fuq il-Midjanin, kif ħabbar il-profeta, għax bit-twelid ta' Ġesù dehret il-grazzja ta' Alla tagħti s-salvazzjoni lill-bnedmin kollha u feġġet it-tjieba ta' Alla s-Salvatur tagħna u l-imħabba tiegħu għalina.

Bit-twelid tiegħu, Ġesù beda l-missjoni tiegħu ħa jrawwimna niċħdu l-ħażen u l-ġibdiet tad-dinja, u ngħixu bir-rażan u l-ġustizzja u t-tjieba tul ħajjitna f'din id-dinja, waqt li nistennew lill-Mulej jerġa' jiġi jżurna, mhux umli, fqir u ċkejken, imma b'setgħa u qawwa kbira.

## Ħajjitna fid-dinja

Il-ferħ ta' dawn il-ġranet, jekk hu ferħ fil-Mulej, jagħtina ftit ħjiel tal-ferħ ta' l-hena ta' dejjem, u għandna nfittxu li dan il-ferħ ma jintemmx malli jgħaddu l-festi tal-Milied, imma jiżdied dejjem aktar billi dejjem aktar nikbru fil-qdusija u nsaħħu dejjem aktar l-għaqda tagħna ma' Kristu li qed inġarrbu f'dawn il-ġranet sbieħ tal-Milied.

Ħajjitna f'din id-dinja trid tkun ħajja kontinwa ta' tħabrik biex nitqaddsu bis-saħħa tal-grazzja ta' Alla u nkunu werrieta tal-ħajja ta' dejjem skond it-tama li għandna.

### IL-Ħadd wara l-Milied

# Il-Familja ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi

## L-eżempju ta' Ġesù

Fl-Aħħar Ikla tiegħu mad-dixxipli, qabel bata għalina, Ġesù lid-dixxipli tiegħu, wara li ħaslilhom riġlejhom, qalilhom: "Tajtkom eżempju biex kif għamilt jien tagħmlu intom ukoll."

Il-ħajja kollha ta' Ġesù, fil-mumenti kollha tagħha, kienet ta' eżempju għalina lkoll, u llum il-Knisja qed tistedinna nħarsu lejn il-familja ta' Nazaret biex naraw x'kienet il-ħajja ta' Ġesù fi ħdan familja ta' bnedmin, biex nitgħallmu minnu kif ngħixu fi ħdan il-familja tagħna, fi ħdan familja nisranija.

Ġesù sa ma kellu tletin sena għex fi ħdan familja flimkien ma' Ommu Marija u mal-missier legali tiegħu San Ġużepp, u kien joqgħod għalihom f'kollox. Kif juruna l-evanġelista San Mattew u San Luqa li t-tnejn ħallewlna tagħrif dwar it-tfulija ta' Ġesù fl-Evanġelju tagħhom.

## Mumenti ta' ferħ u mumenti ta' niket

Kien hemm mumenti ta' ferħ u hena fi ħdan il-familja ta' Nazaret, kif hemm mumenti ta' ferħ u hena f'kull familja fejn isaltan l-ispirtu nisrani ta' mħabba u solidarjetà: kien hemm ferħ u hena meta, wara t-tħabbira ta' l-Anġlu, ir-ragħajja ta' Betlehem marru jżuru lil Ġesù tarbija għadu jitwieled u sabuh f'ħoġor ommu u tawh il-qima tagħhom bħala l-Feddej tad-dinja; kienu mumenti ta' ferħ u hena meta l-Magi mil-Lvant żaru lil Ġesù f'Betlehem u offrewlu r-rigali tagħhom tad-deheb, l-inċens u l-mirra u hekk stqarrewh bħala Alla magħmul bniedem għas-salvazzjoni tad-dinja.

Iżda ma naqsux lanqas il-mumenti ta' tiġrib u ta' niket, kif kien ħabbar ix-xwejjaħ Xmun lil Marija meta ppreżentat lil Binha Ġesù fit-Tempju. Qalilha li Binha kien se jkun sinjal li jmeruh u li lilha sejf ta' niket kien se jinfdilha ruħha.

It-tiġrib u n-niket ma naqsux mit-tfulija ta' Ġesù: għadu tarbija Ġesù, ma' ommu Marija u ma' San Ġużepp kellu jaħrab minnufih lejn l-Eġittu, għax Erodi kien qed ifittex joqtol lil Ġesù tarbija. U n-niket u l-hemm ma naqsux lanqas meta Ġesù beda jikber u ta' tnax-il sena baqa' fit-Tempju jiddiskuti ma' l-għorrief ta' Israel mingħajr ma' Ommu Marija u San Ġużepp intebħu b'dan u damu tlett ijiem ifittxuh.

## L-imġiba tal-ġenituri

Kif Marija u Ġużeppi ġarrbu niket kbir meta Ġesù ntilef fit-tempju, meta Erodi fittxu għall-mewt u kellhom jaħarbu fl-Eġittu u jgħixu hemm turufnati sal-mewt ta' Erodi, hekk il-ġenituri jgħaddu minn ħafna nkwiet minħabba uliedhom.

Il-ġenituri, meta jsibu ruħhom f'xi nkwiet minħabba uliedhom minflok jeħduha kontra Alla u jisħtu l-mument li ġiebu 'l uliedhom fid-dinja, għandhom iħarsu lejn kif ġabu ruħhom Marija u Ġużeppi fit-tiġrib x'ħin, ħin bla waqt, kellhom jaħarbu lejn l-Eġittu biex iħarsu l-ħajja tat-tarbija Ġesù: ma ħaduhiex kontra Alla, ma ġarrbuhx għax ippermetta lil Erodi jfittex lit-tarbija biex joqtolha, ma gergrux għax f'nofs ta' lejn kellhom jaħarbu lejn l-Eġittu ħin bla waqt; iżda qagħdu għar-rieda tal-Mulej u għamlu dak kollu li ried minnhom. Kemm hi mod ieħor l-imġiba tagħna, meta jinqala' xi nkwiet fid-dar, ukoll jekk inkwiet żgħir! kemm ngħajtu! kemm nitmaħsnu! U x'nieħdu b'hekk ħlief noffendu lil Alla?

## Nuqqas ta' sentimenti tajba

Dan nagħmluh għax neqsin minn dawk is-sentimenti li jsemmilna San Pawl fit-tieni qari ta' llum, sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa, sabar u fuq kollox, imħabba. Jekk ngħożżu fina dawn is-sentimenti sbieħ, f'kull mument ta' ħajjitna, fir-riżq tajjeb u l-ħażin, minn fommna ma joħroġx kliem ta' tmaqdir u ta' ċanfir, ma neħduhiex kontra Alla, imma biss joħorġu minn fommna innijiet ta' tifħir u ta' radd il-ħajr, u kull ma nagħmlu u ngħidu, nagħmluh f'isem Ġesù u nroddu ħajr kull mument lil Alla.

Dawn is-sentimenti jgħallmuhom Ġesù, Marija u Ġużeppi bil-ħajja tagħhom fid-dar ta' Nazaret. It-tfal f'Ġesù tfajjel għandhom eżempju mill-isbaħ ta' kif għandha tkun il-ħajja ta' l-ulied fi ħdan il-familja: Ġesù kien jobdi lil Marija u lil Ġużeppi f'kollox huwa u jikber fl-għerf, fit-tul u fl-għomor quddiem Alla u l-bnedmin. Marija hi eżempju għall-ommijiet kollha tal-familja, mehdija kif kienet fil-ħidma tagħha ta' omm ta' familja, taħseb fil-ħtiġijiet ta' żewġha u ta' Binha u tara li ma jonqoshom xejn u fl-istess ħin issib żmien biżżejjed biex taħseb u timmedita fuq l-għeġubijiet kbar li kienu qed iseħħu fiha u madwarha. San Ġużepp, mehdi bix-xogħol tiegħu ħa jipprovdi l-għajxien għall-familja li Alla fdalu f'idejh, fis-skiet u l-ġabra, kien jaqdi dmirijietu skond ir-rieda ta' Alla u hekk hu eżempju mill-aqwa għall-missirijiet li jridu flimkien ma' marthom iġibu 'l quddiem il-familja li Alla tahom. Dan jista' jsir jekk ikun hemm imħabba u solidarjetà fi ħdan il-familja, imħabba u solidarjetà li ma jonqsu qatt jekk fil-familja jsaltan l-Ispirtu ta' Alla, jekk kull ma jsir, u jingħad fi ħdan il-familja jkun għall-glorja u s-sebħ ta' Alla.

**L-ewwel tas-sena**

# Marija, Omm Alla u Ommna Jum il-Paċi

## Iċ-ċirkonċizzjoni ta' Ġesù

Tmint ijiem wara t-twelid ta' Ġesù, saret iċ-ċirkonċizzjoni tiegħu, kif kienet titlob il-liġi ta' Mosè, u dak in-nhar San Ġużepp lit-tarbija li wildet Marija taha l-isem ta' Ġesù, kif kien ħabbarlu l-Anġlu meta għarfu bil-misteru ta' l-inkarnazzjoni.

Iċ-ċirkonċizzjoni kienet is-sinjal tal-patt li Alla għamel ma' Abraham, sinjal li fih kienu se jitbierku l-ġnus kollha ta' l-art, barka li seħħet permezz ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, kif l-isem stess tiegħu ta' Ġesù kien jixhed, ried joqgħod għal-Liġi ta' Mosè, biex bl-ubbidjenza tiegħu għal-liġi ta' Alla, jeħles lil dawk li kienu taħt il-liġi u jagħtihom il-ħelsien ta' wlied Alla.

Il-Knisja llum, hija hu tfakkarna f'dan il-misteru taċ-ċirkonċizzjoni tal-Mulej, tistedinna wkoll biex nagħtu qima lill-Verġni Marija, bħala Omm Ġesù għax kien permezz tagħha li l-Iben ta' Alla sar bniedem u setat isseħħ is-salvazzjoni tad-dinja.

## Il-maternità ta' Marija

Dan ħabbarulna San Pawl fit-tieni qari ta' llum meta qalilna li Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi ħa jkollna l-adozzjoni. Ġesù twieled minn mara, twieled minn Marija li, bla ma ttiefset xbubitha, għax ma kenitx tagħraf raġel, saret omm bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu: baqgħet verġni u saret omm u nisslet u tat-twelid lil binha skond il-liġi, kif kull omm tnissel u tagħti twelid lil uliedha. Marija hi tassew Omm Alla għaliex hija Omm Dak li fil-persuna tiegħu għaqqad flimkien in-natura ta' Alla u n-natura ta' bniedem, omm Dak li kien veru Alla u veru bniedem. Hekk biss seta' jagħtina s-salvazzjoni: għax bniedem bħalna seta' jseħibna fl-għemil tiegħu ta' Alla għas-salvazzjoni tagħna, u hekk tana d-dinjità li nissejħu u nkunu tassew ulied adottivi ta' Alla, minħabba Kristu l-Iben ta' Alla, u werrieta miegħu tas-saltna tas-smewwiet.

## Il-kobor ta' Marija

Hu dan il-misteru li l-Knisja tridna niċċelebraw illum, u nagħtu ġieħ

lill-Verġni Marija bħala Omm Alla: kien minħabba din id-dinjità ta' Omm Alla li Marija ġiet meħlusa minn kull tebgħa ta' dnub sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha; kien għalhekk li kienet mimlija bil-grazzja tul ħajjitha kollha; kien għalhekk li ġisimha ma rax it-taħsir tal-qabar; kien għalhekk li tinsab fis-sema ħdejn Binha Sultana tas-sema l-art; kien għalhekk li l-Knisja ssejħilha Omm tal-grazzja divina, Kenn tal-midinbin, faraġ ta' l-imniktin, għajnuna ta' l-Insara, omma l-aktar ħelwa tagħna.

Għandha nirrikorru fit-tiġrib kollu tagħna, żguri li sejra dejjem tismagħna u taqlalna mingħand Binha Ġesù l-għajnuna kollha li neħtieġu tul ħajjitna fid-dinja, żguri li se tisma' t-talb tagħna, għax qatt ma nstema', jgħidilna San Bernard, li xi ħadd talab l-għajnuna ta' l-Omm Verġni tagħna u ma ġiex mismugħ.

## Nitolbu 'l Marija taqlalna b'don tal-paċi

U lill-Verġni Marija, f'dan il-jum li fih qed nagħtu ġieħ lill-maternità tagħha, nitolbuha għall-paċi fid-dinja, għall-paċi l-aktar f'dawk il-pajjiżi, fejn għad qed isir ħafna tixrid ta' demm, fejn qed jaħkmu l-mibegħda u l-għira flok għaqda u solidarjetà bejn bnedmin ta' l-istess ġens u razza, fejn il-bnedmin tilfu kull sens ta' ġustizzja u ta' sliem u ma jridux jisimgħu fuq ftehim u għaqda imma qed ifittxu li jsaltnu l-armi qerrieda tal-gwerra u t-terroriżmu.

Għaddew ħamsin sena minn mindu ntemmet gwerra l-aktar kiefra mad-dinja kollha, u l-bnedmin għad ma tgħallmux jgħożżu l-paċi, minkejja li l-Knisja ilha s-snin tappella lis-setgħanin u lill-popli tad-dinja għall-paċi u tfakkarhom li xejn ma hu mitluf bil-paċi u s-sliem.

## Ġejjieni ta' paċi għat-tfal ta' llum

Din is-sena wkoll il-Knisja qed issemma' leħinha favur il-paċi fid-dinja, u l-appell tal-Knisja għall-paċi din is-sena hu favur it-tfal, l-eluf ta' tfal innoċenti li qed jisfaw vittmi tal-gwerer u tal-vjolenza f'ħafna partijiet tad-dinja.

It-tfal kollha tad-dinja għandhom id-dritt li jgħixu ħajja ta' sliem u ta' paċi, il-bogħod minn kull inkwiet, u biża' u theddid u vjolenza; għandhom id-dritt għal trobbija fl-imħabba fi ħdan familji fejn isaltnu l-għaqda u s-solidarjetà; għandhom id-dritt li tkun imħarsa d-dinjità tagħhom ta' tfal li huma u ma jiġux sfruttati u maħqura għall-kapriċċi tal-kbar. Hu dmir il-ġenituri tagħhom li jagħtuhom trobbija xierqa, u dawn għandhom id-dritt għal kull għajnuna biex jistgħu jaqdu kif jixraq dan id-dmir. It-tfal huma don li Alla jagħtina, huma don li rridu ngħożżu u nħarsu minn kull tiġrib fir-ruħ u l-ġisem, għax il-ġejjieni tal-ġens kollu tal-bnedmin jinsab fit-tfal ta' llum. Nitolbu lill-Verġni Marija biex iżżomm taħt il-ħarsien

tagħha, it-tfal kollha tad-dinja u turihom dik l-imħabba li dejjem uriet mat-tfajjel Ġesù, biex kif Ġesù tfajjel, taħt il-ħarsien ta' ommu Marija, kiber fl-għerf, l-għomor u l-qdusija, hekk it-tfal kollha, kullimkien, taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija Omm Kristu u Ommna, jikbru fl-għerf u l-għaqal u s-saħħa u l-qdusija quddiem Alla u l-bnedmin għall-ġejjieni kollu tama tad-dinja tagħna.

### L-Ewwel Ħadd tas-sena 1996

# L-Epifanija tal-Mulej

## Dehra ta' Ġerusalemm tas-sena

"Il-ġnus kollha ta' l-art jagħtuk qima, Mulej". Dan il-kliem stednitna ngħidu l-Knisja llum wara li smajna t-tħabbira tal-profeta Isaija dwar Ġerusalemm. Il-profeta qed jifraħ lil Ġerusalemm għax fuqha idda s-sebħ tal-Mulej; spiċċa żmien in-niket u t-tiġrib u, waqt li d-dlamijiet ta' l-hemm kienu għadhom jiksu l-artijiet kollha, fuq Ġerusalemm deher dawl il-Mulej, u l-ġnus kollha ta' l-art resqin lejn Ġerusalemm, ilkoll iġibulha l-għotjiet u l-offerti tagħhom, ilkoll ixandru tifħir il-Mulej.

It-tifsir għoli ta' kliem profeta narawh jekk nifhmu li Alla nebbah lill-profeta bil-kliem li smajna fl-ewwel qari ta' llum, biex ixandar is-sebħ u l-glorja, mhux tal-belt ta' Ġerusalemm ta' din id-dinja, imma ta' Ġerusalemm tas-sema, dik Ġerusalemm li San Ġwann f'dehra ra nieżla mis-sema mżejna bħal għarusa għall-għarusa tagħha. Ġerusalemm tas-sema hi l-Knisja ta' Kristu, u lejn din il-Knisja huma msejħin il-ġnus kollha ta' l-art, biex jiksbu s-salvazzjoni ta' Alla, għax m'hemmx salvazzjoni barra mill-Knisja.

## Il-misteru tas-salvazzjoni

Kristu miet u rxoxta biex il-bnedmin kollha jsalvaw u għalhekk waqqaf il-Knisja tiegħu u bagħat l-Appostli fid-dinja kollha jxandru l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni sa truf l-art kollha, biex kulmin jemmen isalva u min ma jemminx ikun ikkundannat.

Dan il-misteru tas-salvazzjoni ma kienx magħruf b'mod ċar qabel ma Ġesù ġie fid-dinja, għalkemm il-profeti taw xi ħjiel ta' dan il-misteru, kif uriena l-profeta Isaija fl-ewwel qari ta' llum, meta ħabbar li l-ġnus kollha ta' l-art għad jimxu fid-dawl ta' Ġerusalemm tas-sema, fid-dawl tal-Knisja ta' Kristu; imma kien San Pawl, kif smajna fit-tieni qari ta' llum, li ħabbar b'mod ċar dan il-misteru, li Alla żammu moħbi fis-skiet ta' l-eternità sakemm ġie rivelat fil-milja taż-żminijiet.

## Ir-rivelazzjoni tal-misteru

San Pawl jgħidilna li dan il-misteru ma kienx rivelat fl-imgħoddi lill-bnedmin, iżda ġie rivelat minn Ġesù lill-Appostli meta bagħathom fid-dinja kollha jgħammdu l-bnedmin f'isem it-Trinità Qaddisa u ġie mħabbar lill-profeti fl-ispirtu biex setgħu jagħtu lid-dinja xi ħjiel ta' pjan ta' Alla

għas-salvazzjoni tad-dinja. Kien San Pawl li dan il-misteru rrivelahulna fil-kobor sħiħ tiegħu, meta ħabbrilna li l-pagani wkoll se jkollhom sehem mill-istess wirt, mill-istess wegħda li saret lill-poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim. Fi żmien il-Patt il-Qadim il-poplu Lhudi biss kien il-poplu li Alla għażel għalih u wegħdu bħala wirt l-art li kien ta lil missirijiethom; iżda fil-pjan ta' Alla din l-għażla tal-Lhud kienet biss xbieha ta' dak li kellu jseħħ fil-milja taż-żminijiet, meta, mhux poplu wieħed biss, imma l-popli kollha ta' l-art qed jigi msejħa biex ikun il-poplu ġdid ta' Alla magħmul minn kull ġens u nazzjon, minn kull tribù u lsien, u hi mwegħda għalihom mhux saltna ta' l-art, imma s-saltna tas-sema.

Dawk li permezz tal-Magħmudija qed jagħmlu sehem mill-Poplu ġdid ta' Alla huma ġa membri tas-Saltna, iżda għad ma waslux għall-milja tagħha: iridu jitħabtu biex jibqgħu fidili għas-sejħa tagħhom u jħabirku biex jgħixu skond din is-sejħa tagħhom u jagħmlu dak li hu tajjeb quddiem il-Mulej.

## X'għandna nagħmlu biex ikollna s-salvazzjoni

X'għandhom jagħmlu? Jgħiduhulna l-Maġi, dawk l-għorrief li ġew mil-Ivant biex iqimu s-sultan tal-Lhud li twieled u joffrulu r-rigali tagħhom tad-deheb, l-inċens u l-mirra. Il-Maġi kienu pagani u s-sejħa tagħhom permezz ta' kewkba biex iqimu lil Ġesù tarbija, kienet sinjal li l-pagani wkoll kienu qed jiġu msejħin għas-salvazzjoni. L-ewwel li ssejħu jqimu lil Ġesù kienu r-ragħajja ta' Betlehem, nies twajba u umli, iċ-ċkejknin tal-poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim; imbagħad ġew imsejħin il-pagani permezz tal-Maġi, biex huma wkoll jagħtu qima lill-Feddej tad-dinja. Il-Maġi offrew lil Ġesù r-rigali tagħhom, id-deheb, l-inċens u l-mirra u b'dawn ir-rigali tagħhom urew b'liema mod kienu qed jissieħbu fil-pjan ta' Alla tas-salvazzjoni għall-ġnus kollha ta' l-art; b'dawn l-offerti tad-deheb l-inċens u l-mirra tul iż-żminijiet, il-pagani, ukoll jekk qatt ma semgħu bi Kristu u bil-Magħmudija tiegħu, setgħu jidħlu fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni, Kif? Id-deheb ifisser l-għemejjel tajba li l-bnedmin jagħmlu mal-bnedmin l-oħra: għemejjel ta' mħabba, ta' solidarjetà, ta' għajnuna fil-bżonn, ta' sabar u ta' ħniena; l-inċens huwa l-qima li l-bniedem, imdawwal mill-kuxjenza tiegħu, jagħraf li hemm Alla u minn qalbu jagħtih il-qima li tistħoqqlu billi jagħmel it-tajjeb u jaħrab il-ħażin, kif tgħidlu l-kuxjenza tiegħu; il-mirra huma s-sagrifiċċji li l-bniedem jagħmel biex ma jitbiegħedx minn dak li tgħidlu l-kuxjenza tiegħu. Alla għani fil-ħniena, Alla li jrid lill-bnedmin kollha jsalvaw, iwassal il-pagani ta' rieda tajba mit-triqat misterjużi ta' mħabbtu għall-għarfien sħiħ tiegħu ħa jkunu jistgħu joffrulu d-deheb, l-inċens u l-mirra tagħhom u jiksbu l-istess wirt u l-istess wegħda li saret lilna.

Aħna għandna l-grazzja li nkunu nafu x'inhu dan il-wirt li hemm lest għalina, x'inhi l-wegħda li saritilna minn Alla; nafu għalhekk x'inhu d-deheb, l-inċens u l-mirra li fid-dmir noffru kuljum lil Alla għas-salvazzjoni ta' ruħna. J'alla qatt ma nonqsu minn dan id-dmir tagħna biex meta jasal il-waqt tfeġġ għalina il-kewkba ta' filgħodu li tħabbrilna li wasal għalina l-Jum ta' dejjem li ma għandux għabex.

**It-tieni Ħadd tas-sena**

# Il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja

Tul il-Ħdud li ġejjin, qabel ir-Randan, il-Knisja tistedinna nimmeditaw il-ġrajjiet li seħħu fil-bidu tal-ħajja pubblika tal-Mulej Ġesù: iżda qabel dan, il-Knisja tistedinna naraw min kien Ġesù.

## Il-Qaddej ta' Jahweh

Isaija jitkellem dwar il-Qaddej ta' Jahweh, il-bniedem ġust, li jgħaddi minn ħafna tiġrib minħabba l-ħżiena, li Alla jsejjaħlu u jagħtih kull qawwa biex isejjaħ lura lejn il-qima u l-imħabba ta' Alla mhux biss il-poplu ta' Israel, imma wkoll il-ġnus kollha ta' l-art; lill-Qaddej tiegħu Alla jagħżlu biex ikun dawl għall-ġnus ħalli s-salvazzjoni tiegħu tasal sa truf l-art kollha.

Kliem il-profeta jikseb it-tifsir sħiħ tiegħu jekk fil-Qaddej ta' Jahweh naraw il-Mulej Ġesù: kien hu, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, li ġie fid-dinja mhux biss għas-salvazzjoni tal-Lhud, imma għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha; għalkemm il-missjoni tiegħu Ġesù għamilha fost il-Lhud, qatt ma ċaħħad mill-għajnuna tiegħu lil dawk il-pagani li b'fidi sħiħa biex jersqu lejh jitolbuh l-għajnuna, u qabel reġa' lura għand il-Missier bagħat l-Appostli jwasslu l-Bxara tas-salvazzjoni lill-ħolqien kollha, lill-bnedmin kollha. Bit-tagħlim tiegħu, Ġesù kien tassew dawl għall-ġnus u xandar fosthom il-ġustizzja tiegħu.

## "Hawn jien ġej"

Ġesù hu dawl għall-ġnus mhux biss minħabba t-tagħlim li hu xandar, imma wkoll għaliex offra lilu nnifsu bħala vittma għat-tpattija tad-dnubiet ħalli l-bnedmin jeħilsu mill-kundanna tal-mewt li kellhom fuqhom minħabba d-dnub, u jiksbu mill-ġdid il-ħelsien ta' wlied Alla li kienu tilfu. Dan seta' jseħħ biss minn xi ħadd li kien Alla u bniedem fl-istess waqt, biex bħala bniedem ikun jista' jidher għall-bnedmin kollha, u bħala Alla t-tpattija li jagħmel tkun ta' siwi bla qjies quddiem Alla. Hu għalhekk li fis-sema l-Iben ta' Alla offra lilu nnifsu għas-salvazzjoni tad-dinja: "Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek o Alla". Is-sagrifiċċji li kienu joffru l-bnedmin lil Alla ma kenux jiswewlhom għall-maħfra tad-dnubiet, għalhekk Alla l-Missier ried li Ibnu jsir bniedem ħalli joffri s-sagrifiċċju li ried Alla: "Sagrifiċċji u offerti int ma tgħaxxaqtx bihom, imma widnejja intif ftaħtli; vittmi ta' ħruq ta' tpattija int ma tlabtx, imbagħad jien għidt:

'Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek'."

## Il-Ħaruf ta' Alla

Hu għalhekk li San Ġwann, meta darba ra lil Ġesù riesaq lejh, qal lin-nies li kienu jisimgħuh: "Ara, hawn hu l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja." Kliem San Ġwann b'mod ċar iħabbar li Ġesù kellu joffri lilu nnifsu bħala sagrifiċċju ta' tpattija għad-dnubiet. Il-Ħaruf li l-Lhud kienu jissagrifikaw f'sagrifiċċju għat-tpattija tad-dnubiet ma kienx ineħħilhom dnubiethom: biex ineħħi d-dnubiet tad-dinja kellu jkun Ġesù, li bħala Ħaruf ġwejjed, bla ma fetaħ fommu, ittieħed għas-sagrifiċċju tas-salib.

Bi kliemu San Ġwann jistqarr ukoll li Ġesù ma kienx sempliċi bniedem billi lin-nies qalilhom li Ġesù kien aqwa minnu għax kien qablu, għax kien minn dejjem. U San Ġwann ikompli jgħidilna x'kienet proprju l-missjoni tiegħu: kellu jkun dak li jlesti għal Ġesù poplu mħejji sewwa: "Jien ma kontx nafu, imma ġejt ngħammed bl-ilma sewwa sew biex hu jkun mgħarraf lil Israel". Il-magħmudija ta' Ġwanni kienet magħmudija ta' ndiema, sinjal ta' sogħba u ndiema meħtieġa f'min ried jilqa' l-kelma ta' Ġesù b'mod li tagħmel kotra ta' frott fih.

## Il-Magħmudija ta' Ġesù

San Ġwann twettaq fil-fidi f'Ġesù, meta dan mar jitolbu jitgħammed minnu: San Ġwann ma riedx jgħammdu, iżda dan kien meħtieġ biex jidher is-sewwa kollu, Ġesù ħa l-magħmudija ta' l-indiema ta' San Ġwann biex juri li kien ħa fuqu d-dnubiet kollha tal-bnedmin midinba, iżda dak il-ħin stess li ġie mgħammed, Alla l-Missier ħabbar li kien Ibnu wkoll. San Ġwann bħala xhud tal-misteru tal-Magħmudija tal-Mulej, seta' jistqarr u jgħid għal Ġesù: "Dan hu l-Iben ta' Alla", għax twettaq fil-fidi meta ra l-Ispirtu nieżel fuqu u sema' leħen il-Missier jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu."

Il-magħmudija ta' San Ġwann intemmet meta dan temm il-missjoni tiegħu; iżda flokha daħlet Magħmudija oħra, il-Magħmudija fl-Ispirtu s-Santu, i-Magħmudija li tana Ġesù, li biha aħna niksbu mill-ġdid id-dinjità ta' wlied Alla, insiru aħwa ma' Kristu u wlied adottivi tal-Missier, u għalhekk werrieta tas-saltna tas-sema flimkien ma' Kristu.

Bil-Magħmudija li rċevejna meta ġejna fid-dinja, aħna tqaddisna fi Kristu Ġesù, u ġejna mħejjijin biex inkunu qaddisin u bla tebgħa quddiem Alla f'xirka waħda ta' mħabba ma' dawk kollha li fid-dinja jsejħu l-isem ta' Ġesù u jagħrfuh bħala Sid u Mgħallem tagħhom. Ngħożżu din il-qdusija li ksibna billi nimxu wara Ġesù u ngħożżu t-tagħlim tiegħu, li se twaslilna l-Knisja fil-Ħdud li ġejjin.

### It-tielet Ħadd tas-sena

# Il-Bidu tal-Missjoni ta' Ġesù

## It-tħabbira tal-profeta...

Il-Mulej Ġesù beda l-missjoni tiegħu jxandar l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet meta waslitlu l-aħbar li San Ġwann Battista kien ġie arrestat u mitfugħ fil-ħabs minn Erodi. Ġesù għalhekk ħalla Nazaret, fejn trabba u għex sa ma kellu tletin sena, u telaq lejn Kafarnahum, f'xatt il-baħar tal-Galilija, fl-art ta' Zabulon ta' Neftali.

San Mattew, li fl-Evanġelju tiegħu jurina kif dak kollu li tħabbar fi żmien il-Patt il-Qadim dwar il-Messija, seħħ kollu kemm hu f'Ġesù, jara l-bidu tal-missjoni ta' Ġesù mħabbra mill-profeta Isaija,: "Art ta' Zabulon, art ta' Neftali, it-triq tal-baħar, l-art 'l hemm mill-Ġordan, Galilija tal-ġnus." Meta l-profeta Isaija kiteb dan il-kliem kien qed jara l-poplu Lhudi jerġa lura lejn pajjiżu wara sebgħin sena ta' eżilju f'Babel; jerġa lura mill-istess triq li minnha għaddew l-eżerċti ta' l-Assirja biex ħakmu l-art tal-Lhud u ħadu l-poplu kollu fil-jasar bogħod minn pajjiżu... L-eżilju kien żmien ta' dlamijiet għall-poplu Lhudi, u meta l-eżilju ntemm il-poplu feraħ b'ferħ liema bħalu. Dan kollu jgħidulna l-profeta: Il-poplu li kien miexi fid-dlamijiet ra dawl kbir, u mtela bil-ferħ u l-hena, qisu kiseb rebħa kbira, rebħa bħal dik li fl-imgħoddi l-poplu kien kiseb fuq il-Midjanin.

## ...isseħħ f'Ġesù

Iżda fil-ħsieb ta' Alla, kliem il-profeta kellu t-tifsir aktar għoli, tifsir li aħna nistgħu narawh u nifhmuh. Alla bi kliem il-profeta ried iħabbrilna mhux it-tmiem ta' eżilju ta' ftit snin f'art barranija, imma ried iħabbrilna t-tmiem ta' l-eżilju tal-bniedem mis-saltna tas-sema. Bid-dnub il-bniedem ċaħħad lilu nnifsu mid-dawl ta' Alla u beda jgħix fid-dlamijiet u f'dell il-mewt; il-bniedem kien iħoss it-toqol ta' dan l-eżilju 'l bogħod minn Alla, u kien dejjem jittama li xi darba għad jikseb il-ħelsien biex jifraħ u jithenna. U l-mument tal-ħelsien wasal għall-bnedmin kollha li kienu qed jgħixu taħt il-madmad tad-dnub u l-mewt, meta Ġesù beda l-missjoni tiegħu minn Kafarnahum, minn fejn beda jxandar u jgħid: "Indmu għax qorbot is-Saltna ta' Alla."

## Is-sejħa ta' l-Appostli

U minnufih, malli beda l-missjoni tiegħu, ried isieħeb lil xi wħud miegħu biex imbagħad ikomplu l-missjoni tiegħu tul iż-żminijiet wara li

hu jerġa' lura għand il-Missier. Sejjaħ għal warajh lil Pietru u lil ħuh Indri, sejjaħ ukoll lil ulied Zebedew, sħabhom, Ġakbu u Ġwanni, stedinhom imorru warajh biex min sajjieda tal-ħut jagħmilhom sajjieda tal-bnedmin. U huma ħallew kollox u marru warajh. Din is-sejħa Ġesù baqa' jagħmilha tul iż-żminijiet, iżda mhux dejjem sab min iwieġeb għaliha kif wieġbu l-ewwel erba' Appostli. Ħafna jilqgħu bil-ferħ is-sejħat tiegħu, iżda mbagħad iħallu l-frugħat u l-ħajriet tad-dinja jtelfulhom is-sejħa tagħhom.

Ġesù ma jieqaf qatt isejjaħ lil xi bnedmin biex jimxu warajh aktar mill-qrib, bħall-Appostli, biex ikunu sajjieda tal-bnedmin fiż-żminijiet ta' llum, u llum sajjieda tal-bnedmin bnedmin għal Kristu m'humiex biss is-saċerdoti u r-reliġjużi u l-missjunarji, imma wkoll dawk il-lajċi li għarfu l-kobor tas-sejħa tagħhom bħala nsara fil-ħajja tagħhom ta' kull jum fid-dinja, u qed ikunu huma wkoll Appostli tal-Mulej u jiġbdu lejh il-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

## Biex inkunu tassew appostli tal-Mulej

Iżda San Pawl qed iwissina llum li biex ikunu tassew Appostli tal-Mulej u sajjieda tal-bnedmin, kemm jekk aħna saċerdoti, reliġjużi jew lajċi, jeħtieġ li dak li nagħmlu, nagħmluh biss għall-glorja ta' Alla u mhux biex ikollna t-tifħir tan-nies. San Pawl bi kliem ħerqan jistieden lil dawk kollha li huma appostli tal-Mulej biex jgħixu f'għaqda sħiħa bejniethom, ikunu jaqblu f'kollox, jevitaw kull tilwim, ma jfittxux partiti, imma lkoll jaħdmu, kull wieħed skond il-qasam u s-sejħa tiegħu, għall-bini tas-Saltna ta' Kristu, mingħajr ma jfittxu t-tifħir tal-bnedmin imma jxandru mhux l-għerf tad-dinja imma s-salib ta' Kristu. Dan nistgħu nagħmlu għax imwettqin mid-don ta' l-Ispirtu s-Santu li jaħdem bla heda fina kif ħadem fl-Appostli wara li niżel fuqhom nhar Għid il-Ħamsin. Qabel dakinhar kienu bnedmin dgħajfa, jgħiru għal xulxin, jippikaw biex jaraw min kellu jkun l-ewwel fosthom; Ġesù stabar bihom u qagħad jgħallimhom u l-Ispirtu s-Santu mbagħad wettaqhom fit-tagħlim tal-Mulej. Lilna wkoll il-Mulej għallimna u wettaqna bl-Ispirtu s-Santu, iżda aħna m'aħniex qed inġibu ruħna bħall-Appostli: nitlewmu bejnietna, infittxu aktar dak li jaqbel lilna milli s-Saltna ta' Alla, infittxu l-ġieħ tan-nies, meta m'aħniex ħlief qaddejja li ma jiswew għalxejn.

Ħafna nies twajba tul iż-żminijiet għexu ħajja ta' appostli u ħabirku għall-kobor tas-Saltna ta' Alla, bit-talb, bil-ħidma tagħhom, bis-sagrifiċċji li għamlu, imwettqin bl-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema, mingħajr qatt ma fittxew il-ġieħ tal-bnedmin, imma biss il-kobor ta' Alla; nitgħallmu minnhom, minn din is-sħaba hekk kbira ta' xhieda ta' Kristu, biex aħna wkoll b'ħajjitna kollha nagħtu xhieda ta' Kristu u nkunu tassew appostli tiegħu fid-dinja tagħna ta' llum.

**Ir-raba' Ħadd tas-sena**

# Il-Qofol tat-tagħlim ta' Kristu

## Il-ħsibijiet ta' Alla mhux il-ħsibijiet tal-bnedmin

Smajna lil San Pawl illum jgħidilna li Alla għażel il-ħwejjeġ boloh tad-dinja biex iħawwad l-għorrief, il-ħwejjeġ dgħajfa biex iħawwad il-qawwija, u l-ħwejjeġ baxxi u mistmerra tad-dinja, il-ħwejjeġ li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn il-ħwejjeġ li huma xi ħaġa għan-nies tad-dinja. Dan il-kliem ta' San Pawl in-nies tad-dinja ma jifhmuhx, ma jifhmux kif Alla jagħmel għeġubijiet kbar permezz ta' dawk li quddiem id-dinja, ma jiswew xejn, dawk li d-dinja tmaqdar u tistmerr. Iżda m'għandniex nistagħġbu b'dan għaliex il-ħsibijiet ta' Alla m'humiex il-ħsibijiet tal-bnedmin, u l-fehmiet ta' Alla m'humiex dawk tal-bnedmin. Alla jħares lejn iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu u bihom is-Setgħani jagħmel ħwejjeġ kbar, u jniżżel dawk li huma mkabbra f'qalbhom u jgħolli ċ-ċkejknin, iżommilhom lill-kburin u jagħti ġieħ lill-umli.

## Il-verità tax-xejn tagħna

Din hi verità li nsibuha bi tqila ħafna biex nifhmuha imma hi l-qofol ta' l-Evanġelju u hi l-verità li rridu nħaddnu b'qalbna kollha, jekk irridu nkunu tassew Appostli ta' Kristu. Iżda fil-prattika kif sejrin ngħixu ħa din l-verità li qisha tidher tmur kontra n-natural tagħna l-bnedmin? Iżda jekk inħaddnu l-ispirtu ta' l-Evanġelju tal-Mulej, ma għandniex naslu biex inqisu li din il-verità hi xi ħaġa impossibbli għalina l-bnedmin. Dan għax fl-aħħar mill-aħħar din il-verità m'hijiex ħaġa'oħra ħlief l-għarfien tax-xejn tagħna quddiem Alla. Jekk għandna biex niftaħru, jgħidilna San Pawl, għandna niftaħru fil-Mulej, għax l-għerf, il-ġustizzja, il-qdusija u l-fidwa tagħna kollha ġewna mingħand Kristu Ġesù li fih ksibna ħajja ġdida ta' ħbiberija ma' Alla, ħbiberija li ma tiġi nieqsa qatt jekk ma nagħmlux ħażen, ma ngħidux kliem b'ieħor, ma jqarrqux b'ħadd.

Ġesù nnifsu fl-Evanġelju ta' llum jgħidilna b'liema mod naslu għal din il-verità ta' Alla u ġabar fi tmien ħsibijiet, tmien suriet ta' għemil li jekk nagħmluhom ikunu ħenjin fuq l-art u niksbu l-hena ta' dejjem; huma tmien suriet ta' għemil li jmorru kontra l-fehmiet tan-nies tad-dinja, li, għax huma mehdijin bil-ħwejjeġ tad-dinja qatt ma jaslu jifhmuhom u jaraw fihom mezzi ta' hena bla qjies.

## L-għemil li jagħtin l-hena veru

X'inhuma dawn l-għemejjel? Huma l-faqar fl-ispirtu, it-thabrik għall-

paċi, is-sabar fit-tiġrib, il-ħniena ma' min hu mġarrab, il-ħlewwa tal-qalb u t-tħabrik għall-paċi u l-ġustizzja. Dan l-għemil se jkun imfixxkel minnies tad-dinja, se jkun immaqdar u mistmerr, iżda min jagħmlu, minkejja t-tiġrib kollu li miegħu jiltaqa', jkollu l-hena f'qalbu, għax ikun qed jgħix f'rabta sħiħa ma' Alla, mal-Mulej Ġesù. Għandhom *il-faqar fl-ispirtu* dawk li qalbhom m'hijiex marbuta mal-ġid ta' l-art li jgħaddi u għalhekk jafu jużawh tajjeb, skond ir-rieda ta' Alla biex igawdih kulħadd.

Il-faqar fl-ispirtu m'huwiex ħajja ta' miżerja u ta' nuqqas tal-meħtieġ biex wieħed jgħix ħajja li tixraq il-bniedem; wieħed għani jista' jkollu l-faqar fl-ispirtu għax ma jkollux qalbu marbuta mal-ġid li għandu, imma jużah u jħaddmu biex minnu jgawdi kulħadd, waqt li wieħed jista' jkun nieqes mill-faqar fl-ispirtu meta l-ftit li għandu jorbot qalbu miegħu tant li jasal biex jara x'jagħmel biex ikattru u jwasslu biex jgħir għal min għandu ġid aktar minnu.

*In-niket tal-ħajja* huwa mezz ta' salvazzjoni u ta' hena jekk nagħarfu nilqgħuh bħala rieda ta' Alla, don li Alla jagħtina biex iseħibna ma' Kristu fit-tbatijiet tiegħu ħa ntemmu f'ġisimna dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-kobor tal-Knisja tiegħu; iżda jekk in-niket ma nilqgħux b'dan il-mod u nqisu li Alla nsiena, in-niket tagħna ma jsibx faraġ u nkunu aktar imsejkna mill-bnedmin kollha.

*Dawk li huma ta' qalb ħelwa u umli* jiġbdu lejhom qlub il-bnedmin kollha għax l-imġiba tagħhom tkun dejjem ta' faraġ u ta' għajnuna għal min hu mġarrab mill-ħażen tad-dinja.

*It-tħabrik għall-ġustizzja u għall-paċi* jkollu t-tifħir ta' kulħadd, għax kulħadd jixtieq jgħix fis-sliem il-jiem kollha ta' ħajtu, u kulħadd irid jara mħarsa d-drittijiet fundamentali tiegħu iżda, minkejja li l-bnedmin kollha jridu l-paċi u l-ġustizzja, ħafna jriduhom għalihom biss u jċaħduhom il-bnedmin ħuthom: il-paċi u l-ġustizzja huma doni kbar ta' Alla u biss f'rabta mar-rieda ta' Alla l-bnedmin jistgħu jiksbuhom bi tħabrik li ma jieqaf qatt.

Min hu mġarrab u maħqur mill-hemm tad-dinja, ma jixtieqx ħaġ'oħra ħlief li *l-oħrajn iħennu* għalih mhux bil-kliem biss, imma wkoll billi jgħinuh bil-fatti jintrefa mill-miżerja li fiha jinsab, kemm-il darba ħtija ta' l-egoiżmu u l-ħażen tal-bnedmin ħutu.

Ma hemm xejn isbaħ *mis-safa tal-qalb,* kulħadd japprezzaha, aktar u aktar meta jarawha dejjem aktar mhedda u dejjem aktar qiegħda tonqos fost il-bnedmin mehdijin biss bil-frugħat u l-ħajriet tad-dinja: hi don li nagħarfu sewwa s-siwi tiegħu meta nkunu tlifnih, u d-dinja ta' llum tagħmel minn kollox biex teqred is-safa mill-qalb ta' dawk li għad ma jafux x'inhu l-ħażen tad-dinja, billi tgħallimhulhom mingħajr ma jintebħu bih.

Dawn id-doni, huma doni għeżież, u biex inżommuhom, irridu nitħabtu għalihom. Id-dinja tippersegwita lil dawk li jridu jgħożżu dawn id-doni sbieħ u għeżież, għax bihom huma ċanfira għad-dinja, iżda dawn m'għandhomx jaqtgħu qalbhom għax it-tbatijiet u t-tagħjjir u l-persekuzzjonijiet li jġarrbu dawk li jgħixu dawn il-beatitudnijiet huma biss għal ftit taż-żmien, tul iż-zmien tagħhom f'din id-dinja; meta tgħaddi s-sura ta' din id-dinja għalihom, huma għad jifirħu u jithennew għal dejjem ta' dejjem għax ħlashom ikun kbir fis-smewwiet. Din hi wegħda tal-Mulej, li mhux se tiġi nieqsa qatt, ngħożżuhom u ngħixuhom biex ikolna l-hena tul ħajjitna kollha fuq l-art u meta jasal il-waqt niksbu l-hena ta' dejjem fis-sema.

## Il-ħames Ħadd tas-sena

# Melħ ta' l-art u dawl tad-dinja

### Melt ta' l-art u dawl tad-dinja

"Intom il-melħ ta' l-art... intom id-dawl tad-dinja". Dan qal Ġesù lill-folol kbar li nġabru biex jisimgħuh, u tela' għalhekk fuq muntanja, qagħad bil-qiegħda, resqu lejh id-dixxipli tiegħu, fetaħ fommu u beda jgħallimhom; ried jgħidilhom li jekk iħaddnu t-tagħlim tiegħu u jgħixuh u jxandruh huma jkunu ta' ġid kbir għall-bnedmin kollha tad-dinja. Dan fissirulhom bit-tixbiha tal-melħ u tad-dawl.

X'jagħmel il-melħ? Jagħti togħma tajba lill-ikel, iżomm it-taħsir 'il bogħod mill-ikel. Ġesù għalhekk ried jgħid li dawk li kienu jisimgħuh li jekk jgħixu skond it-tagħlim tiegħu huma joħolqu ambjent ħieni ta' sliem u solidarjetà madwarhom, huma jżommu 'l bogħod minn madwarhom kull sinjal ta' taħsir tar-ruħ, kull sinjal ta' dnub, tal-ħażen. Iżda, ikompli jgħidilna Ġesù, mhux biżżejjed li nżommu t-taħsir tad-dnub 'il bogħod minna, mhux biżżejjed noħolqu madwarna ambjent ħieni ta' sliem u għaqda; jeħtieġ inħabriku wkoll biex dan il-ġid inwassluh lil kulħadd, ħalli kullimkien il-bnedmin jgħixu f'ambjent ta' sliem u ta' solidarjetà u jbiegħdu minnhom kull taħsir ta' dnub u ta' ħażen. Fi kliem aktar sempliċi, aħna li lqajna t-tagħlim tal-Mulej Ġesù, aħna fid-dmir li nħabirku ħa jitbiegħed il-ħażen u d-dnub mid-dinja biex il-bnedmin jgħixu flimkien fl-imħabba u s-sliem. Hekk inkunu tassew melħ ta' l-art u dawl tad-dinja.

### Kif m'aħniex melħ ta' l-art u dawl tad-dinja

It-tagħlim ta' Ġesù ilu jixxandar għal elfejn sena mill-Knisja, iżda l-ħażen u d-dnub ma tbegħdux mid-dinja, iżda żdiedu; il-bnedmin mhux qed jgħixu ħajja ta' għaqda u sliem bejniethom, imma ħajja ta' tilwim u ta' ġlied u ta' vjolenza, illum wisq aktar kiefra milli qatt kienet fl-imgħoddi. Dan għaliex?

Il-melħ biex jagħti togħma tajba lill-ikel ma jridx jaqta'; jekk dan, ma jkunx jiswa għal xejn ħlief li jintrema barra u jintirfes minn nies; dawl ma jqegħduhx taħt il-mod iżda fuq l-imnara biex idawwal lil kull minn jidħol fid-dar. X'ried jgħidilna Ġesù b'dan il-kliem? In-nisrani biex ikun ta' ġid għad-dinja, biex joħloq ambjent qaddis u hieni madwaru, irid jgħix ħajja tajba, irid jagħti xhieda ta' ħajja nisranija quddiem kulħadd biex bl-eżempju tiegħu, iħajjar lill-oħrajn iżommu ruħhom 'il bogħod mid-dnub u jgħixu ħajja qaddisa; jekk in-nisrani dan ma jagħmlux, jekk l-imġiba ta'

ħajtu ma taqbilx dejjem u kullimkien mal-fidi li jħaddan u jistqarr, hu bħal melħ li jaqta' u ma jiswa għalxejn.

Min-naħa l-oħra n-nisrani jrid juri quddiem id-dinja li hu nisrani tassew dejjem u kullimkien; m'għandux ikun nisrani biss bejn l-erba' ħitan ta' daru, u meta joħroġ barra minn daru jimxi skond il-kurrent tad-dinja. B'dan il-mod ma jkunx dawl għad-dinja; l-għemejjel tajba tiegħu ta' nisrani jrid jarahom kulħadd mhux biex ikollu t-tifħir tan-nies, imma biex ikun ta' eżempju tajjeb għalihom.

## Eżempju ta' ħajja nisranija

Il-profeta Isaija fl-ewwel qari ta' llum jagħtina xi eżempji ta' kif aħna nistgħu nkunu melħ ta' l-art u dawl tad-dinja. Jgħidilna: "Aqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ, daħħal f'darek l-imsejken bla saqaf, libbes lil min hu għarwien". Isaija mhux qed iħeġġiġna ħlief li nagħmlu opri tal-ħniena ma' ħutna fil-bżonn għall-imħabba ta' Alla għax f'min hu fil-bżonn naraw lil Kristu stess u ngħinuh fil-foqra tiegħu. U meta nagħmlu dawn l-opri tal-ħniena nkunu qed indawwlu d-dinja, inkunu qed nagħtu eżempji sbieħ u tajba lill-bnedmin kollha.

Il-Knisja qiegħda tħeġġiġna llum biex nagħmlu dawn l-opri tal-ħniena ħa nkunu l-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja, iżda bi kliem San Pawl qed twissina li dawn l-opri tajba ma nagħluhomx għal għajn in-nies, biex niksbu t-tifħir tagħhom, imma rridu nagħmluhom għall-imħabba ta' Alla. San Pawl lill-Korintin kitbilhom li ma marx fosthom iħabbrilhom lil Kristu bil-kliem għaref u kbir ta' l-għorrief tad-dinja, biex ifaħħruh u jagħtuh ġieħ; mar fost il-Korintin imbeżża' u mriegħed; ħass ruħu dgħajjef quddiemhom; iżda ma kienx qed jafda fuq il-ħila tiegħu biex ixandrilhom l-Evanġelju; mar fosthom f'isem Ġesù msallab biex jurihom li l-ħidma tiegħu ma kenitx imqawwija bl-għerf tad-dinja, imma bl-Ispirtu ta' Alla. Fi kliem ieħor San Pawl ma fittixx il-ġieħ u l-unuri tal-Korintin, imma biss fittex li jirbaħhom għal Kristu, u kien żgur li se jirbaħhom, għax kien Alla li kien qed jiġbidhom lejh permezz ta' San Pawl bħala strument f'idejh. U hekk San Pawl jgħallimna llun li jekk irridu nkunu melħ ta' l-art u dawl tad-dinja, irridu nħallu f'idejn Alla l-għemil kollu tagħna bħala nsara biex, bħala strument ħajjin f'idejn Alla, noħolqu madwarna ambjent ta' vera ħajja nisranija fejn isaltnu s-sliem u l-għaqda, ħalli nkunu ta' eżempju għad-dinja bl-opri tal-ħniena li nagħmlu ma' ħutna fil-bżonn.

# San Pawl Missierna

## San Pawl f'Malta

L-għaxra ta' Frar hu jum ta' festa kbira għalina għaliex ifakkarna fit-tliet xhur li fihom l-Appostlu tal-ġnus għex fostna fi triqtu lejn Ruma, wara li ra l-għarqa fuq ix-xtut ta' gżiritna. San Pawl, jgħidilna San Ġwann Griżostmu, bil-ħeġġa li biha kien mixgħul għall-Mulej Ġesù, żgur ma baqax sieket, għax ma setax ma jsemmix lil missirijietna u jxandrilhom l-imħabba bla qjies ta' Alla għall-bnedmin, imħabba li waslitu biex lanqas lil Ibnu stess ma ħelisha imma tah għas-salvazzjoni tad-dinja kollha. Il-Maltin li wrew tjieba liema bħalha ma' San Pawl u ma' dawk kollha li raw l-għarqa fuq xtut gżiritna, skond San Ġwann Ġriżostmu, żgur wieġbu bil-ħerqa għall-kliem San Pawl u hafna ħaddnu l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni: pajjiżna beda jgħix ħajja ġdida fi Kristu.

Tul it-tliet xhur li San Pawl dam fostna, pajjiżna sar art nisranija, u baqa' jgħożż din id-dinjità tul iż-żminijiet kollha, minkejja l-fatt li meta San Pawl ħalla Malta biex ikompli l-vajġġ tiegħu lejn Ruma fejn kellu jagħti xhieda għal Kristu, Malta nisranija kienet biss merħla żgħira fost kotra kbira ta' pagani. Tul iż-żminijiet iż-żerriegħa tal-fidi li San Pawl żera' fostna nibtet u kibret u saret siġra kbira bl-għeruq tagħha fil-fond tal-qalb Maltija; l-irwiefen tal-ħażen ma rnexxielhom qatt jeqirdu s-siġra tal-fidi li ħawwel San Pawl, ukoll fi żmien li fih f'Malta ma kienx hemm jgħammru ħlief ftit insara lsira tal-ħakkiema misilmin.

## San Pawl u l-fedeltà tagħna lejn il-Knisja

Fost l-affarijiet kollha li raw il-ħidma ta' San Pawl, l-art Maltija biss baqgħet dejjem f'rabta sħiħa mal-Knisja li San Pawl waqqaf flimkien ma' San Pietru fil-belt ta' Ruma, u sa llum San Pawl baqa' jħarsilna dan il-wirt għażiż tal-fidi kattolika li ħallielna; u jkompli jħarisulna, iżda min-naħa tagħna rridu nħabriku biex dan il-wirt ngħożżuh ħalli bla mittiefes ngħadduh lil uliedna u lil ulied uliedna, kemm dawk li qed jgħixu f'din l-art ħelwa li tatna isimha, u kemm dawk li marru jgħixu f'pajjiżi oħra, fejn huma fid-dmir jagħtu xhieda ta' Kristu bħala wlied San Pawl.

## Alla ħabbna b'imħabba speċjali

B'liema mod se ngħożżu dan il-wirt ta' fidi li ħallielna San Pawl? Nibqgħu ngħożżuh billi ma ninsew qatt dak li l-Mulej ried li jseħħ fostna u għalina.

Alla ħabbna b'imħabba speċjali; fil-provvidenza tiegħu ried li jasal

fostna l-Appostlu tiegħu; San Pawl ma kellux ħsieb jiġi fostna jxandar l-Evanġelju, kien Alla li nqeda bil-fehmiet tal-bnedmin biex iħaddem il-pjan tal-provvidenza tiegħu għalina. San Pawl ma riedx jitlaq minn Kreta għax ix-xitwa kienet qrib sewwa imma l-kaptan tal-ġifen deherlu li kellu jkompli l-vjaġġ lejn Ruma, iżda malli l-ġifen ħalla Kreta qamet tempesta qalila u għal erbatax-il ġurnata l-ġifen kien mitluf f'nofs il-ħalel tal-baħar; kulħadd ħaseb li se jintilef, iżda San Pawl, imnebbaħ minn anġlu, ħabbrilhom li kien jeħtieġ li jaslu f'xi gżira, u meta ħelsu mill-għarqa raw li l-gżira kienet Malta.

Jekk naqraw l-Atti ta' l-Appostli naraw kemm verament kienet il-provvidenza ta' Alla għalina li waslitilna lil San Pawl biex jagħtina twelid ġdid fi Kristu u jkun Missierna fil-fidi.

## Alla jmexxi kollox bil-provvidenza tiegħu

Kliem l-Atti ta' l-Appostli hu mwettaq minn kliem il-Ktieb ta' l-Għerf u mis-Salm mija u sitta. Il-kliem tal-Ktieb ta' l-Għerf jurina kif kienet il-provvidenza ta' Alla li ħelset lil Noe u lil kull min kien hemm fl-arka miegħu mid-dilluvju, u l-istess provvidenza ta' Alla ħelset lil San Pawl u lil dawk kollha li kienu fil-ġifen miegħu mill-għarqa u waslitu fostna ħa jxandrilna l-Evanġelju. Alla fetaħ triq fil-baħar u mogħdija żgura fost il-ħalel, minkejja li n-nies tal-ġifen "bdew iduru u jixxenglu u tilfu ħilithom kollha", iżda l-Mulej kien qed imexxihom lejn il-gżira li fiha ried li jitħabbar l-Evanġelju tiegħu.

## Jalla San Pawl ikompli fostna l-mirakli tiegħu

Meta San Pawl u dawk li kienu miegħu ħelsu mill-għarqa sabu kenn għand il-Maltin li laqgħuhom bil-ħlewwa kollha u Pubblju il-prinċep tal-gżira laqagħhom għandu għal tlett ijiem. San Pawl fejjaqlu l-missieru mill-marda li kellu u mbagħad fejjaq il-morda kollha li ġabulu. Jalla l-għeġubijiet li għamel San Pawl fostna ikompli jagħmilhom illum ukoll: ikeċċi minn fostna x-xjaten tal-ħażen li qed jinxterdu kullimkien f'pajjiżna, ifejjaqna mill-mard kollu tar-ruħ u tal-ġisem, ibiegħed minna kull tagħlim li mhux l-Evanġelju ta' Kristu, biex kif bqajna fidili lejn Kristu sa llum, nibqgħu fidili lejh tul iż-żminijiet kollha li ġejjin.

## Is-sitt Ħadd tas-sena

# Il-Perfezzjoni tal-Liġi

### Il-liġi ta' Alla u l-bniedem

"Xejn taħsbu li jiena ġejt biex inwaqqa' l-Liġi jew il-Profeti; jien ma ġejtx biex inwaqqagħhom, imma biex inwassalhom għall-perfezzjoni."

Wara li Ġesù stieden lil dawk li kienu jisimgħuh biex ikunu l-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja, urihom imbagħad li huma jkunu dawl tad-dinja u l-melħ ta' l-art jekk iħarsu l-Liġi ta' Alla fil-perfezzjoni kollha tagħha.

Il-Liġi ta' Alla hi pefetta u tferraħ il-qlub, iżda l-bnedmin bil-ħila tagħhom biss qatt ma għarfu kif iħarsuha fil-perfezzjoni kollha tagħha. Alla l-liġi tiegħu kitibha fil-kuxjenza ta' kull bniedem, iżda l-kuxjenza tal-bniedem, imdallma mid-dnub, ma kenitx biżżejjed għall-bniedem biex jagħraf il-liġi ta' Alla fis-safa kollu tagħha; għalhekk Alla ta l-liġi tiegħu lil Mosè fuq is-Sinaj, miġbura f'għaxar kelmiet, biex ixandarha lill-poplu minn nisel Abraham li kien għażel għalih; iżda dan il-poplu wkoll qatt ma wasal biex iħarisha fis-sħuħija kollha tagħha, u, minħabba l-ebusija ta' rashom, Mosè ippermetta wkoll xi eċċezzjonijiet għal-liġi ta' Alla, bħalma kienet l-eċċezzjoni tad-divorzju. Iżda meta Ġesù ġie fid-dinja u beda jgħallem, ried iwassal il-Liġi ta' Alla għall-perfezzjoni li kellha mill-bidu u ried li l-liġi ta' Alla tkun imħarsa sa l-iċken tikka tagħha, fis-sħuħija kollha tagħha, hekk li qal li min iħares il-liġi kollha u jgħallimha sa l-iżgħar fost il-kmandamenti tagħha jkun kbir fis-saltna tas-smewwiet, jikseb l-hena ta' dejjem fil-milja kollha tiegħu.

### L-hena li niksbu bil-ħarsien tal-liġi

Dan jgħidulna San Pawl fit-tieni qari tal-Quddiesa: meta jsemmi l-għerf ta' Alla moħbi f'misteru, l-għerf mhux ta' din id-dinja, l-għerf mhux tal-mexxejja ta' din id-dinja; huwa għerf li Alla fassal sa mill-bidunett u kitbu fil-kuxjenza ta' kull bniedem li jiġi fid-dinja; dan l-għerf huwa l-Liġi ta' Alla, dik il-Liġi li l-għorrief tad-dinja u l-mexxejja tagħha ma għarfux – kieku għarfuha, jgħidilna San Pawl, ma kenux isallbu 'l Kristu. – Din il-Liġi Ġesù wassalha għall-perfezzjoni tagħha u ħalliha f'idejn l-Appostli u s-suċċessuri tagħhom biex iħabbruha lid-dinja tul iż-żminijiet. Il-ħarsien tal-Liġi fil-perfezzjoni kollha tagħha twassalna għall-ħajja ta' dejjem: ma nafux din x'inhi, iżda tana xi ħjiel tagħha l-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna; ma nafux x'inhi, jgħidilna San Ġwann, imma nafu li naraw 'l Alla wiċċ imb'wiċċ, naraw dak li, kif jikteb San Pawl, għajn qatt ma rat, widna

qatt ma semgħet, dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, li Alla lesta għal dawk li jħobbuh,.

Dan l-hena tal-ħajja ta' dejjem Alla jrid jagħtih lill-bnedmin kollha, iżda ħalla f'idejn il-bnedmin stess jagħżluhx jew iwarrbuhx minnhom; il-bnedmin għandhom quddiemhom għażla bejn in-nar u l-ilma, it-tajjeb u l-ħażin. Alla jrid li l-bniedem jagħżel it-tajjeb, ma jikkmandax lill-bniedem biex jagħmel id-dnub, ma jħallilux wisa' għad-dnub, imma jirrispettalu l-libertà tar-rieda tiegħu li biha żejnu. Il-bniedem jitlef l-hena ta' dejjem għax irid hu, u jitlifha jekk ma jagħtix widen għall-kliem tal-Mulej li jurih kif għandu jħares il-kmandamenti fil-perfezzjoni kollha tagħhom.

## Kif inħarsu xi kmandamenti b'mod perfett

Illum il-Mulej irid jurina b'liema mod għandna nħarsu tlieta mill-kmandamenti ta' Alla fil-perfezzjoni kollha tagħhom.

Il-kmandament "La toqtolx" mhux biss irid minna l-ħarsien tal-ħajja tiegħek innifsek u ta' l-oħrajn, il-ħarsien tal-ħajja sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha sat-tmiem naturali tagħha; irid minna wkoll li nevitaw il-ġlied u t-tilwim, il-vjolenza u t-theddid u nfittxu l-paċi u r-rikonċiljazzjoni ma' kulħadd - tant hi importanti r-rikonċiljazzjoni li Ġesù jrid li qabel wieħed jersaq jagħmel l-offerti tiegħu lil Alla għandu jkun paċi ma' kulħadd.

Il-kmandament "Tagħmilx adulterju" mhux biss irid il-ħarsien tal-qdusija taż-żwieġ, imma jikkundanna wkoll kull għemil li jmur kontra s-safa tar-ruħ u tal-ġisem, għax Alla ħalaq il-ġisem għall-qdusija u mhux għaż-żina u jrid li nżommu ruħna bogħod minn kull okkażjoni li tista' twaqqa' lilna jew lil xi ħadd ieħor fid-dnub.

Bil-ħalf insejħu 'l Alla bħala xhud ta' kliemna u għemilna, għalhekk hu offiża kbira lil Alla jekk naħilfu fil-falz, u jekk naħilfu skond il-verità rridu nżommu kelmtna f'ġieħ Alla. Iżda naħilfu għax ma aħniex sinċieri, għax ma nafdawx lil xulxin, għalhekk Ġesù jgħidilna li jekk irridu nkunu perfetti ma naħilfu xejn, imma nkunu dejjem sinċieri fi kliemna u f'għemilna: din hija l-perfezzjoni li rridu nfittxu, u bl-għajnuna ta' Alla nistgħu niksbuha.

Il-ħarsien tal-Liġi ta' Alla fil-perfezzjoni kollha tagħha titlob impenn sħiħ minna, iżda m'hijiex xi ħaġa li ma tistax tkun; bil-ħila tagħna biss ma naslux, imma kollox nistgħu bl-għajnuna ta' dak li jwettaqna bil-grazzji tiegħu u bl-Ispirtu qaddis tiegħu jmexxina mill-mogħdijiet mudlama ta' din id-dinja tad-dnub għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb.

## Is-seba' ġimgħa tas-sena

# L-Imħabba ta' kulħadd

### Il-liġi ta' l-imħabba u l-liġi tat-tpattija

Il-Liġi u l-profeti, jgħidilna Ġesù, huma kollha miġburin f'kmandament wieħed: "Ħobb 'l Alla fuq kollox, u l-għajrek bħalek innifsek". Dan il-kmandament niltaqgħu miegħu wkoll fi żmien il-Patt il-Qadim. Insibuh fil-Ktieb tal-Levitiku, kif tħabbrilna fl-ewwel qari ta' llum. Mosè wera lill-poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim x'jiġifieri tħobb l-għajrek bħalek innifsek meta ħeġġiġhom biex ikunu qaddisin kif hu qaddis Alla billi ma jbejtux f'qalbhom kontra ħuthom, ma jpattux deni b'deni, imma jippruvaw jiġbdu għat-triq it-tajba min jagħmel id-deni billi jwissuh bla heda. Iżda l-poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim ma għarfux il-perfezzjoni ta' dan il-kmandament ta' l-imħabba; kienu jqisu bħala għajrhom, qrabathom, il-ġirien tagħhom, in-nies ta' ġenshom biss; il-barranin, il-pagani ma kenux iqisuhom għajrhom u ma kenux juruhom mogħdrija u ħniena, imma kienu jimxu magħhom bil-liġi tat-tpattija: "Għajn b'għajn, sinna b'sinna".

Ġesù llum irid jurina li din il-liġi tat-tpattija tmur kontra l-ispirtu tal-liġi ta' l-imħabba tal-proxxmu. Il-perfezzjoni ta' l-imħabba tal-proxxmu jgħallimielna l-Mulej, meta jgħidilna li rridu nżommu 'l bogħod minna l-ispirtu tat-tpattija u tal-vendetta. Jekk xi ħadd jagħmlilna xi deni, m'għandniex inwieġbu bid-deni aħna wkoll, għax hekk inkunu nagħtu bidu għal sensiela dejjem tiżdied ta' deni li tagħha mbagħad wieħed ma jkunx jista' jsib tarf: u dan nafuh mill-esperjenza; tilwima żgħira, jekk ma ngħassux lilna nfusna tista' twassalna għall-konsegwenzi mill-aktar koroh, li qatt ma konna nistennewhom jew nissoponuhom. Mhux dan irid minna l-ispirtu nisrani; għandna npattu d-deni bil-ġid, għax il-ġid li nagħmlu lil min jagħmlilna xi deni jasal biex imewwet fl-ieħor il-mibegħda li jkollu kontrina. Dan ried ifisser Ġesù meta qalilna li jekk xi ħadd jagħtik bil-ħarta fuq ħaddek il-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll u mhux tagħti daqqa ta' ħarta fuq ħaddu int ukoll, għax imbagħad żgur hu jwieġeb b'daqqa ta' ħarta oħra, u tqum ġlieda liema bħalha. Ġesù jsemmi eżempji oħra, kif smajna, u huma kollha eżempji li juru spirtu ta' rikonċiljazzjoni, impenji biex jinżammu l-għaqda u s-sliem, ikun xi jkun, għax kollox mitluf bil-ġlied u l-inkwiet, u ma hemm xejn isbaħ mill-għaqda u s-sliem.

### Il-perfezzjoni ta' l-imħabba

Kliem Ġesù jwassalna biex nifhmu sa fejn tasal il-perfezzjoni tal-

kmandament ta' l-imħabba: "Ħobbu l-għedewwa tagħkom, itolbu għal min jippersegwitakom biex tkuun perfetti bħal Missierkom li hu fis-smewwiet". L-imħabba ta' l-għedewwa għandu jkun is-sinjal li bih jingħażlu l-insara mill-bqija tal-bnedmin; l-insara jridu jkunu perfetti kif hu perfett il-Missier tagħna tas-sema li hu għani fil-ħniena u jħobb lil kulħadd u jagħmel il-ġid lit-tajbin u lill-ħżiena, lil min iħobbu u lil min iġarrbu u jiċħdu. Meta ma nħobbux lil min jagħmlilna d-deni u npattulu d-deni li jagħmlilna b'deni ieħor ma nkunux aħjar mill-bqija tal-bnedmin li jħobbu biss min iħobbhom u jagħmlilhom il-ġid. Hu għalhekk il-Mulej kollu ħerqan jgħidilna llum: "Kunu perfetti bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet".

Dan il-kliem ta' Ġesù narawh iebes wisq, imur kontra n-natural tagħna, imur kontra l-fehmiet tan-nies tad-dinja: m'intix raġel jekk m'għandekx ħila tieqaf lil min jiqaflek, int nieqes mill-kuraġġ, int bniedem dgħajjef. Hekk jaħsbu n-nies tad-dinja, iżda trid kuraġġ akbar u qawwa aktar sħiħa biex twieġeb bil-ġid għad-deni li jsirlek, għax b'hekk tkun qed tirbaħ in-natural tiegħek imġarrab bid-dnub. U dan tista' tagħmlu, bl-għajnuna ta' Alla, bl-għajnuna ta' l-Ispirtu ta' Alla li jgħammar fik, kif fakkarna San Pawl fit-tieni qari ta' llum.

## L-Ispirtu ta' Alla fina

L-Ispirtu ta' Alla li jgħammar fina jurina li frugħa huma l-fehmiet tan-nies tad-dinja u li l-għerf tad-dinja huwa ħażin għax imur kontra l-perfezzjoni tal-Liġi ta' Alla, u huwa bluha quddiem Alla, waqt li għad-dinja hi bluha l-perfezzjoni ta' l-imħabba ta' Alla. Aħna għażilna nkunu boloh quddiem id-dinja, biex ikollna l-għerf ta' Alla, ħalli Alla jgħammar fina u nkunu tassew tempju ta' Alla; ma nfittxux it-tifħir u l-ġieħ tal-bnedmin imma nfittxu biss lil Alla u kollox ikun tagħna: id-dinja u kull ma fiha, il-ħajja u l-mewt, iż-żmien ta' issa u ż-żmien li ġej, għax aħna ta' Kristu li kisibna għalih fil-Magħmudija tagħna, biex iwassalna għand Alla l-Missier.

Jalla ngħixu din il-ħajja li ksibna bil-Magħmudija, billi nħarsu l-Liġi ta' Alla fil-perfezzjoni kollha tagħha, bl-għajnuna ta' l-Ispirtu li jgħammar fina u jaħdem bla heda fina bid-doni tiegħu u bl-imħabba li jsawwab fina u jgħinna negħelbu kull tfixkil li nsibu biex inħarsu l-Liġi fil-perfezzjoni kollha tagħna.

# Intenzjonijiet għall-Appostolat tat-Talb 1996

## Jannar

Biex l-insara kollha jimpenjaw ruħhom għall-ħarsien tal-paci u għad-diżarm permezz ta' għemil profetiku ta' solidarjetà u ta' kundanna ta' kull sura ta' vjolenza.

Biex l-għarfien tar-responsabbiltà tagħna lkoll li jħabbru 'l Kristu lid-dinja jkattar l-ispirtu ekumeniku fost l-insara.

## Frar

Biex il-mediċina turi dejjem fedeltà sħiħa lejn il-missjoni umanitarja għolja li għaliha hi msejħa.

Biex iċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji tal-Morda tgħin lil min qed ibati li, bl-offerta lill-Mulej tat-tbatijiet tiegħu, ikun qed jgħin il-ħidma missjunarja..

## Marzu

Biex dan il-mument ta' tħejjija għas-sena 2000 fi ħdan il-poplu nisrani jqanqal għarfien tat-tifsir u tas-siwi li għandu l-Ġublew il-Kbir fl-istorja tal-bnedmin.

Biex l-Ispirtu s-Santu jiddisponi għad-djalogu lil dawk li m'humiex insara u jifħilhom moħħhom u qalbhom għad-dawl ta' l-Evanġelju.

## April

Biex il-ġenituri jagħtu xhieda lil uliedhom ta' qsim ġeneruż ma' dawk li huma l-aktar foqra tal-ġid spiritwali u materjali.

Biex bl-eżempju ta' ħajja nisranija, il-familji jgħinu ħa jimbtu ħafna vokazzjonijiet missjunarji, saċerdotali u reliġjużi.

## Mejju

Biex bl-interċessjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija l-qawwiet kollha ħajja tal-parroċċi jaħdmu flimkien għal dak it-tiġdid spiritwali li hu dejjem meħtieġ.

Biex, fuq l-eżempju tal-Verġni Mqaddsa Marija l-mara nisranija tagħraf tilqa' u tagħmel il-ħidma li hi proprja tagħha fil-missjoni evanġelizzatriċi tal-Knisja.

## Ġunju

Biex dejjem aktar wieħed verament "iħoss bħalma tħoss il-Knisja" u dan jurih billi jilqa' bil-fedeltà kollha u b'responsabbiltà sħiħa t-tagħlim tal-Maġisteru.

Biex id-direttivi għall-ħidma tas-Sinodu għall-Afrika jgħin ħa jnisslu ħeġġa ġdida ta' evanġelizzazzjoni fil-komunitajiet insara kollha tal-kontinent Afrikan.

## Lulju

Biex id-djakni permanenti u dawk li huma qrib tagħhom jagħrfu dejjem aktar l-importanza tal-qadi li ġie fdat lilhom.

Biex fl-Amerika Latina t-tkattir tal-vokazzjonijiet jagħti ħajja ġdida lill-ħidma missjunarja tal-Knejjes lokali.

## Awissu

Biex jerġgħu lura fi ħdan il-Knisja dawk kollha li tbiegħdu minnha.

Biex fil-Knisja kollha tinħass li minnufih kemm jista' jkun malajr jitħabbar Kristu u l-messaġġ tiegħu lill-popolazzjonijiet ta' għadd bla qjies ta' l-Asja.

## Settembru

Biex il-Knisja tagħraf tkellem l-irġiel u n-nisa ta' kull kultura bi kliem li jista' jiftaħ bieb għal qalbhom.

Biex is-solidarjetà internazzjonali, u speċjalment dik tal-pajjiżi nsara, tgħin biex ittaffi l-faqar ta' pajjiżi inqas ixxurtjati.

## Ottubru

Biex il-ġustizzja bl-għeruq tagħha fl-imħabba tkun il-qofol tal-formazzjoni taż-żgħażagħ.

Biex il-Ġurnata Missjunarja tfakkar lill-insara kollha bid-dmir tagħhom li jagħtu sehemhom minnufih u b'qalb kbira u jimpenjaw ruħhom fil-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni.

## Novembru

Biex l-għalliema fl-iskejjel u l-ħaddiema fil-*mass media* jħossu d-dmir li jedukaw lin-nies fil-fraternità u s-solidarjetà universali.

Biex tinxtered u tissaħħaħ il-kuxjenza missjunarja ta' l-imgħammdin kollha.

## Diċembru

Biex it-tfal orfni minħabba l-gwerer u l-vjolenza jsibu ċentri veri ta' mħabba fejn iħossu li qed jiġu milqugħin bil-qalb.

Biex il-Milied tal-Mulej iwassal lit-tfal u lill-kbar jagħrfu l-ġmiel tad-don tal-ħajja u jimbuttahom jgħixuha fil-milja tad-dehra nisranija tagħha.